

P9_TA(2022)0077

Il-batteriji u l-iskart ta' batteriji *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Marzu 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 (COM(2020)0798 – C9-0400/2020 – 2020/0353(COD))⁽¹⁾

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2022/C 347/30)

Emenda 1**Proposta għal regolament****Premessa 2***Test propost mill-Kummissjoni*

- (2) Il-batteriji huma b'hekk sors importanti ta' enerġija u wieħed mill-instigaturi ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli, il-mobbiltà ekoloġika, l-enerġija nadifa u n-newtralità klimatika. Huwa mistenni li d-domanda għall-batteriji se tikber b'mod rapidu fis-snin li ġejjin, b'mod partikolari għall-vetturi elettriċi tat-trasport bit-triq li jużaw il-batteriji għall-ġbid, u b'hekk dan is-suq isir dejjem aktar strateġiku fil-livell globali. Se jkompli jkun hemm progress tekniku u xjentifiku sinifikanti fil-qasam tat-teknoloġija tal-batteriji. Fid-dawl tal-importanza strateġika tal-batteriji, u biex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-operaturi kollha involuti u jiġu evitati d-diskriminazzjoni, l-ostakoli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet fis-suq għall-batteriji, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-parametri tas-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni haġja tal-batteriji, kif ukoll dwar l-informazzjoni dwar il-batteriji. Jeħtieġ li jinħoloq qafas regolatorju armonizzat biex jittratta ċ-ċiklu tal-haġja kollu tal-batteriji li jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni.

Emenda

- (2) Il-batteriji huma b'hekk sors importanti ta' enerġija u wieħed mill-instigaturi ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli, il-mobbiltà ekoloġika, l-enerġija nadifa u n-newtralità klimatika. Huwa mistenni li d-domanda għall-batteriji se tikber b'mod rapidu fis-snin li ġejjin, b'mod partikolari għall-vetturi elettriċi tat-trasport bit-triq **u għal mezzi tat-trasport ħfief** li jużaw il-batteriji għall-ġbid, u b'hekk dan is-suq isir dejjem aktar strateġiku fil-livell globali. Se jkompli jkun hemm progress tekniku u xjentifiku sinifikanti fil-qasam tat-teknoloġija tal-batteriji. Fid-dawl tal-importanza strateġika tal-batteriji, u biex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-operaturi kollha involuti u jiġu evitati d-diskriminazzjoni, l-ostakoli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet fis-suq għall-batteriji, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-parametri tas-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni haġja tal-batteriji, kif ukoll dwar l-informazzjoni dwar il-batteriji **għall-konsumaturi u għall-operaturi ekonomiċi**. Jeħtieġ li jinħoloq qafas regolatorju armonizzat biex jittratta ċ-ċiklu tal-haġja kollu tal-batteriji li jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni.

⁽¹⁾ Il-kwistjoni ġiet riferuta lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0031/2022).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2a) *Jeħtieġ ukoll li tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji u biex jittieħdu miżuri li jiproteġu l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem billi jiġu evitati jew jitnaqqsu l-impatti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġar tal-iskart, billi jitnaqqas l-impatt tal-użu tar-riżorsi u billi titjeb l-effiċjenza fir-riżorsi. Tali miżuri huma kruċjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u ekonomija newtrali għall-klima u ambjent ħieles minn sustanzi tossiċi, u biex jiġu garantiti l-kompetittività u l-awtonomija strateġika fit-tul tal-Unjoni. Dawn jistgħu jgħallqu opportunitajiet ekonomiċi importanti, iżidu s-sinerġiji bejn l-ekonomija ċirkolari u l-politiki dwar l-enerġija, il-klima, it-trasport, l-industrija u r-riċerka, u jiproteġu l-ambjent u jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.*

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-tipi kollha ta' batteriji u akkumulaturi mqiegħda fis-suq jew fis-servizz fl-Unjoni, kemm jekk wehdom jew inkorporati f'apparati jew inkella fornuti ma' vetturi u apparati elettriċi u elettroniċi. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika irrispettivament minn jekk batterija tkunx iddisinjata speċifikament għal prodott jew tkunx ta' użu ġenerali u irrispettivament minn jekk tkunx inkorporata fi prodott jew tkunx fornuta flimkien ma' prodott li fih għandha tintuża jew inkella separatament minnu.

- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-tipi kollha ta' batteriji u akkumulaturi mqiegħda fis-suq jew fis-servizz fl-Unjoni, **irrispettivament jekk ikunux ġew prodotti fl-Unjoni jew importati**, kemm jekk wehdom jew inkorporati f'apparati jew inkella fornuti ma' vetturi u apparati elettriċi u elettroniċi. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika irrispettivament minn jekk batterija tkunx iddisinjata speċifikament għal prodott jew tkunx ta' użu ġenerali u irrispettivament minn jekk tkunx inkorporata fi prodott jew tkunx fornuta flimkien ma' prodott li fih għandha tintuża jew inkella separatament minnu.

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

- (12) Fil-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tar-Regolament, huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn kategoriji differenti ta' batteriji f'konformità mad-disinn u l-użu tagħhom, indipendentement mill-kimika tal-batteriji. Il-klassifikazzjoni f'batteriji portabbli, minn naħa waħda, u batteriji industrijali u batteriji awtomotivi, min-naħa l-oħra, skont id-Direttiva 2006/66/KE, jenħtieġ li tiġi żviluppata aktar biex tkun tirrifletti aħjar l-iżviluppi ġodda fl-użu tal-batteriji. Il-batteriji li jintużaw għat-trazzjoni f'vetturi elettriċi u li skont id-Direttiva 2006/66/KE jaqgħu fil-kategorija ta' batteriji industrijali, jikkostitwixxu parti tas-suq kbira u li qed tikber minħabba t-*tkabbir rapidu* ta' vetturi elettriċi tat-trasport bit-triq. Għalhekk huwa xieraq li daww il-batteriji li jintużaw għat-trazzjoni f'vetturi tat-triq jiġu kklassifikati bħala kategorija ġdida ta' batteriji tal-vetturi elettriċi. Il-batteriji użati għat-trazzjoni f'vetturi oħra tat-trasport inkluż it-trasport bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru, għadhom jaqgħu fil-kategorija ta' batteriji industrijali skont dan ir-Regolament. It-tip ta' batteriji industrijali jinkludi grupp wiesa' ta' batteriji, maħsuba biex jintużaw għall-attivitajiet industrijali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, l-attivitajiet industrijali jew il-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika. Minnbarra din il-lista mhix eżawrjenti ta' eżempji, kwalunkwe batterija li la tkun batterija portabbli, la batterija awtomotiva u lanqas batterija ta' vetturi elettriċi jenħtieġ li tiġi kkunsidrata batterija industrijali. Il-batteriji użati għall-ħżin tal-enerġija f'ambjenti privati jew domestiċi huma kkunsidrati batteriji industrijali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. **Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-batteriji kollha użati fil-mezzi tat-trasport ħfief, bħal roti elettriċi u skuters, jiġu kklassifikati bħala batteriji portabbli, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' batteriji portabbli.**

Emenda

- (12) Fil-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tar-Regolament, huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn kategoriji differenti ta' batteriji f'konformità mad-disinn u l-użu tagħhom, indipendentement mill-kimika tal-batteriji. Il-klassifikazzjoni f'batteriji portabbli, minn naħa waħda, u batteriji industrijali u batteriji awtomotivi, min-naħa l-oħra, skont id-Direttiva 2006/66/KE, jenħtieġ li tiġi żviluppata aktar biex tkun tirrifletti aħjar l-iżviluppi ġodda **u l-*firxa tas-suq*** fl-użu tal-batteriji. Il-batteriji li jintużaw għat-trazzjoni f'vetturi elettriċi u li skont id-Direttiva 2006/66/KE jaqgħu fil-kategorija ta' batteriji industrijali, jikkostitwixxu parti tas-suq kbira u li qed tikber minħabba t-*tkabbir rapidu* ta' vetturi elettriċi tat-trasport bit-triq. Għalhekk huwa xieraq li daww il-batteriji li jintużaw għat-trazzjoni f'vetturi tat-triq jiġu kklassifikati bħala kategorija ġdida ta' batteriji tal-vetturi elettriċi. Il-batteriji użati għat-trazzjoni f'vetturi oħra tat-trasport inkluż it-trasport bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru, għadhom jaqgħu fil-kategorija ta' batteriji industrijali skont dan ir-Regolament. **Il-batteriji użati għat-trazzjoni f'*mezzi tat-trasport ħfief, bħar-roti u l-iscooters elettriċi, ma ġewx ikklassifikati b'mod ċar bħala batteriji skont id-Direttiva 2006/66/KE, u jikkostitwixxu parti sinifikanti mis-suq minħabba l-użu dejjem akbar tagħhom fil-mobbiltà urbana sostenibbli. Għalhekk huwa xieraq li daww il-batteriji li jintużaw għat-trazzjoni f'*mezzi tat-trasport ħfief* jiġu kklassifikati bħala kategorija ġdida ta' batteriji, jiġifieri batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief.*** It-tip ta' batteriji industrijali jinkludi grupp wiesa' ta' batteriji, maħsuba biex jintużaw għall-attivitajiet industrijali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, l-attivitajiet industrijali jew il-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika. Minnbarra din il-lista mhix eżawrjenti ta' eżempji, kwalunkwe batterija li la tkun batterija portabbli, la batterija awtomotiva, **la batterija għal mezzi tat-trasport ħfief** u lanqas batterija ta' vetturi elettriċi jenħtieġ li tiġi kkunsidrata batterija industrijali. Il-batteriji użati għall-ħżin tal-enerġija f'ambjenti privati jew domestiċi huma kkunsidrati batteriji industrijali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

- (13) Jenhntieg li l-batteriji jiġu ddisinjati u manifatturati b'tali mod li jittejbu kemm jista' jkun il-prestazzjoni, id-du-rabbiltà u s-sikurezza tagħhom u li titnaqqas kemm jista' jkun l-impronta ambjentali tagħhom. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' sostenibbiltà għall-batteriji industrijali **rikarikabbli** u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi **b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh**, billi tali batteriji jirrappreżentaw is-segment tas-suq li huwa mistenni li jiżdied l-aktar fis-snin li ġejjin.

Emenda

- (13) Jenhntieg li l-batteriji jiġu ddisinjati u manifatturati b'tali mod li jittejbu kemm jista' jkun il-prestazzjoni, id-du-rabbiltà u s-sikurezza tagħhom u li titnaqqas kemm jista' jkun l-impronta ambjentali tagħhom. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' sostenibbiltà għall-batteriji industrijali, **għal mezzi tat-trasport ħfief**, u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi billi tali batteriji jirrappreżentaw is-segment tas-suq li huwa mistenni li jiżdied l-aktar fis-snin li ġejjin.

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

- (15) Jenhntieg li l-użu ta' sustanzi perikolużi fil-batteriji jkun ristrett sabiex titghares is-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u titnaqqas il-preżenza ta' sustanzi bħal dawn fl-iskart. Għalhekk, minbarra r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁹⁾, huwa xieraq li jiġu stabbiliti restrizzjonijiet għall-merkurju u **l-kadmju** f'ċerti tipi ta' batteriji. Il-batteriji użati f'vetturi li jibbenefikaw minn eżenzjoni skont l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁰⁾ jenhntieg li jiġu esklużi mill-projbizzjoni li jkun fihom il-kadmju.

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1)

⁽³⁰⁾ Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

Emenda

- (15) Jenhntieg li l-użu ta' sustanzi perikolużi fil-batteriji jkun ristrett sabiex titghares is-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u titnaqqas il-preżenza ta' sustanzi bħal dawn fl-iskart. Għalhekk, minbarra r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁹⁾, huwa xieraq li jiġu stabbiliti restrizzjonijiet għall-merkurju, **il-kadmju u ċ-ċomb** f'ċerti tipi ta' batteriji. Il-batteriji użati f'vetturi li jibbenefikaw minn eżenzjoni skont l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁰⁾ jenhntieg li jiġu esklużi mill-projbizzjoni li jkun fihom il-kadmju. **Il-Kummissjoni jenhntieg li, bl-assistenza tal-Aġenzija, tagħmel valutazzjoni olistika u sistemika ta' sustanzi perikolużi fil-batteriji. Jenhntieg li din il-valutazzjoni tiffoka b'mod partikolari fuq il-kimiċi tal-batteriji li jintużaw fi kwantitajiet għolja fis-suq, kimiċi li qed jevolvu u emerġenti u d-disponibbiltà ta' alternattivi xierqa għall-batteriji industrijali u awtomotivi taċ-ċomb u l-aċidu u għall-batteriji industrijali tan-nikel u l-kadmju.**

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1)

⁽³⁰⁾ Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

- (17) Jenħtieġ li l-proċedura għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda u għall-emendar ta' dawk attwali dwar is-sustanzi perikolużi fil-batteriji tkun issimplifikata bis-sħiħ bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Sabiex tiżgura t-teħid tad-deċiżjonijiet, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi relatati ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ("l-Aġenzija") **twettaq** kompiti speċifikati fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-riskji minn sustanzi fil-manifattura u l-użu ta' batteriji u ta' dawk li jistgħu jseħħu wara tmiem il-ħajja tagħhom, kif ukoll fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-elementi soċjoekonomiċi u l-analiżi tal-alternattivi, f'konformità mal-gwida rilevanti mill-Aġenzija. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Kumitati għall-Istima tar-Riskji u l-Analiżi Soċjoekonomika tal-Aġenzija jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti konferiti lill-Aġenzija b'dan ir-Regolament.

Emenda

- (17) Jenħtieġ li l-proċedura għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda u għall-emendar ta' dawk attwali dwar is-sustanzi perikolużi fil-batteriji tkun issimplifikata bis-sħiħ bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Sabiex tiżgura t-teħid tad-deċiżjonijiet, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi relatati ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li **jkun hemm kooperazzjoni, koordinazzjoni u informazzjoni tajbin bejn l-Istati Membri**, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ("l-Aġenzija"), **il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati. L-Istati Membri jew l-Aġenzija jenħtieġ li jwettqu** kompiti speċifikati fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-riskji minn sustanzi fil-manifattura u l-użu ta' batteriji u ta' dawk li jistgħu jseħħu wara tmiem il-ħajja tagħhom, kif ukoll fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-elementi soċjoekonomiċi u l-analiżi tal-alternattivi, f'konformità mal-gwida rilevanti mill-Aġenzija. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Kumitati għall-Istima tar-Riskji u l-Analiżi Soċjoekonomika tal-Aġenzija jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti konferiti lill-Aġenzija b'dan ir-Regolament.

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17 a) **Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ikun koerenti ma' kwalunkwe emenda futura tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew ma' leġiżlazzjoni futura oħra tal-Unjoni dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għal sustanzi perikolużi u sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk hijiex meħtieġa emenda tal-Artikolu 6, l-Artikolu 71 jew tal-Anness I ta' dan ir-Regolament jew dawk id-dispożizzjonijiet kollha. Għalhekk, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta-l-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' dawk ir-rekwiżiti fejn xieraq.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Jenħtieġ li l-introduzzjoni massiva mistennija tal-batteriji f'setturi bħall-mobbiltà u l-ħażna tal-enerġija tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju, iżda biex jiġi mmassimizzat dan il-potenzjal, huwa meħtieġ li ċ-ċiklu tal-ħajja ġenerali tagħhom ikollu impronta tal-karbonju baxxa. Skont ir-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott għall-Batteriji Rikarikabbli b'Enerġija Speċifika Għolja għall-Applikazzjonijiet Mobbli⁽³¹⁾, **it-tibdil fil-klima huwa t-tieni** l-ogħla kategorija ta' impatt għall-batteriji wara l-użu tal-minerali u l-metalli. **Għalhekk, id-dokumentazzjoni teknika għall-batteriji industrijali rikarikabbli u għall-batteriji u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju, **li jenħtieġ li tkun speċifika, jekk ikun meħtieġ, għal kull lott tal-manifattura. Il-batteriji jiġu manifatturati f'lottijiet, magħmula f'ammonti speċifiċi f'ċerti perjodi ta' żmien.** L-armonizzazzjoni tar-regoli tekniċi għall-kalkolu tal-impronta tal-karbonju għall-batteriji industrijali **rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi kollha b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** imqiegħda fis-suq tal-Unjoni hija prerekwiżit għall-introduzzjoni ta' rekwiżit sabiex id-dokumentazzjoni teknika tal-batteriji tkun tinkludi dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju u, sussegwentement, għall-istabbiliment ta' klassijiet tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju li jippermettu l-identifikazzjoni tal-batteriji b'impronti tal-karbonju aktar baxxi b'mod ġenerali. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' tikkettar ċar dwar l-impronta tal-karbonju tal-batteriji minnhom infushom mhumiex mistennija li jwasslu għall-bidla fl-imġiba meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġġettiv tal-Unjoni li tiddekarbonizza s-setturi tal-mobbiltà u tal-ħażna tal-enerġija, f'konformità mal-oġġettivi maqbula fil-livell internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima⁽³²⁾. Għalhekk, se jiġu introdotti limiti massimi tal-karbonju, minbarra valutazzjoni tal-impatt dedikata biex jiġu ddeterminati dawk il-valuri. Billi ttipponi l-livell limitu massimu tal-impronta tal-karbonju, il-Kummissjoni, fost l-oħrajn, se tqis id-distribuzzjoni relattiva tal-valuri tal-impronta tal-karbonju fil-batteriji fis-suq, l-ammont ta' progress fit-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tal-batteriji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni u l-kontribut effettiv u **l-potenzjali** ta' din il-miżura għall-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-mobbiltà sostenibbli u n-newtralità klimatika **sal-2050**. Sabiex ikun hemm trasparenza dwar l-impronta tal-karbonju

(18) Jenħtieġ li l-introduzzjoni massiva mistennija tal-batteriji f'setturi bħall-mobbiltà u l-ħażna tal-enerġija tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju, iżda biex jiġi mmassimizzat dan il-potenzjal, huwa meħtieġ li ċ-ċiklu tal-ħajja ġenerali tagħhom ikollu impronta tal-karbonju baxxa. Skont ir-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott għall-Batteriji Rikarikabbli b'Enerġija Speċifika Għolja għall-Applikazzjonijiet Mobbli⁽³¹⁾, **it-tieni** l-ogħla kategorija ta' impatt għall-batteriji wara **l-estrazzjoni u** l-użu tal-minerali u l-metalli **ġejja mill-aggravar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq it-tibdil fil-klima. Id-dokumentazzjoni teknika għall-batteriji industrijali, għall-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief, u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi** imqiegħda fis-suq tal-Unjoni **għalhekk** jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju. L-armonizzazzjoni tar-regoli tekniċi għall-kalkolu tal-impronta tal-karbonju għall-batteriji industrijali, **għall-batteriji industrijali, għall-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief, u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi** imqiegħda fis-suq tal-Unjoni hija prerekwiżit għall-introduzzjoni ta' rekwiżit sabiex id-dokumentazzjoni teknika tal-batteriji tkun tinkludi dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju u, sussegwentement, għall-istabbiliment ta' klassijiet tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju li jippermettu l-identifikazzjoni tal-batteriji b'impronti tal-karbonju aktar baxxi b'mod ġenerali. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' tikkettar ċar dwar l-impronta tal-karbonju tal-batteriji minnhom infushom mhumiex mistennija li jwasslu għall-bidla fl-imġiba meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġġettiv tal-Unjoni li tiddekarbonizza s-setturi tal-mobbiltà u tal-ħażna tal-enerġija, f'konformità mal-oġġettivi maqbula fil-livell internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima⁽³²⁾. Għalhekk, se jiġu introdotti limiti massimi tal-karbonju, minbarra valutazzjoni tal-impatt dedikata biex jiġu ddeterminati dawk il-valuri. Billi ttipponi l-livell limitu massimu tal-impronta tal-karbonju, il-Kummissjoni, fost l-oħrajn, se tqis id-distribuzzjoni relattiva tal-valuri tal-impronta tal-karbonju fil-batteriji fis-suq, l-ammont ta' progress fit-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tal-batteriji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni u l-kontribut effettiv u **potenzjali** ta' din il-miżura għall-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-mobbiltà sostenibbli u n-newtralità klimatika **sa mhux aktar tard mill-2050**. Sabiex ikun hemm trasparenza dwar l-impronta tal-karbonju tal-batteriji, u biex is-suq tal-Unjoni jimxi lejn batteriji b'livell baxx ta' karbonju,

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

tal-batteriji, u biex is-suq tal-Unjoni jimxi lejn batteriji b'livell baxx ta' karbonju, irrispettivament minn fejn dawn jiġu prodotti, hija ġġustifikata żieda gradwali u kumulattiva fir-rekwiżiti tal-impronta tal-karbonju. B'riżultat ta' dawn ir-rekwiżiti, l-emissjonijiet tal-karbonju evitati fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji se jikkontribwixxu **għall-objettiv** tal-Unjoni li tilħaq in-newtralità klimatika **sal-2050**. Dan jista' jippermetti wkoll politiki oħrajn fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, bħal inċentivi jew kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, li jrawmu l-produzzjoni ta' batteriji b'impatti ambjentali aktar baxxi.

- ⁽³¹⁾ L-Impronta Ambjentali tal-Prodott — Regoli tal-Kategorija għall-Batteriji Rikarikabbli b'Enerġija Speċifika Għolja għall-Applikazzjonijiet Mobbli https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/pdf/PEFCR_Batteries.pdf
- ⁽³²⁾ Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4) u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, disponibbli fuq <https://unfccc.int/resource/docs/convkp/conveng.pdf>

Emenda

irrispettivament minn fejn dawn jiġu prodotti, hija ġġustifikata żieda gradwali u kumulattiva fir-rekwiżiti tal-impronta tal-karbonju. B'riżultat ta' dawn ir-rekwiżiti, l-emissjonijiet tal-karbonju evitati fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji se jikkontribwixxu **għall-objettivi klimatiċi** tal-Unjoni, **b'mod partikolari dak** li tilħaq in-newtralità klimatika **sa mhux aktar tard mill-2050**. Dan jista' jippermetti wkoll politiki oħrajn fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, bħal inċentivi jew kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, li jrawmu l-produzzjoni ta' batteriji b'impatti ambjentali aktar baxxi.

- ⁽³¹⁾ L-Impronta Ambjentali tal-Prodott — Regoli tal-Kategorija għall-Batteriji Rikarikabbli b'Enerġija Speċifika Għolja għall-Applikazzjonijiet Mobbli https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/pdf/PEFCR_Batteries.pdf
- ⁽³²⁾ Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4) u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, disponibbli fuq <https://unfccc.int/resource/docs/convkp/conveng.pdf>

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (18 a) *Il-limiti massimi tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja jenħtieġ li jibqgħu validi fil-futur u jevolvu progressivament bi qbil mal-aħjar proċessi ta' manifattura u ta' produzzjoni disponibbli. Għalhekk, meta jiġi adottat l-att delegat li jiddetermina l-limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tqis l-aħjar proċessi ta' manifattura u produzzjoni disponibbli u tiżgura li l-kriterji tekniċi magħżula jkunu konsistenti mal-objettiv ta' dan ir-Regolament li jiżgura li l-batteriji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jiggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sikurezza, tal-proprjetà u tal-ambjent.*

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

- (19) Ċerti sustanzi li jinsabu fil-batteriji, bħall-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil, jinkisbu minn riżorsi skarsi li mhumiex faċilment disponibbli fl-Unjoni, u xi wħud huma meqjusa bħala materja prima kritika mill-Kummissjoni. **Dan huwa qasam fejn** l-Ewropa teħtieġ li ssaħħa l-awtonomija strateġika tagħha u żżid ir-reżiljenza tagħha bi tħejjija għat-tfixkil potenzjali fil-provvista minħabba kriżijiet tas-saħħa jew kriżijiet oħrajn. It-tisħiħ taċ-ċirkolarità u tal-effiċjenza fir-riżorsi b'żieda fir-riċiklaġġ u fl-irkupru ta' dik il-materja prima, se jikkontribwixxi biex jintlaħaq dak l-għan.

Emenda

- (19) Ċerti sustanzi li jinsabu fil-batteriji, bħall-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil, jinkisbu minn riżorsi skarsi li mhumiex faċilment disponibbli fl-Unjoni, u xi wħud huma meqjusa bħala materja prima kritika mill-Kummissjoni. **F'konformità mal-Istrateġija Industrijali tal-Unjoni**, l-Ewropa teħtieġ li ssaħħa l-awtonomija strateġika tagħha, **inkluż l-iffaċilitar tal-investimenti f'fabbriki li jipproduċu batteriji fuq skala massiva**, u żżid ir-reżiljenza tagħha bi tħejjija għat-tfixkil potenzjali fil-provvista minħabba kriżijiet tas-saħħa jew kriżijiet oħrajn. It-tisħiħ taċ-ċirkolarità u tal-effiċjenza fir-riżorsi b'żieda fir-riċiklaġġ u fl-irkupru ta' dik il-materja prima, se jikkontribwixxi biex jintlaħaq dak l-għan. **Is-sostituzzjoni tal-materja prima skarsa b'materjali alternattivi disponibbli b'mod aktar wiesa', inkluża l-materja prima rinnovabbli, tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-produzzjoni tal-batteriji u tal-awtonomija strateġika proprja tal-Unjoni. Għalhekk huwa kruċjali li l-Unjoni u l-Istati Membri jappoġġaw inizzjattivi ta' riċerka u żvilupp rilevanti.**

Emenda 12
Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

- (21) Sabiex jitqies ir-riskju tal-provvista tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju u n-nikil u sabiex tiġi vvalutata d-disponibbiltà tagħhom, **is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** jenħtieġ li **tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar** tal-miri għas-sehem minimu tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil irriċiklati preżenti f'materjali attivi fil-batteriji.

Emenda

- (21) Sabiex jitqies ir-riskju tal-provvista tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju u n-nikil u sabiex tiġi vvalutata d-disponibbiltà tagħhom, **u fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni** jenħtieġ li **tevelwa jekk ikunx xieraq li ssir reviżjoni** tal-miri għas-sehem minimu tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil irriċiklati preżenti f'materjali attivi fil-batteriji **u, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva għal dak il-għan.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (21a) *Sabiex jitqiesu l-bidliet fit-teknoloġiji tal-batteriji li jħallu impatt fuq it-tipi ta' materjali li jistgħu jiġu rkuprati, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta-l-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentar ta' dan ir-Regolament biex tiġi nkluża l-materja prima addizzjonali u l-miri rispettivi fil-lista ta' ishma minimi ta' kontenut irriċiklat preżenti f'materjali attivi fil-batteriji.*

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (22) *Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi **għall-implimentazzjoni tar-regoli** dwar il-kalkolu u l-verifika, għal kull mudell u lott ta' batteriji u għal kull impjant tal-manifattura, l-ammont ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart preżenti f'materjali attivi fil-batteriji u r-rekwiżiti ta' informazzjoni għad-dokumentazzjoni teknika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.*
- (22) *Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi **madwar l-Unjoni kollha għad-dikjarazzjoni** dwar il-materjali rkuprati li għandha tiġi pprovduta permezz ta' format armonizzat u għad-dokumentazzjoni teknika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format u d-dokumentazzjoni teknika għad-dikjarazzjoni dwar il-materjali rkuprati.*

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

- (23) Jenħtieġ li l-batteriji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jkunu durabbli u bi prestazzjoni għolja. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti parametri ta' prestazzjoni u durabbiltà għal batteriji portabbli **ta' użu ġenerali**, kif ukoll għal batteriji industrijali **rikarikabbli** u batteriji tal-vetturi elettriċi. Għall-batteriji tal-vetturi elettriċi, il-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent qed jiżviluppa rekwiżiti ta' durabbiltà fil-vetturi, għalhekk, dan ir-Regolament **qed joqgħod lura milli jistabbilixxi rekwiżiti ta' durabbiltà addizzjonali**. Min-naħa l-oħra, fil-qasam tal-batteriji għall-ħżin tal-enerġija, il-metodi ta' kejl eżistenti biex jiġu ttestjati l-prestazzjoni u d-durabbiltà tal-batterija mhumiex meqjusa preċiżi u rappreżentattivi biżżejjed biex jippermettu l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi. Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi relatati mal-prestazzjoni u d-durabbiltà ta' dawn il-batteriji tkun akkumpanjata minn standards armonizzati adegwati jew speċifikazzjonijiet komuni disponibbli.

Emenda

- (23) Jenħtieġ li l-batteriji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jkunu durabbli u bi prestazzjoni għolja. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti parametri ta' prestazzjoni u durabbiltà għal batteriji portabbli kif ukoll għal batteriji industrijali, **batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief** u batteriji tal-vetturi elettriċi. Għall-batteriji tal-vetturi elettriċi, il-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent qed jiżviluppa rekwiżiti ta' durabbiltà fil-vetturi, għalhekk, dan ir-Regolament **jenħtieġ li jkun koerenti mal-konklużjonijiet tiegħu**. Min-naħa l-oħra, fil-qasam tal-batteriji għall-ħżin tal-enerġija, il-metodi ta' kejl eżistenti biex jiġu ttestjati l-prestazzjoni u d-durabbiltà tal-batterija mhumiex meqjusa preċiżi u rappreżentattivi biżżejjed biex jippermettu l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi. Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi relatati mal-prestazzjoni u d-durabbiltà ta' dawn il-batteriji tkun akkumpanjata minn standards armonizzati adegwati jew speċifikazzjonijiet komuni disponibbli.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

- (24) Sabiex jitnaqqsu l-batteriji b'impatt ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-parametri tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà u l-istabbiliment ta' valuri minimi għal dawk il-parametri għal batteriji portabbli **ta' użu ġenerali u** għal batteriji industrijali rikarikabbli.

Emenda

- (24) Sabiex jitnaqqsu l-batteriji b'impatt ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-parametri tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà u l-istabbiliment ta' valuri minimi għal dawk il-parametri għal batteriji portabbli, **għal batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief u** għal batteriji industrijali rikarikabbli.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (24a) *Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-Unjoni dwar il-prestazzjoni elettrokimika u d-durabbiltà għall-batteriji tal-vetturi elettriċi jkunu koerenti fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent u fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-parametri tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà u tal-valuri minimi għal daww il-parametri għall-batteriji tal-vetturi elettriċi.*

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (25) Xi batteriji mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali jistgħu jimplikaw użu ineffiċjenti tar-riżorsi u tal-enerġija. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti oġġettivi fir-rigward tal-prestazzjoni u d-durabbiltà ta' batteriji bħal dawn sabiex jiġi żgurat li jitqiegħdu fis-suq inqas batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali u bi prestazzjoni baxxa, **b'mod partikolari, meta**, abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja, l-użu alternattiv ta' batteriji rikarikabbli **jirriżulta** f'benefiċċji ambjentali ġenerali.

- (25) Xi batteriji mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali jistgħu jimplikaw użu ineffiċjenti tar-riżorsi u tal-enerġija. **Madankollu, għal xi tagħmir għadhom jintużaw batteriji mhux rikarikabbli.** Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti oġġettivi fir-rigward tal-prestazzjoni u d-durabbiltà ta' batteriji bħal dawn sabiex jiġi żgurat li jitqiegħdu fis-suq inqas batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali u bi prestazzjoni baxxa. **Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta, fir-rigward ta' gruppi speċifiċi ta' prodotti li jużaw batteriji mhux rikarikabbli, abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja, jekk l-użu alternattiv ta' batteriji rikarikabbli jirriżultax** f'benefiċċji ambjentali ġenerali **u għalhekk jekk l-użu ta' batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali jenħtieġ li jiġi eliminat gradwalment.** Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu kkomplementati bir-rekwiżiti stabbiliti permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ għal prodotti partikolari li jaħdmu bil-batteriji.

⁽¹⁾ *Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).*

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Sabiex jiġi żgurat li l-batteriji portabbli inkorporati fl-apparat ikunu soġġetti għal għbir separat, trattament u riċiklaġġ ta' kwalità għolja xierqa ladarba jkunu saru skart, huma meħtieġa dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata l-possibbiltà tagħhom li jinqalgħu u jiġu sostitwiti f'apparat bħal dan. Jenħtieġ li l-batteriji użati jkunu wkoll sostitwibbli sabiex jittawwal it-tul tal-ħajja mistenni tal-apparat li jkunu parti minnu. Id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu **kkomplimentati** b'rekwiżiti stabbiliti għal prodotti partikolari li jaħdmu bil-batteriji fil-miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ⁽³³⁾. Fejn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni tistabbilixxi rekwiżiti aktar speċifiċi, għal raġunijiet ta' sikurezza, fir-rigward tat-tneħħija tal-batteriji minn prodotti (eż. ġugarelli), jenħtieġ li japplikaw dawk ir-regoli speċifiċi.

⁽³³⁾ *Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).*

Emenda

(26) Sabiex jiġi żgurat li l-batteriji portabbli inkorporati fl-apparat ikunu soġġetti għal għbir separat, trattament u riċiklaġġ ta' kwalità għolja xierqa ladarba jkunu saru skart, huma meħtieġa dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata l-possibbiltà tagħhom li jinqalgħu u jiġu sostitwiti f'apparat bħal dan. **Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll regoli għal batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief.** Jenħtieġ li l-batteriji użati jkunu wkoll sostitwibbli sabiex jittawwal it-tul tal-ħajja mistenni tal-apparat li jkunu parti minnu. Id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu **kkomplimentati** b'rekwiżiti stabbiliti għal prodotti partikolari li jaħdmu bil-batteriji fil-miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE. Fejn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni tistabbilixxi rekwiżiti aktar speċifiċi, għal raġunijiet ta' sikurezza, fir-rigward tat-tneħħija tal-batteriji minn prodotti (eż. ġugarelli), jenħtieġ li japplikaw dawk ir-regoli speċifiċi. **Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-batteriji industrijali, il-batteriji awtomotivi u l-batteriji tal-vetturi elettriki jkunu jistgħu jitneħħew u sostitwiti, filwaqt li titqies in-natura differenti tagħhom u r-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (26a) Il-batteriji awtomotivi, il-batteriji għal vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali jenħtieġ li jkunu jistgħu jitneħħew u jiġu sostitwiti minn operaturi indipendenti kwalifikati. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jiżguraw li tali batteriji jkunu jistgħu jitneħħew, jiġu sostitwiti u żarmati. Huwa importanti li s-sikurezza tali batteriji meta jiġu msewwija tkun tista' tiġi vvalutata abbażi ta' testijiet mhux distruttivi adattati għalihom. Sabiex tiġi ffaċilitata t-tiswija tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji għal vetturi elettriċi u tal-batteriji industrijali, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentar ta' dan ir-Regolament biex jiġu stabbiliti kriterji għat-tneħħija, is-sostituzzjoni u ż-żarmar ta' batteriji awtomotivi, batteriji għal vetturi elettriċi u għal batteriji industrijali. Sabiex tkun tista' tiġi vvalutata s-sikurezza ta' tali batteriji meta msewwija, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni, fir-rigward tad-definizzjoni ta' metodi ta' ttestjar non-distruttivi adegwati.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 26b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (26b) Sabiex ikompli jitnaqqas l-iskart, l-interoperabbiltà tal-batteriji, tal-konnetturi u taċ-ċarġers f'kull tip ta' prodott jenħtieġ li tiġi promossa fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tal-ekodisinn speċifiku għall-prodott, u fil-politika dwar il-prodotti sostenibbli li jmiss.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 26c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (26c) *L-interoperabbiltà taċ-ċarġers f'kategoriji speċifiċi ta' batteriji tista' tnaqqas l-iskart u l-ispejjeż bla bżonn għall-benefiċċju tal-konsumaturi u ta' utenti finali oħra. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-batteriji jiġu ċċarġjati mill-ġdid għal vetturi elettriċi, mezzi tat-trasport ħfief, u batteriji rikarikabbli inkorporati f'kategoriji speċifiċi ta' tagħmir elettriku u elettroniku, bl-użu ta' ċarġers komuni li jippermettu l-interoperabbiltà f'kull kategorija ta' batteriji. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet li jirrikjedu li l-Kummissjoni tivvaluta kif l-aħjar tintroduċi standards armonizzati għal ċarġers komuni applikabbli mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2026 għal dawk il-kategoriji ta' batteriji. Din il-valutazzjoni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn proposti leġiżlattivi fejn xieraq.*

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (27) Il-batteriji affidabbli huma fundamentali għall-operat u s-sikurezza ta' ħafna prodotti, apparat u servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-batteriji jiġu ddisinjati u manifatturati biex jiżguraw l-operazzjoni u l-użu sikur tagħhom. Dan l-aspett huwa partikolarment rilevanti **għas-sistemi** għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji, li bħalissa mhumiex koperti minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Il-parametri li għandhom jiġu kkunsidrati fit-testijiet tas-sikurezza jenħtieġ li jiġu stipulati għal dawk **is-sistemi għall-ħażna tal-enerġija**.
- (27) Il-batteriji affidabbli huma fundamentali għall-operat u s-sikurezza ta' ħafna prodotti, apparat u servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-batteriji jiġu ddisinjati u manifatturati biex jiżguraw l-operazzjoni u l-użu sikur tagħhom, **sabiex ma jikkawżawx ħsara jew dannu lill-bnedmin, lill-ambjent jew lill-proprjeta**. Dan l-aspett huwa partikolarment rilevanti **għal batteriji fi ħdan sistemi** għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji, li bħalissa mhumiex koperti minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Il-parametri li għandhom jiġu kkunsidrati fit-testijiet tas-sikurezza jenħtieġ li **għalhekk** jiġu stipulati għal dawk **il-batteriji u jiġu kkomplementati bi standards CEN, CENELEC u IEC applikabbli**.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 24
Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

- (28) Sabiex l-utenti finali jingħataw informazzjoni trasparenti, affidabbli u ċara dwar il-batteriji u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom, u dwar l-iskart ta' batteriji, biex l-utenti finali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati meta jixtru u jarmu l-batteriji u biex l-operaturi tal-iskart ikunu jistgħu jittrattaw b'mod xieraq l-iskart ta' batteriji, jenħtieġ li l-batteriji jiġu ttikkettati. Jenħtieġ li l-batteriji jkunu ttikkettati bl-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-karatteristiċi ewlenin tagħhom, inklużi l-kapaċità u l-kontenut tagħhom ta' ċerti sustanzi perikolużi. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-informazzjoni matul iż-żmien, jenħtieġ li dik l-informazzjoni tkun magħmula disponibbli wkoll permezz **tal-kodiċijiet QR**.

Emenda

- (28) Sabiex l-utenti finali jingħataw informazzjoni trasparenti, affidabbli u ċara dwar il-batteriji u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom, u dwar l-iskart ta' batteriji, biex l-utenti finali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati meta jixtru u jarmu l-batteriji u biex l-operaturi tal-iskart ikunu jistgħu jittrattaw b'mod xieraq l-iskart ta' batteriji, jenħtieġ li l-batteriji jiġu ttikkettati. Jenħtieġ li l-batteriji jkunu ttikkettati bl-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-karatteristiċi ewlenin tagħhom, inklużi l-kapaċità, **il-karatteristiċi ta' produzzjoni** u l-kontenut tagħhom ta' ċerti sustanzi perikolużi. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-informazzjoni matul iż-żmien, jenħtieġ li dik l-informazzjoni tkun magħmula disponibbli wkoll permezz **ta' kodiċijiet QR li jenħtieġ li jirrispettaw il-linji gwida tal-istandard ISO/IEC 18004. Jenħtieġ li l-kodiċi QR stampat jew imnaqqax fuq il-batteriji kollha jagħti aċċess għall-passaport tal-prodotti tal-batterija. It-tikketti u l-kodiċijiet QR jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.**

⁽¹⁾ *Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).*

Emenda 25
Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

- (29) L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-batteriji hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-utenti finali bħala konsumaturi jkunu infurmati tajjeb u fil-ħin u, b'mod partikolari, li jkollhom bażi komuni biex iqabblu batteriji differenti qabel ma jixtru. Għalhekk, il-batteriji portabbli **ta' użu ġenerali** u l-batteriji awtomotivi jenħtieġ li jiġu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju minimu tagħhom meta jintużaw f'applikazzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, huwa importanti li l-utent finali jiġi ggwidat biex jarmi l-iskart ta' batteriji b'mod xieraq.

Emenda

- (29) L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-batteriji hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-utenti finali, **speċjalment** bħala konsumaturi jkunu infurmati tajjeb u fil-ħin u, b'mod partikolari, li jkollhom bażi komuni biex iqabblu batteriji differenti qabel ma jixtru. Għalhekk, il-batteriji portabbli, **il-batteriji għal mezz tat-trasport ħfief** u l-batteriji awtomotivi jenħtieġ li jiġu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju minimu tagħhom meta jintużaw f'applikazzjonijiet speċifiċi **u t-tul tal-ħajja mistenni tagħhom**. Barra minn hekk, huwa importanti li l-utent finali jiġi ggwidat biex jarmi l-iskart ta' batteriji b'mod xieraq.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 26
Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

- (30) **Jenħtieġ li l-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh ikollhom sistema ta' ġestjoni tal-batterija li taħżen id-data sabiex l-istat tas-saħħa u t-tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji jkunu jistgħu jiġu ddeterminati fi kwalunkwe ħin mill-utent finali jew minn kwalunkwe parti terza oħra li taġixxi fismu. Sabiex **batterija tiġi adattata** għal skop differenti jew **manifatturata** mill-ġdid, jenħtieġ li **l-aċċess** għas-sistema ta' ġestjoni tal-batterija **jiġi pprovdut** lill-persuna li tkun xtrat il-batterija jew lil kwalunkwe parti terza li taġixxi fisimha fi kwalunkwe ħin għall-evalwazzjoni tal-valur residwu tal-batterija, l-iffaċilitar **tal-użu** mill-ġdid, l-adattament **tal-batterija** għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid **tagħha u t-tqegħid** tal-batterija għad-dispożizzjoni tal-aggregaturi indipendenti, kif definiti fid-Direttiva (UE) **2019/944** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁴⁾, li joperaw impjanti tal-enerġija virtwali fi grilji tal-elettriku. Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit japplika flimkien mad-dritt tal-Unjoni dwar it-tip ta' approvazzjoni tal-vetturi, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu joriġinaw mix-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent dwar l-aċċess għad-data f'vetturi elettriċi.**

⁽³⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125)

Emenda

- (30) **Il-batteriji f'sistemi ta' ħżin tal-enerġija f'batteriji stazzjonari, batteriji ta' mezzi tat-trasport ħfief u batteriji tal-vetturi elettriċi fihom sistema ta' ġestjoni tal-batterija li taħżen id-data. Dik is-sistema ta' ġestjoni tal-batterija jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa, is-sikurezza u t-tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji sabiex daww l-aspetti jkunu jistgħu jiġu ddeterminati fi kwalunkwe ħin mill-utent finali jew minn kwalunkwe parti terza oħra li taġixxi fismu. Sabiex **jiġu ffaċilitati l-użu mill-ġdid, l-adattament** għal skop differenti jew **il-manifattura** mill-ġdid **ta' batterija**, jenħtieġ li **d-data li tinqara biss mill-aċċess** għas-sistema ta' ġestjoni tal-batterija **tiġi pprovduta** lill-persuna li tkun xtrat il-batterija jew lil kwalunkwe parti terza li taġixxi fisimha fi kwalunkwe ħin għall-evalwazzjoni tal-valur residwu tal-batterija, l-iffaċilitar **tal-preparazzjoni għal użu** mill-ġdid, **l-użu mill-ġdid, l-adattament għal skop differenti**, l-adattament għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid **tal-batterija u għat-tqegħid** tal-batterija għad-dispożizzjoni tal-aggregaturi indipendenti, kif definiti fid-Direttiva (UE) **2019/944** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁴⁾, li joperaw impjanti tal-enerġija virtwali fi grilji tal-elettriku, **inklużi l-elementi meħtieġa li jippermettu t-tħaddim ta' servizzi ta' vettura għall-grilja. Bil-għan li jiġu ffaċilitati l-adozzjoni u l-użu tagħhom fl-Unjoni, jenħtieġ li l-batteriji għal vetturi elettriċi u batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief jkollhom disponibbli, f'ħin reali, data li tinqara biss fil-vettura relatata mal-istat tas-saħħa tal-batterija, l-istat taċ-ċarġ tal-batterija, mal-valur programmat tal-potenza tal-batterija u mal-kapaċità tal-batterija. Is-sistema ta' ġestjoni tal-batterija għall-batteriji tal-vetturi elettriċi jenħtieġ li jkollha wkoll funzjoni ta' komunikazzjoni sabiex ikun possibbli li jkun hemm funzjonijiet ta' ċarġjar intelliġenti bħall-iċċarġjar mill-vettura għall-grilja, mill-vettura għall-iċċarġjar b'batterija, mill-vettura għall-vettura, mill-vettura għall-powerbank u mill-vettura għall-bini.** Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit japplika flimkien mad-dritt tal-Unjoni dwar it-tip ta' approvazzjoni tal-vetturi, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu joriġinaw mix-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Elettriċi u l-Ambjent dwar l-aċċess għad-data f'vetturi elettriċi. **L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi bbażati fuq ir-Regolamenti Tekniċi Globali tal-UNECE (UNECE GTR), ladarba jkunu applikabbli fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jitqiesu bħala parametru referenzjajru għad-data dwar il-parametri għad-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u l-ħajja mistennija tal-batteriji fis-sistema ta' ġestjoni tal-batterija.**

(³⁴) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31) Għadd ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott skont dan ir-Regolament, inkluż dwar il-prestazzjoni, id-durabbiltà, l-adattament għal skop differenti u s-sikurezza, jenħtieġ li jitkejlu bl-użu ta' metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli li jqisu l-metodoloġiji mill-aktar avvanzati tal-kejl u tal-kalkolu rikonoxxuti b'mod ġenerali. Sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli għall-kummerċ fis-suq intern, jenħtieġ li l-istandards jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali metodi u standards, sa fejn ikun possibbli, iqisu l-użu tal-batteriji fil-ħajja reali, ikunu jirriflettu l-firxa medja tal-imġiba tal-konsumaturi u jkunu robusti sabiex jiskoraġġixxu ċ-ċirkomvenzjoni intenzjonali u mhux intenzjonali. Ladarba tkun ġiet adottata referenza għal tali standard skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³⁵) u ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi stabbilita preżunzjoni ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott adottati abbażi ta' dan ir-Regolament, dment li l-eżitu ta' tali metodi juri li jintlaħqu l-valuri minimi stabbiliti għal dawk ir-rekwiżiti sostantivi. Fin-nuqqas ta' standards ippubblikati fiż-żmien tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet komuni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u jenħtieġ li l-konformità ma' tali speċifikazzjonijiet twassal ukoll għall-preżunzjoni tal-konformità. F'każijiet fejn jinstab, fi stadju aktar tard, li l-ispeċifikazzjonijiet komuni

(31) Għadd ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott skont dan ir-Regolament, inkluż dwar il-prestazzjoni, id-durabbiltà, l-adattament għal skop differenti u s-sikurezza, jenħtieġ li jitkejlu bl-użu ta' metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli li jqisu l-metodoloġiji mill-aktar avvanzati tal-kejl, **tal-istandards** u tal-kalkolu rikonoxxuti b'mod ġenerali. Sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli għall-kummerċ fis-suq intern, jenħtieġ li l-istandards jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali metodi u standards, sa fejn ikun possibbli, iqisu l-użu tal-batteriji fil-ħajja reali, ikunu jirriflettu l-firxa medja tal-imġiba tal-konsumaturi u jkunu robusti sabiex jiskoraġġixxu ċ-ċirkomvenzjoni intenzjonali u mhux intenzjonali. Ladarba tkun ġiet adottata referenza għal tali standard skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³⁵) u ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi stabbilita preżunzjoni ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott adottati abbażi ta' dan ir-Regolament, dment li l-eżitu ta' tali metodi juri li jintlaħqu l-valuri minimi stabbiliti għal dawk ir-rekwiżiti sostantivi. **Sabiex jiġi evitat l-irduppjar tal-istandards, biex tiġi massimizzata l-effiċjenza u biex jiġu inklużi l-ogħla għarfien esperti u għarfien tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniċu, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfittex li titlob organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standard f'każ li jkun hemm nuqqas ta' standard bħal dan.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

għandhom xi nuqqasijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, temenda jew tħassar l-ispeċifikazzjonijiet komuni inkwistjoni.

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)

Emenda

Fin-nuqqas ta' standards ippubblikati fiż-żmien tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott, **jew fl-eventwalità ta' risposta mhux sodisfaċenti mill-organizzazzjoni ta' standardizzazzjoni Ewropea rilevanti**, jenħtieġ li l-Kummissjoni, **f'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati u wara li tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti**, tadotta speċifikazzjonijiet komuni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u jenħtieġ li l-konformità ma' tali speċifikazzjonijiet twassal ukoll għall-preżunzjoni tal-konformità. F'każijiet fejn jinstab, fi stadju aktar tard, li l-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom xi nuqqasijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, temenda jew tħassar l-ispeċifikazzjonijiet komuni inkwistjoni.

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31a) **Involvement attiv fil-ħidma tal-kumitati tal-istandardizzazzjoni internazzjonali huwa prerekwiżit strateġiku importanti biex it-teknoloġiji futuri jitqiegħdu fis-suq. F'xi każijiet, il-parteċipazzjoni tal-Unjoni kienet sottorappreżentata f'dawn il-kumitati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw b'mod attiv il-ħidma tal-kumpaniji Ewropej f'dawn il-kumitati internazzjonali tal-istandardizzazzjoni. Qabel ma tikunsidra l-adozzjoni ta' standards permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta bir-reqqa x-xogħol li jkun sar fuq livell internazzjonali.**

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 31b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31b) **Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li jkun hemm konsistenza fir-rigward tal-istandards armonizzati u l-ispeċifikazzjonijiet komuni skont dan ir-Regolament u meta tkun qed tirrevedi r-Regolament (UE) Nru 1025/2012.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 30
Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

- (32) Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-informazzjoni għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq, sabiex wieħed jadatta għal teknoloġiji ġodda u sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza f'każ ta' kriżijiet globali, bħall-pandemija **tal-Covid-19, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata** informazzjoni rigward il-konformità mal-atti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-batteriji online fil-forma ta' dikjarazzjoni tal-konformità unika tal-UE.

Emenda

- (32) Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-informazzjoni għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq, sabiex wieħed jadatta għal teknoloġiji ġodda u sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza f'każ ta' kriżijiet globali, bħall-pandemija **tal-COVID-19**, informazzjoni rigward il-konformità mal-atti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-batteriji **tkun tista' tingħata** online fil-forma ta' dikjarazzjoni tal-konformità unika tal-UE.

Emenda 31
Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

- (35) Madankollu, il-moduli magħżula ma jirriflettux ċerti aspetti speċifiċi tal-batteriji u, b'hekk, huwa meħtieġ li jiġu adattati l-moduli magħżula għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. Sabiex jitqiesu n-novità u l-kumplessità tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza **u** tat-tikkettar stabbiliti f'dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-batteriji mqiegħda fis-suq mar-rekwiżiti legali, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' tal-emendar tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità billi jiżdiedu l-passi tal-verifiki jew billi jinbidel il-modulu tal-valutazzjoni, abbażi tal-iżviluppi fis-suq tal-batteriji jew fil-katina tal-valur tal-batteriji.

Emenda

- (35) Madankollu, il-moduli magħżula ma jirriflettux ċerti aspetti speċifiċi tal-batteriji u, b'hekk, huwa meħtieġ li jiġu adattati l-moduli magħżula għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. Sabiex jitqiesu n-novità u l-kumplessità tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza, tat-tikkettar **u ta' informazzjoni** stabbiliti f'dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-batteriji mqiegħda fis-suq mar-rekwiżiti legali, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' tal-emendar tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità billi jiżdiedu l-passi tal-verifiki jew billi jinbidel il-modulu tal-valutazzjoni, abbażi tal-iżviluppi fis-suq tal-batteriji jew fil-katina tal-valur tal-batteriji. **Huma meħtieġa proċeduri robusti ta' valutazzjoni tal-konformità biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti sostenibbli u l-obbligi tad-diliġenza dovuta fil-katina tal-valur stabbiliti f'dan ir-Regolament.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

- (38) Minħabba n-novità u l-kumplessità tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza **u** tat-tikkettar għall-batteriji u sabiex jiġi żgurat livell konsistenti ta' kwalità fit-tweqqiq tal-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-awtoritajiet tan-notifika involuti fil-valutazzjoni, fin-notifika u fil-monitoraġġ tal-korpi nnotifikati. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-awtorità tan-notifika tkun oġġettiva u imparzjali fir-rigward tal-attività tagħha. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet tan-notifika jkunu meħtieġa jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jiksbu, madankollu, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar il-korpi nnotifikati mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-awtoritajiet tan-notifika ta' Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-valutazzjoni tal-konformità.

Emenda

- (38) Minħabba n-novità u l-kumplessità tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, **tal-prestazzjoni**, tas-sikurezza, tat-tikkettar **u ta' informazzjoni** għall-batteriji u sabiex jiġi żgurat livell konsistenti ta' kwalità fit-tweqqiq tal-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-awtoritajiet tan-notifika involuti fil-valutazzjoni, fin-notifika u fil-monitoraġġ tal-korpi nnotifikati. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-awtorità tan-notifika tkun oġġettiva u imparzjali fir-rigward tal-attività tagħha **u jkollha numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti teknikament biex iwettqu l-kompiti tagħha**. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet tan-notifika jkunu meħtieġa jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jiksbu, madankollu, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar il-korpi nnotifikati mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-awtoritajiet tan-notifika ta' Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-valutazzjoni tal-konformità.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

- (39) Huwa essenzjali li l-korpi nnotifikati kollha jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-istess livell u f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta u awtonomija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jixtiequ jiġu nnotifikati sabiex jipprovdu attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità. Jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti jkomplu japplikaw bħala prerekwiżit għaż-żamma tal-kompetenza tal-korp innotifikat. Sabiex tiġi żgurata l-awtonomija tiegħu, jenħtieġ li l-korp innotifikat u l-persunal li jimpjega jżommu l-indipendenza mill-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-valur tal-batteriji u minn kumpaniji oħrajn, inklużi assoċjazzjonijiet tan-negozju u kumpaniji prinċipali u sussidjarji. Jenħtieġ li l-korp innotifikat jintalab jiddokumenta l-indipendenza tiegħu u jipprovdi dik id-dokumentazzjoni lill-awtorità tan-notifika.

Emenda

- (39) Huwa essenzjali li l-korpi nnotifikati kollha jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-istess livell u f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta u awtonomija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jixtiequ jiġu nnotifikati sabiex jipprovdu attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità. Jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti jkomplu japplikaw bħala prerekwiżit għaż-żamma tal-kompetenza tal-korp innotifikat. Sabiex tiġi żgurata l-awtonomija tiegħu, jenħtieġ li l-korp innotifikat u l-persunal li jimpjega jżommu l-indipendenza mill-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-valur tal-batteriji u minn kumpaniji oħrajn, inklużi assoċjazzjonijiet tan-negozju u kumpaniji prinċipali u sussidjarji. Jenħtieġ li l-korp innotifikat jintalab jiddokumenta l-indipendenza tiegħu u jipprovdi dik id-dokumentazzjoni lill-awtorità tan-notifika. **Jenħtieġ li jkunu rikjesti wkoll ir-rotazzjoni tat-timijiet u perjodi xierqa biex wieħed jerġa' jaħsibha.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 34**Proposta għal regolament****Premessa 42***Test propost mill-Kummissjoni*

- (42) Billi s-servizzi offruti minn korpi nnotifikati fi Stat Membru jistgħu jkunu relatati ma' batteriji mqiegħda fis-suq fl-Unjoni kollha, huwa xieraq li l-Istati Membri l-oħrajn u **l-Kummissjoni** jingħataw l-opportunità li jqajmu oġġezzjonijiet dwar korp innotifikat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex titlob lill-awtorità tan-notifika tiegħu azzjoni korrettiva fil-każ li korp innotifikat ma jissodisfax, jew ma jkunx għadu jissodisfa, ir-reqwiziti ta' dan ir-Regolament.

Emenda

- (42) Billi s-servizzi offruti minn korpi nnotifikati fi Stat Membru jistgħu jkunu relatati ma' batteriji mqiegħda fis-suq fl-Unjoni kollha, huwa xieraq li l-Istati Membri l-oħrajn, **il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti** jingħataw l-opportunità li jqajmu oġġezzjonijiet dwar korp innotifikat. **Il-Kummissjoni, waqt il-proċeduri tal-investigazzjoni, jenħtieġ li tikseb il-parir ta' Faċilità ta' Ttestjar tal-Unjoni maħtura f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020.** Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex titlob lill-awtorità tan-notifika tiegħu azzjoni korrettiva fil-każ li korp innotifikat ma jissodisfax, jew ma jkunx għadu jissodisfa, ir-reqwiziti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 35**Proposta għal regolament****Premessa 43***Test propost mill-Kummissjoni*

- (43) Fl-interessi tal-iffaċilitar u l-aċċellerazzjoni tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, taċ-ċertifikazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-aċċess għas-suq u, fid-dawl tan-novità u l-kumplessità tar-reqwiziti tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza u tat-tikkettar għall-batteriji, huwa kruċjali li l-korpi nnotifikati jkollhom aċċess kontinwu għat-tagħmir tal-it-testjar u l-faċilitajiet tal-it-testjar kollha meħtieġa u li huma japplikaw il-proċeduri mingħajr ma joħlqu piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Għall-istess raġuni, u biex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi, huwa meħtieġ li l-korpi nnotifikati japplikaw il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità b'mod konsistenti.

Emenda

- (43) Fl-interessi tal-iffaċilitar u l-aċċellerazzjoni tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, taċ-ċertifikazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-aċċess għas-suq u, fid-dawl tan-novità u l-kumplessità tar-reqwiziti tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza, tat-tikkettar **u ta' informazzjoni** għall-batteriji, huwa kruċjali li l-korpi nnotifikati jkollhom aċċess kontinwu għat-tagħmir tal-it-testjar u l-faċilitajiet tal-it-testjar kollha meħtieġa u li huma japplikaw il-proċeduri mingħajr ma joħlqu piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Għall-istess raġuni, u biex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi, huwa meħtieġ li l-korpi nnotifikati japplikaw il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità b'mod konsistenti.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 36
Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni

- (51) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi, bħala parti mid-dettalji ta' kuntatt tagħhom, jindikaw **indirizz ta' sit web minbarra l-indirizz postali**.

Emenda

- (51) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi, bħala parti mid-dettalji ta' kuntatt tagħhom, jindikaw **numru tat-telefon, l-indirizz postali, l-email u l-indirizz ta' sit web**.

Emenda 37
Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni

- (52) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-batteriji minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kemm jekk ikunu importati bħala batteriji awtonomi kif ukoll jekk ikunu jinsabu fi prodotti, u b'mod partikolari li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-batteriji. Għalhekk, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex jiżguraw li l-batteriji li jqiegħdu fis-suq u fis-servizz ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li l-markatura CE fuq il-batteriji u d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.

Emenda

- (52) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-batteriji minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, **u mad-dritt applikabbli rilevanti tal-Unjoni**, kemm jekk ikunu importati bħala batteriji awtonomi kif ukoll jekk ikunu jinsabu fi prodotti, u b'mod partikolari li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-batteriji. **Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-awditjar minn parti terza tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament relatati mal-proċess tal-produzzjoni tal-batteriji jkun robust u indipendenti. Għalhekk jenħtieġ li tiġi żgurata bis-sħiħ il-konformità mad-dikjarazzjoni tal-marka tal-karbonju, il-kontenut riċiklat, kif ukoll l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-diliġenza dovuta għall-katina tal-valur tal-batterija stabbiliti f'dan ir-Regolament.** Għalhekk, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex jiżguraw li l-batteriji li jqiegħdu fis-suq u fis-servizz ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li l-markatura CE fuq il-batteriji u d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali. **Dawk l-awtoritajiet, b'mod partikolari meta jwettqu kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm infurzar konsistenti tad-dritt tal-Unjoni permezz ta' livell effettiv u uniformi ta' kontroll, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 38
Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

- (53) Meta jqiegħed batterija fis-suq jew fis-servizz, jenħtieġ li kull importatur jindika fuq il-batterija l-isem tal-importatur, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, kif ukoll l-indirizz postali. Jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet f'każijiet fejn id-daqs tal-batterija ma jippermettix li jsir dan. **Dan jinkludi każijiet** fejn l-importatur ikollu jiftaħ l-imballaġġ biex ipoġġi l-isem u **l-indirizz fuq il-batterija** jew **fejn il-batterija tkun żgħira wisq fid-daqs biex fuqha titwaħħal** din l-informazzjoni.

Emenda

- (53) Meta jqiegħed batterija fis-suq jew fis-servizz, jenħtieġ li kull importatur jindika fuq il-batterija l-isem tal-importatur, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, kif ukoll l-indirizz postali, **l-email u n-numru tat-telefon**. Jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet f'każijiet fejn id-daqs tal-batterija ma jippermettix li jsir dan **minħabba li l-batterija tkun żgħira wisq biex titwaħħal din l-informazzjoni**. Jenħtieġ li jiġu previsti wkoll eċċezzjonijiet f'każijiet fejn l-importatur ikollu jiftaħ l-imballaġġ biex ipoġġi l-isem u **dettalji oħra ta' kuntatt**. **F'dawk il-każijiet eċċezzjonali, l-importatur jenħtieġ li jipprovdi din l-informazzjoni f'dokument li jakkumpanja l-batterija jew b'mod differenti li jkun aċċessibbli immedjatament**. **F'każ li jkun jeżisti imballaġġ, jenħtieġ li dan jintuża biex jindika** din l-informazzjoni.

Emenda 39
Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni

- (56) Id-distributori u l-importaturi, minħabba li huma qrib is-suq, jenħtieġ li jkunu involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali, u jenħtieġ li jkunu ppreparati biex jipparteċipaw b'mod attiv, billi jipprovdu lil dawk l-awtoritajiet bl-informazzjoni kollha meħtieġa relatata mal-batterija kkonċernata.

Emenda

- (56) Id-distributori, l-importaturi **u l-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni, inklużi s-swieq**, minħabba li huma qrib is-suq, jenħtieġ li jkunu involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali, u jenħtieġ li jkunu ppreparati biex jipparteċipaw b'mod attiv, billi jipprovdu lil dawk l-awtoritajiet bl-informazzjoni kollha meħtieġa relatata mal-batterija kkonċernata.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 40
Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni

(57) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' batterija matul il-katina tal-provvista kollha jgħin biex is-sorveljanza tas-suq tkun aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema ta' traċċabbiltà effettiva tiffaċilita l-kompitu tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jittraċċaw lill-operaturi ekonomiċi li qiegħdu fis-suq jew għamlu disponibbli fis-suq jew fis-servizz batteriji mhux konformi. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jżommu l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet tagħhom ta' batteriji għal ċertu perjodu ta' żmien.

Emenda

(57) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' batterija matul il-katina tal-provvista kollha jgħin biex is-sorveljanza tas-suq tkun aktar sempliċi u effiċjenti, **u jipprovi trasparenza lill-konsumaturi**. Sistema ta' traċċabbiltà effettiva tiffaċilita l-kompitu tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jittraċċaw lill-operaturi ekonomiċi li qiegħdu fis-suq jew għamlu disponibbli fis-suq jew fis-servizz batteriji mhux konformi. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jżommu l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet tagħhom ta' batteriji għal ċertu perjodu ta' żmien, **inkluż f'forma elettronika**.

Emenda 41
Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni

(59) Huma ftit biss dawk il-pajjiżi li jfornu dawk il-materjali u, f'xi każijiet, l-istandards baxxi ta' governanza jistgħu jaggravaw il-problemi ambjentali u soċjali. L-estrazzjoni u r-raffinar tal-kobalt u **tan-nikil** huma relatati ma' firxa kbira ta' kwistjonijiet soċjali u ambjentali, inkluż il-potenzjal ta' periklu ambjentali u s-saħħa tal-bniedem. Filwaqt li l-impatti soċjali u ambjentali tal-grafit naturali huma inqas severi, l-estrazzjoni tiegħu għandha proporzjonijiet għoljin ta' operazzjonijiet artiġjanali u fuq skala żgħira, li jseħħu l-aktar f'kuntesti informali u jistgħu jwasslu għal impatti serji fuq is-saħħa u l-ambjent, inkluż l-ebda għeluq regolari tal-minjieri u l-ebda riabilitazzjoni, li jirriżultaw fil-qerda tal-ekosistemi u tal-ħamrija. Għal-litju, iż-żieda mistennija fl-użu tiegħu fil-manifattura tal-batteriji x'aktarx li tpoġġi pressjoni addizzjonali fuq l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni u raffinar, u dan jirrakkomanda li l-litju jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista**. Jenħtieġ li ż-żieda kbira ħafna mistennija fid-domanda għall-batteriji fl-Unjoni ma tikkontribwixxix għal żieda ta' tali riskji ambjentali u soċjali.

Emenda

(59) Huma ftit biss dawk il-pajjiżi li jfornu dawk il-materjali u, f'xi każijiet, l-istandards baxxi ta' governanza jistgħu jaggravaw il-problemi ambjentali u soċjali. L-estrazzjoni u r-raffinar tal-kobalt, **tar-ram, tan-nikil, tal-ħadid u tal-boksajt** huma relatati ma' firxa kbira ta' kwistjonijiet soċjali u ambjentali, inkluż il-potenzjal ta' periklu ambjentali u s-saħħa tal-bniedem. Filwaqt li l-impatti soċjali u ambjentali tal-grafit naturali huma inqas severi, l-estrazzjoni tiegħu għandha proporzjonijiet għoljin ta' operazzjonijiet artiġjanali u fuq skala żgħira, li jseħħu l-aktar f'kuntesti informali u jistgħu jwasslu għal impatti serji fuq is-saħħa u l-ambjent, inkluż l-ebda għeluq regolari tal-minjieri u l-ebda riabilitazzjoni, li jirriżultaw fil-qerda tal-ekosistemi u tal-ħamrija. Għal-litju, iż-żieda mistennija fl-użu tiegħu fil-manifattura tal-batteriji x'aktarx li tpoġġi pressjoni addizzjonali fuq l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni u raffinar, u dan jirrakkomanda li l-litju jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur tal-batterija**. Jenħtieġ li ż-żieda kbira ħafna mistennija fid-domanda għall-batteriji fl-Unjoni ma tikkontribwixxix għal żieda ta' tali riskji ambjentali u soċjali **barra l-pajjiż**.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 42
Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni

- (60) Uħud mill-materji primi inkwistjoni, **bħall-kobalt**, il-litju u l-grafit naturali, huma meqjusa bħala materji primi kritiċi għall-UE ⁽³⁸⁾ u l-akkwist sostenibbli tagħhom huwa meħtieġ biex l-ekosistema tal-batteriji tal-UE tkun tista' taħdem b'mod xieraq.

⁽³⁸⁾ Il-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika: It-Twit-tija tat-Triq lejn Sigurtà u Sostenibbiltà Akbar (COM(2020)0474 final).

Emenda

- (60) Uħud mill-materji primi inkwistjoni, **bħall-boksajt, il-kobalt**, il-litju u l-grafit naturali, huma meqjusa bħala materji primi kritiċi għall-UE ⁽³⁸⁾ u l-akkwist sostenibbli tagħhom huwa meħtieġ biex l-ekosistema tal-batteriji tal-UE tkun tista' taħdem b'mod xieraq.

⁽³⁸⁾ Il-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika: It-Twit-tija tat-Triq lejn Sigurtà u Sostenibbiltà Akbar (COM(2020)0474 final).

Emenda 43
Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

- (62) Fl-Unjoni, ġew introdotti rekwiżiti ġenerali dwar id-diliġenza dovuta fir-rigward ta' ċerti minerali u metalli bir-Regolament (UE) **Nru** 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁹⁾. Madankollu, dak ir-Regolament ma jindirizzax il-minerali u l-materjali użati għall-produzzjoni tal-batteriji.

⁽³⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jstabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli (ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1)

Emenda

- (62) **Il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-linji gwida OECD għall-intrapriżi multinazzjonali jistipulaw li l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jwettqu diliġenza dovuta bħala mezz biex jissodisfaw ir-responsabbiltà korporattiva tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent.** Fl-Unjoni, ġew introdotti rekwiżiti ġenerali dwar id-diliġenza dovuta fir-rigward ta' ċerti minerali u metalli bir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁹⁾. Madankollu, dak ir-Regolament ma jindirizzax il-minerali u l-materjali użati għall-produzzjoni tal-batteriji.

⁽³⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jstabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli (ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1)

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 44
Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni

- (63) Għalhekk, fid-dawl tat-tkabbir esponenzjali mistenni fid-domanda għall-batteriji fl-UE, **jenħtieġ li l-operatur ekonomiku li jqiegħed batterija fis-suq tal-UE jistabbilixxi politika** ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista**. **Għalhekk**, jenħtieġ li jiġu stabbiliti **r-rekwiżiti**, bl-oġġettiv li jiġu indirizzati r-riskji soċjali u ambjentali inerenti fl-estrazzjoni, l-ipproċessar u n-negozjar ta' ċerta materja prima għall-finijiet tal-manifattura tal-batteriji.

Emenda

- (63) **Ir-responsabbiltà li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet soċjali, is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jenħtieġ li tapplika għall-operazzjonijiet ta' manifatturar u għar-relazzjonijiet kummerċjali kollha ta' operatur ekonomiku tul il-katina tal-valur tal-batterija**. Għalhekk, fid-dawl tat-tkabbir esponenzjali mistenni fid-domanda għall-batteriji fl-UE **u l-fatt li l-estrazzjoni, l-ipproċessar u n-negozjar ta' ċerta materja prima, kimiki u materja prima sekondarja użata fil-manifattura tal-batteriji u li jidhru fit-trattament tal-iskart tal-batteriji għorru magħhom riskji partikolari, ċerti rekwiżiti għall-proċess** ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur tal-batteriji** jenħtieġ li jiġu stabbiliti, bl-oġġettiv li jiġu indirizzati r-riskji soċjali, **ir-riskji għad-drittijiet tal-bniedem** u ambjentali inerenti fl-estrazzjoni, l-ipproċessar u n-negozjar ta' ċerta materja prima, **kimiki u materja prima sekondarja** għall-finijiet tal-manifattura tal-batteriji, **it-trattament tal-iskart tal-batteriji, il-proċess tal-manifattura nnifsu kif ukoll l-operazzjonijiet kummerċjali rilevanti kollha**.

Emenda 45
Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni

- (64) Meta **tiġi implimentata politika** ta' diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskji, jenħtieġ li **din tkun ibbażata** fuq prinċipji ta' diliġenza dovuta rikonoxxuti internazzjonalment fl-Għaxar Prinċipji tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti⁽⁴⁰⁾, il-Linji Gwida għall-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja Soċjali tal-Prodotti⁽⁴¹⁾, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali⁽⁴²⁾, u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju (RBC)⁽⁴³⁾, li jirriflettu fehim komuni fost il-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati, u li jenħtieġ li jitfasslu għall-kuntest u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull operatur ekonomiku. B'rabta mal-estrazzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċ tar-riżorsi minerali naturali użati għall-produzzjoni tal-batteriji, il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli⁽⁴⁴⁾ (il-"Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta") tirrappreżenta sforz li ilu għaddej mill-gvernijiet u mill-partijiet ikkonċernati biex jistabbilixxu prattika tajba f'dan il-qasam.

⁽⁴⁰⁾ **L-Għaxar Prinċipji tal-Patt Globali tan-NU**, disponibbli fuq <https://www.unglobalcompact.org/what-is-gc/mission/principles>

⁽⁴¹⁾ Il-Linji Gwida tal-UNEP għall-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja soċjali tal-prodotti, disponibbli fuq <https://www.lifecycleinitiative.org/wp-content/uploads/2012/12/2009%20-%20Guidelines%20for%20sLCA%20-%20EN.pdf>

⁽⁴²⁾ **Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali**, disponibbli fuq https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/-ed_emp/-emp_ent/-multi/documents/publication/wcms_094386.pdf

⁽⁴³⁾ OECD (2018), Il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, disponibbli fuq <http://mneguidelines.oecd.org/OECD-Due-Diligence-Guidance-for-Responsible-Business-Conduct.pdf>

⁽⁴⁴⁾ OECD (2016), il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli: Tiolet Edizzjoni, OECD Publishing, Paris, <https://doi.org/10.1787/9789264252479-en>.

Emenda

- (64) Meta **jiġi implimentat proċess** ta' diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskji, jenħtieġ li **dan ikun ibbażat** fuq **standards u** prinċipji ta' diliġenza dovuta rikonoxxuti internazzjonalment **fil-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti**, fl-Għaxar Prinċipji tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti⁽⁴⁰⁾, il-Linji Gwida għall-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja Soċjali tal-Prodotti⁽⁴¹⁾, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali⁽⁴²⁾, **il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali**, u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju (RBC)⁽⁴³⁾, li jirriflettu fehim komuni fost il-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati, u li jenħtieġ li jitfasslu għall-kuntest u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull operatur ekonomiku. B'rabta mal-estrazzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċ tar-riżorsi minerali naturali minn **żoni ta' riskju għoli** użati għall-produzzjoni tal-batteriji, il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli⁽⁴⁴⁾ (il-"Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta") tirrappreżenta **standard rikonoxxut internazzjonalment li jindirizza riskji speċifiċi ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem relatati mal-akkwist u l-kummerċ ta' ċerta materja prima fil-kuntest ta' kunflitt u** sforz li ilu għaddej mill-gvernijiet u mill-partijiet ikkonċernati biex jistabbilixxu prattika tajba f'dan il-qasam.

⁽⁴⁰⁾ **Il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem**, disponibbli fuq https://www.ohchr.org/sites/default/files/documents/publications/guiding_principlesbusinesshr_en.pdf

⁽⁴¹⁾ Il-Linji Gwida tal-UNEP għall-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja soċjali tal-prodotti, disponibbli fuq <https://www.lifecycleinitiative.org/wp-content/uploads/2012/12/2009%20-%20Guidelines%20for%20sLCA%20-%20EN.pdf>

⁽⁴²⁾ **Il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali**, disponibbli fuq <http://mneguidelines.oecd.org/guidelines/>

⁽⁴³⁾ OECD (2018), Il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, disponibbli fuq <http://mneguidelines.oecd.org/due-diligence-guidance-for-responsible-business-conduct.htm>

⁽⁴⁴⁾ OECD (2016), il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli: Tiolet Edizzjoni, OECD Publishing, Paris, <https://doi.org/10.1787/9789264252479-en>.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 46
Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni

- (65) Skont **il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta** ⁽⁴⁵⁾, id-diliġenza dovuta hija proċess kontinwu, proattiv u reattiv li permezz tiegħu l-kumpaniji jistgħu jiżguraw li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u ma jikkontribwixxux **għall-kunflitt** ⁽⁴⁶⁾. Id-diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskju tirreferi għall-passi li jenħtieġ li jieħdu l-kumpaniji biex jidentifikaw **u jindirizzaw ir-riskji attwali jew potenzjali sabiex** jipprevjenu **jew** jimmitigaw l-impatti negattivi assoċjati mal-attivitajiet tagħhom jew mad-deċiżjonijiet dwar l-akkwist. Kumpanija tista' tivvaluta r-riskju li jinħoloq mill-attivitajiet u r-relazzjonijiet tagħha u tadotta miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji f'konformità mal-istandards rilevanti pprovduti skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali, ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju minn organizzazzjonijiet internazzjonali, l-għodod appoġġati mill-gvern, l-inizjattivi volontarji mis-settur privat u l-politiki u s-sistemi interni tal-kumpanija. Dan l-approċċ jgħin ukoll biex jiġi skalat l-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta għad-daqs tal-attivitajiet jew għar-relazzjonijiet tal-katina tal-provvista tal-kumpanija.

⁽⁴⁵⁾ **Paġna 15 tal-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta.**

⁽⁴⁶⁾ OECD (2011), Il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, OECD, Paris; OECD (2006), Għodda tal-OECD għall-Konnoxxenza tar-Riskju għal Intrapriżi Multinazzjonali fiż-Żoni ta' Governanza Dgħajfa OECD, Paris; u, Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: L-Implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Protezzjoni, Rispett u Rimedju" (ir-Rapport tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali dwar il-Kwistjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Korporazzjonijiet Transnazzjonali u Intrapriżi Kummerċjali oħrajn, John Ruggie, A/HRC/17/31, il-21 ta' Marzu 2011).

Emenda

- (65) Skont **l-istandards u l-prinċipji tan-NU, l-ILO u tal-OECD**, id-diliġenza dovuta hija proċess kontinwu, proattiv u reattiv li permezz tiegħu l-kumpaniji jistgħu jiżguraw li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, **l-ambjent** u ma jikkontribwixxux **għall-kunflitti** ⁽⁴⁶⁾. Id-diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskju tirreferi għall-passi li jenħtieġ li jieħdu l-kumpaniji biex jidentifikaw, jipprevjenu, **iwaqqfu**, jimmitigaw **u jispjegaw** l-impatti negattivi assoċjati mal-attivitajiet tagħhom jew mad-deċiżjonijiet dwar l-akkwist. **L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jwettqu konsultazzjoni infurmata, effettiva u sinifikattiva mal-komunitajiet affettwati.** Kumpanija tista' tivvaluta r-riskju li jinħoloq mill-attivitajiet u r-relazzjonijiet tagħha u tadotta miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji, **li jistgħu jinkludu r-rapportar ta' informazzjoni addizzjonali, in-negozjar bl-għan li tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni jew is-sospensjoni jew it-twaqqif tal-involvement mal-fornituri**, f'konformità mal-istandards rilevanti pprovduti skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali, ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju minn organizzazzjonijiet internazzjonali, l-għodod appoġġati mill-gvern, l-inizjattivi volontarji mis-settur privat u l-politiki u s-sistemi interni tal-kumpanija. Dan l-approċċ jgħin ukoll biex jiġi skalat l-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta għad-daqs tal-attivitajiet jew għar-relazzjonijiet tal-katina tal-provvista tal-kumpanija. **Ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-valur tal-batteriji jenħtieġ li japplikaw għal kwalunkwe operatur ekonomiku, inklużi pjattaformi online, li jqiegħed il-batteriji fis-suq Ewropew.**

⁽⁴⁶⁾ OECD (2011), Il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, OECD, Paris; OECD (2006), Għodda tal-OECD għall-Konnoxxenza tar-Riskju għal Intrapriżi Multinazzjonali fiż-Żoni ta' Governanza Dgħajfa OECD, Paris; u, Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: L-Implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Protezzjoni, Rispett u Rimedju" (ir-Rapport tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali dwar il-Kwistjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Korporazzjonijiet Transnazzjonali u Intrapriżi Kummerċjali oħrajn, John Ruggie, A/HRC/17/31, il-21 ta' Marzu 2011).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 47

Proposta għal regolament

Premessa 65a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (65a) *Filwaqt li l-iskemi ta' diliġenza dovuta tas-settur privat jistgħu jappoġġaw lill-operaturi ekonomiċi fid-diliġenza dovuta tagħhom, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu responsabbli individwalment għall-konformità mal-obbligi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-valur tal-batteriji stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

Emenda 48

Proposta għal regolament

Premessa 65b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (65b) *Jenħtieġ li tingħata assistenza teknika speċifika lill-operaturi ekonomiċi, speċjalment lill-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, mill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta għall-katina tal-valur tal-batteriji.*

Emenda 49

Proposta għal regolament

Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (66) Jenħtieġ li l-politiki obligatorji dwar id-diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista** jiġu adottati jew immodifikati u li jindirizzaw, mill-inqas, l-aktar kategoriji ta' riskji soċjali u ambjentali prevalenti. Jenħtieġ li dan ikopri l-impatti attwali u prevedibbli, minn naħa waħda, fuq il-ħajja soċjali, b'mod partikolari d-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u d-drittijiet tax-xogħol, u, min-naħa l-oħra, fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-użu tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, it-tniġġis tal-arja u l-bijodiversità, inkluża l-ħajja komunitarja.

- (66) Jenħtieġ li l-politiki obligatorji dwar id-diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur tal-batteriji** jiġu adottati jew immodifikati u li jindirizzaw, mill-inqas, l-aktar kategoriji ta' riskji soċjali u ambjentali prevalenti. Jenħtieġ li dan ikopri l-impatti attwali u prevedibbli, minn naħa waħda, fuq il-ħajja soċjali, b'mod partikolari d-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u d-drittijiet tax-xogħol, u, min-naħa l-oħra, fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-użu tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, it-tniġġis tal-arja, **it-tibdil fil-klima** u l-bijodiversità, inkluża l-ħajja komunitarja.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 50
Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni

(67) Fir-rigward tal-kategoriji ta' riskju soċjali, jenħtieġ li l-politiki tad-diliġenza dovuta jindirizzaw ir-riskji fil-katina **tal-provvista** relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, **inkluż is-saħħa** tal-bniedem, il-protezzjoni tat-tfal u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem⁽⁴⁷⁾. Jenħtieġ li l-politiki ta' diliġenza dovuta jinkludu informazzjoni dwar kif l-operatur ekonomiku kkontribwixxa għall-prevenzjoni ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u dwar l-istrumenti fis-seħħ mal-istruttura tan-negozju tal-operatur biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni u t-tixħim. Il-politiki tad-diliġenza dovuta jenħtieġ li jiżguraw ukoll l-implimentazzjoni korretta tar-regoli tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol⁽⁴⁸⁾ kif elenkati fl-Anness I tad-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO.

⁽⁴⁷⁾ Inkluża d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

⁽⁴⁸⁾ It-tmien Konvenzjonijiet fundamentali huma 1. Il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948 (Nru. 87), 2. Il-Konvenzjoni dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv, 1949 (Nru. 98), 3. Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru. 29) (u l-Protokoll tagħha tal-2014), 4. Il-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru. 105), 5. Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973 (Nru. 138), 6. Il-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru. 182), 7. Il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs, 1951 (Nru. 100), 8. Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol), 1958 (Nru. 111)

Emenda

(67) Fir-rigward tal-kategoriji ta' riskju soċjali, jenħtieġ li l-politiki tad-diliġenza dovuta **għall-katina tal-valur** jindirizzaw ir-riskji fil-katina **tal-valur tal-batterija** relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, **inklużi s-saħħa** tal-bniedem, **id-drittijiet tal-popli indiġeni**, il-protezzjoni tat-tfal u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem⁽⁴⁷⁾. Jenħtieġ li l-politiki ta' diliġenza dovuta **għall-katina tal-valur** jinkludu informazzjoni dwar kif l-operatur ekonomiku kkontribwixxa għall-prevenzjoni ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u dwar l-istrumenti fis-seħħ mal-istruttura tan-negozju tal-operatur biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni u t-tixħim. Il-politiki tad-diliġenza **għall-katina tal-valur** dovuta jenħtieġ li jiżguraw ukoll l-implimentazzjoni korretta tar-regoli tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol⁽⁴⁸⁾ kif elenkati fl-Anness I tad-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO.

⁽⁴⁷⁾ Inkluża d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, **u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni.**

⁽⁴⁸⁾ It-tmien Konvenzjonijiet fundamentali huma 1. Il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948 (Nru. 87), 2. Il-Konvenzjoni dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv, 1949 (Nru. 98), 3. Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru. 29) (u l-Protokoll tagħha tal-2014), 4. Il-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru. 105), 5. Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973 (Nru. 138), 6. Il-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru. 182), 7. Il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs, 1951 (Nru. 100), 8. Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol), 1958 (Nru. 111)

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 51

Proposta għal regolament

Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni

- (68) Fir-rigward tal-kategoriji ta' riskju ambjentali, jenħtieġ li l-politiki tad-diliġenza dovuta jindirizzaw ir-riskji fil-katina **tal-provvista** tal-batteriji relatati mal-protezzjoni tal-ambjent naturali u tad-diversità bijoloġika f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ⁽⁴⁹⁾, li tinkludi wkoll il-konsiderazzjoni tal-komunitajiet lokali, u l-protezzjoni u l-iżvilupp ta' dawk il-komunitajiet.

⁽⁴⁹⁾ Kif stabbilit fil-Konvenzjoni dwar id-diversità, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/convention/text/> u, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni COP VIII/28 Linji gwida volontarji dwar l-inklużjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-Bijodiversità fil-valutazzjoni tal-impatt, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/decision/cop/?id=11042>.

Emenda

- (68) Fir-rigward tal-kategoriji ta' riskju ambjentali, jenħtieġ li l-politiki tad-diliġenza dovuta **għall-katina tal-valur tal-batterija** jindirizzaw ir-riskji fil-katina **tal-valur** tal-batteriji relatati mal-protezzjoni tal-ambjent naturali u tad-diversità bijoloġika f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ⁽⁴⁹⁾, li tinkludi wkoll il-konsiderazzjoni tal-komunitajiet lokali, u l-protezzjoni u l-iżvilupp ta' dawk il-komunitajiet. **Jenħtieġ li jindirizzaw ukoll ir-riskji b'rabta mat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-għan tiegħu li jillimita t-tisħin globali għal inqas minn 1,5 grad Celsius, meta mqabbel mal-livelli preindustrijali, kif ukoll ma' riskji ambjentali koperti minn konvenzjonijiet ambjentali internazzjonali oħrajn.**

⁽⁴⁹⁾ Kif stabbilit fil-Konvenzjoni dwar id-diversità, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/convention/text/> u, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni COP VIII/28 Linji gwida volontarji dwar l-inklużjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-Bijodiversità fil-valutazzjoni tal-impatt, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/decision/cop/?id=11042>.

Emenda 52

Proposta għal regolament

Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni

- (69) L-obbligi tad-diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista** dwar l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji soċjali u ambjentali assoċjati mal-materja prima li tidħol fil-manifattura tal-batteriji jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 19 tal-UNEP dwar il-Governanza tar-Riżorsi Minerali, li tirrikonoxxi l-kontribut importanti tas-settur tal-estrazzjoni għall-kisba tal-Aġenda 2030 u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Emenda

- (69) L-obbligi tad-diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur tal-batterija** dwar l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji soċjali u ambjentali assoċjati mal-materja prima li tidħol fil-manifattura tal-batteriji jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 19 tal-UNEP dwar il-Governanza tar-Riżorsi Minerali, li tirrikonoxxi l-kontribut importanti tas-settur tal-estrazzjoni għall-kisba tal-Aġenda 2030 u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 53

Proposta għal regolament

Premessa 69a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (69a) *Anke meta tkun twettqet id-diliġenza dovuta tista' sseħħ ħsara. L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jirrimedjaw b'mod attiv tali ħsara, waħedhom jew f'kooperazzjoni ma' atturi oħra. Dawn l-operaturi jenħtieġ li jkunu responsabbli għal kwalunkwe impatt avvers li huma jew l-entitajiet li jikkontrollaw jew li jkunu jistgħu jikkontrollaw, jikkawżaw jew jikkontribwixxu għalih. Jenħtieġ li l-persuni affettwati b'mod avvers ikunu intitolati għal rimedji u jenħtieġ li jingħataw aċċess għall-ġustizzja.*

Emenda 54

Proposta għal regolament

Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (70) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta ***tal-katina tal-provvista jenħtieġ*** li ***japplikaw*** sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li jistgħu jiġu adattati fid-dawl tal-emendi leġiżlattivi futuri.
- (70) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta ***jenħtieġ li japplikaw sew għall-kumpaniji tal-Unjoni u sew għal dawk stabbiliti barra l-Unjoni*** li ***jkunu beħsiebhom iqiegħdu l-batteriji fis-suq tal-Unjoni, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi***, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li jistgħu jiġu adattati fid-dawl tal-emendi leġiżlattivi futuri.

Emenda 55

Proposta għal regolament

Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (71) Sabiex tadatta għall-iżviluppi fil-katina tal-valur tal-batteriji, inkluż għall-bidliet fil-ambitu u n-natura tar-riskji ambjentali u soċjali rilevanti, kif ukoll għall-progress tekniku u xjentifiku fil-batteriji u l-kimiki tal-batteriji, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' materja prima u l-kategoriji ta' riskji u r-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-katina ***tal-provvista***.
- (71) Sabiex tadatta għall-iżviluppi fil-katina tal-valur tal-batteriji, inkluż għall-bidliet fil-ambitu u n-natura tar-riskji ambjentali u soċjali rilevanti, kif ukoll għall-progress tekniku u xjentifiku fil-batteriji u l-kimiki tal-batteriji, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' materja prima u l-kategoriji ta' riskji u r-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-katina ***tal-valur tal-batterija***.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 56
Proposta għal regolament
Premessa 71a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (71a) *Fl-eventwalità li tiġi adottata leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi regoli ġenerali għal governanza korporativa sostenibbli u d-diliġenza dovuta, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dik il-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-Unjoni tehtiegħ emenda tal-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 39 jew tal-Anness X, jew tat-tnejn li huma. Jenhtiegħ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' dawk ir-rekwiżiti kif mehtiegħ.*

Emenda 57
Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (72) Huma meħtieġa regoli armonizzati għall-immaniġġar tal-iskart biex jiġi żgurat li l-produtturi u operaturi ekonomiċi oħrajn ikunu soġġetti għall-istess regoli fl-Istati Membri kollha fl-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji. Huwa neċessarju li jiġi mmassimizzat il-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji u li jiġi żgurat li l-batteriji kollha miġbura jiġu riċiklati permezz ta' proċessi li jilhqgħu effiċjenzi minimi komuni ta' riċiklaġġ biex jinkiseb livell għoli ta' rkupru tal-materjal. L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE sabet li wieħed min-nuqqasijiet tagħha huwa n-nuqqas ta' dettall fid-dispożizzjonijiet tagħha, li jwassal għal implimentazzjoni mhux uniformi u joħloq ostakli sinifikanti għall-funzjonament tas-swieq tar-riċiklaġġ u livelli subottimali ta' riċiklaġġ. Konsegwentement, jenhtiegħ li regoli aktar dettaljati u armonizzati jevitaw id-distorsjoni tas-suq għall-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji, jiżguraw l-implimentazzjoni uniformi tar-rekwiżiti fl-Unjoni kollha, iżidu l-armonizzazzjoni tal-kwalità tas-servizzi tal-immaniġġar tal-iskart ipprovduti mill-operaturi ekonomiċi u jiffaċilitaw is-swieq tal-materja prima sekondarja.
- (72) Huma meħtieġa regoli armonizzati għall-immaniġġar tal-iskart biex jiġi żgurat li l-produtturi u operaturi ekonomiċi oħrajn ikunu soġġetti għall-istess regoli fl-Istati Membri kollha fl-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji **u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent madwar l-Unjoni. Ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-użu ġenerali tar-riżorsi, b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart ta' batteriji u l-impatti negattivi marbuta mal-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji.** Huwa neċessarju li jiġi mmassimizzat il-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji u li jiġi żgurat li l-batteriji kollha miġbura jiġu riċiklati permezz ta' proċessi li jilhqgħu effiċjenzi minimi komuni ta' riċiklaġġ biex jinkiseb livell għoli ta' rkupru tal-materjal. L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE sabet li wieħed min-nuqqasijiet tagħha huwa n-nuqqas ta' dettall fid-dispożizzjonijiet tagħha, li jwassal għal implimentazzjoni mhux uniformi u joħloq ostakli sinifikanti għall-funzjonament tas-swieq tar-riċiklaġġ u livelli subottimali ta' riċiklaġġ. Konsegwentement, jenhtiegħ li regoli aktar dettaljati u armonizzati jevitaw id-distorsjoni tas-suq għall-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji, jiżguraw l-implimentazzjoni uniformi tar-rekwiżiti fl-Unjoni kollha, iżidu l-armonizzazzjoni tal-kwalità tas-servizzi tal-immaniġġar tal-iskart ipprovduti mill-operaturi ekonomiċi u jiffaċilitaw is-swieq tal-materja prima sekondarja.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 58
Proposta għal regolament
Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni

(73) Dan ir-Regolament jibni fuq ir-regoli dwar l-immaniġġar tal-iskart u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁰⁾, li jenħtieġ li jiġu adattati biex jirriflettu **s-sitwazzjoni** speċifika tal-batteriji. Sabiex il-ġbir tal-iskart ta' batteriji jiġi organizzat bl-aktar mod effettiv, huwa importanti li dan isir b'konnessjoni mill-qrib mal-post fejn jinbiegħu l-batteriji fi Stat Membru, u qrib l-utent finali. L-iskart ta' batteriji jista' jinġabar kemm flimkien ma' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku kif ukoll ma' vetturi li m'għadhomx jintużaw, permezz ta' skemi ta' ġbir nazzjonali stabbiliti abbażi tad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵¹⁾, u tad-Direttiva 2000/53/KE. Filwaqt li r-Regolament attwali jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-batteriji, hemm bżonn approċċ koerenti u komplementari, li jibni fuq u jarmonizza aktar l-istrutturi eżistenti tal-immaniġġar tal-iskart. Konsegwentement, u sabiex tiġi rrealizzata b'mod effettiv responsabbiltà estiża tal-produtturi relatata mal-immaniġġar tal-iskart, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi fir-rigward tal-Istat Membru fejn il-batteriji jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba.

⁽⁵⁰⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁽⁵¹⁾ Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

Emenda

(73) Dan ir-Regolament jibni fuq ir-regoli dwar l-immaniġġar tal-iskart u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁰⁾, li jenħtieġ li jiġu adattati biex jirriflettu s-sitwazzjoni **n-natura** speċifika **tal-iskart** tal-batteriji. Sabiex il-ġbir tal-iskart ta' batteriji jiġi organizzat bl-aktar mod effettiv, huwa importanti li dan isir b'konnessjoni mill-qrib mal-post fejn jinbiegħu l-batteriji fi Stat Membru, u qrib l-utent finali. **L-iskart ta' batteriji jenħtieġ li jinġabar separatament minn flussi oħra ta' skart, bħall-metalli, il-karti u l-kartun, il-ħġieġ, il-plastik, l-injam, it-tessuti u l-bijoskart.** L-iskart ta' batteriji jista' jinġabar kemm flimkien ma' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku kif ukoll ma' vetturi li m'għadhomx jintużaw, permezz ta' skemi ta' ġbir nazzjonali stabbiliti abbażi tad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵¹⁾, u tad-Direttiva 2000/53/KE. Filwaqt li r-Regolament attwali jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-batteriji, hemm bżonn approċċ koerenti u komplementari, li jibni fuq u jarmonizza aktar l-istrutturi eżistenti tal-immaniġġar tal-iskart. Konsegwentement, u sabiex tiġi rrealizzata b'mod effettiv responsabbiltà estiża tal-produtturi relatata mal-immaniġġar tal-iskart, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi fir-rigward tal-Istat Membru fejn il-batteriji jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba.

⁽⁵⁰⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁽⁵¹⁾ Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 59
Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni

(76) Jenħtieġ li l-produtturi jkollhom responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-immaniġġar tal-batteriji tagħhom fl-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li huma jiffinanzjaw l-kostijiet tal-ġbir, **tat-tratament u tar-riċiklaġġ tal-batteriji kollha miġbura, għar-rapportar dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji u għall-ġhoti ta' informazzjoni lill-utenti finali u lill-operaturi tal-iskart dwar il-batteriji u l-użu mill-ġdid u l-immaniġġar xierqa tal-iskart** ta' batteriji. Jenħtieġ li l-obbligi relatati mar-responsabbiltà estiża tal-produtturi japplikaw għall-forom kollha ta' provvista, inkluż il-bejgħ mill-bogħod. Jenħtieġ li l-produtturi jkunu jistgħu jeżerċitaw dawk l-obbligi b'mod kollettiv, permezz ta' organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà fisimhom. Jenħtieġ li l-produtturi jew l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u li jiddokumentaw li għandhom il-mezzi finanzjarji biex ikopru l-kostijiet li jirriżultaw mir-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Fejn ikun meħtieġ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mill-produtturi, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Emenda

(76) Jenħtieġ li l-produtturi jkollhom responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-immaniġġar tal-batteriji tagħhom fl-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom. **Dan jenħtieġ li jikkonsisti f'sett ta' regoli li jiddefinixxu obbligi operattivi u finanzjarji speċifiċi għall-produtturi ta' prodotti li fir-rigward tagħhom ir-responsabbiltà tal-produttur tiġi estiża għall-istadju ta' wara l-konsumatur taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott.** Għaldaqstant, jenħtieġ li huma jiffinanzjaw **mill-inqas il-kostijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 8a tad-Direttiva 2008/98/KE, inklużi l-kostijiet tal-organizzazzjoni tal-ġbir separat, il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti u l-manifattura mill-ġdid, it-trattament, il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji, għar-rapportar dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji u għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex l-utenti finali jiġu mħeġġa jarmu l-iskart ta' batteriji b'mod xieraq.** Jenħtieġ li l-obbligi relatati mar-responsabbiltà estiża tal-produtturi japplikaw għall-forom kollha ta' provvista, inkluż il-bejgħ mill-bogħod **u online.** Jenħtieġ li l-produtturi jkunu jistgħu jeżerċitaw dawk l-obbligi b'mod kollettiv, permezz ta' organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà fisimhom. Jenħtieġ li l-produtturi jew l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u li jiddokumentaw li għandhom il-mezzi finanzjarji biex ikopru l-kostijiet li jirriżultaw mir-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Fejn ikun meħtieġ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mill-produtturi, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 60
Proposta għal regolament
Premessa 76a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (76a) *L-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' responsabbiltà tal-produttur jenħtieġ li tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-kostijiet u tingħata spinta lill-prestazzjoni, kif ukoll biex tiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi, inkluż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-intrapriżi tal-kummerċ elettroniku, u jiġu evitati ostakli għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Jenħtieġ li dawn jikkontribwixxu wkoll għall-inkorporazzjoni tal-kostijiet fi tmiem il-ħajja fil-prezzijiet tal-prodotti, u jipprovdu inċentivi għall-produtturi biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' sostenibbiltà jiddisinjaw il-prodotti tagħhom. B'mod ġenerali, tali rekwiżiti jenħtieġ li jtejbu l-governanza u t-trasparenza tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur u jnaqqsu l-possibbiltà li jinħolqu kunflitti ta' interess bejn l-organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà estiża tal-produttur u l-operaturi tal-iskart li jikkuntrattaw. Ir-rekwiżiti jenħtieġ li japplikaw kemm għall-iskemi l-ġodda kif ukoll għal dawk diġà eżistenti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.*

Emenda 61
Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (77) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirregola r-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji b'mod eżawrjenti u, għalhekk, jenħtieġ li r-regoli stipulati dwar l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi fid-Direttiva 2008/98/KE **ma japplikawx għall-batteriji.**
- (77) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirregola r-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji b'mod eżawrjenti u, għalhekk, jenħtieġ li **jiġi kkunsidrat li jissupplimenta** r-regoli stipulati dwar l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi fid-Direttiva 2008/98/KE, **li għaldaqstant jenħtieġ li jitqiesu bħala rekwiżiti minimi.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 62
Proposta għal regolament
Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni

- (78) Sabiex jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja **fil-ktajjen tal-provvista** tal-batteriji, tingħata spinta lill-użu ta' materja prima sekondarja ta' kwalità u jitħares l-ambjent, jenħtieġ li livell għoli ta' ġbir u riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji jkun ir-regola. Il-ġbir tal-iskart ta' batteriji huwa pass kruċjali fundamentali biex jingħalaq iċ-ċirku għall-materjali ta' valur li jinsabu fil-batteriji permezz tar-riċiklaġġ tagħhom u biex tinżamm il-katina tal-valur tal-batteriji ġewwa l-Unjoni, u **b'hekk** jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-materjali rkuprati li jistgħu jintużaw aktar għall-manifattura ta' prodotti ġodda.

Emenda

- (78) Sabiex jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja **għall-ktajjen tal-valur** tal-batteriji, tingħata spinta lill-użu ta' materja prima sekondarja ta' kwalità u jitħares l-ambjent, jenħtieġ li livell għoli ta' ġbir u riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji jkun ir-regola. Il-ġbir tal-iskart ta' batteriji huwa pass kruċjali fundamentali biex jingħalaq iċ-ċirku għall-materjali ta' valur li jinsabu fil-batteriji permezz tar-riċiklaġġ tagħhom u biex tinżamm il-katina tal-valur tal-batteriji ġewwa l-Unjoni **u tingħata spinta lill-awtonomija strateġika tagħha f'dan is-settur**, u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-materjali rkuprati li jistgħu jintużaw aktar għall-manifattura ta' prodotti ġodda. **Jenħtieġ li fil-pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġar tal-iskart jiġu inklużi miżuri xierqa rigward il-ġbir, it-trattament, il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji. Il-pjanijiet tal-immaniġġar tal-iskart tal-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jiġu aġġornati abbażi tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 63
Proposta għal regolament
Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni

(79) Jenħtieġ li l-produtturi tal-batteriji kollha jkunu responsabbli għall-finanzjament u l-organizzazzjoni tal-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji. Jenħtieġ li huma jagħmlu dan billi jistabbilixxu **network** ta' ġbir li jkopri t-territorju kollu tal-Istati Membri, li jkun qrib l-utent finali u li ma jimmirax biss lejn iż-żoni u l-batteriji fejn il-ġbir ikun profittabbli. Jenħtieġ li **n-network** ta' ġbir jinkludi kwalunkwe distributur, faċilità ta' trattament awtorizzata għall-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u vetturi li ma għadhomx jintużaw, faċilitajiet għall-iskart goff u atturi oħrajn minn jeddom, bħall-awtoritajiet pubbliċi u l-iskejjel. Sabiex tiġi vverifikata u mtejba l-effettività **tan-network** tal-ġbir u l-kampanji ta' informazzjoni, jenħtieġ li jitwettaq stħarriġ regolari dwar il-kompożizzjoni tal-inqas fil-livell NUTS 2⁽⁵³⁾ dwar l-iskart muniċipali mħallat u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku miġbur biex jiġi ddetminat l-ammont ta' skart ta' batteriji portabbli fihom.

⁽⁵³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Emenda

(79) Jenħtieġ li l-produtturi tal-batteriji kollha jkunu responsabbli għall-finanzjament u l-organizzazzjoni tal-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji. Jenħtieġ li huma jagħmlu dan billi jistabbilixxu **network ta' teħid lura** ta' ġbir li jkopri t-territorju kollu tal-Istati Membri, li jkun qrib l-utent finali u li ma jimmirax biss lejn iż-żoni u l-batteriji fejn il-ġbir ikun profittabbli. Jenħtieġ li **n-network** ta' ġbir jinkludi kwalunkwe distributur, faċilità ta' trattament awtorizzata għall-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u vetturi li ma għadhomx jintużaw, faċilitajiet għall-iskart goff u atturi oħrajn minn jeddom, bħall-awtoritajiet pubbliċi u l-iskejjel. Sabiex tiġi vverifikata u mtejba l-effettività **tan-network** tal-ġbir u l-kampanji ta' informazzjoni, jenħtieġ li jitwettaq stħarriġ regolari dwar il-kompożizzjoni tal-inqas fil-livell NUTS 2⁽⁵³⁾ dwar l-iskart muniċipali mħallat u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku miġbur biex jiġi ddetminat l-ammont ta' skart ta' batteriji portabbli fihom.

⁽⁵³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Emenda 64
Proposta għal regolament
Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni

(81) Meta wieħed iqis l-impatt ambjentali u t-telf ta' materjali minħabba li l-iskart ta' batteriji ma jinġabarx separatament, u konsegwentement ma jiġix ittrattat b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, jenħtieġ li l-mira tal-ġbir għall-batteriji portabbli diġà stabbilita skont id-Direttiva 2006/66/KE tkompli tapplika u tiżdied gradwalment. **Dan ir-Regolament jinvolti li l-batteriji portabbli jkunu jinkludu wkoll batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief. Billi ż-żieda attwali fil-bejgħ ta' dan it-tip ta' batteriji tagħmilha diffiċli li jiġi kkalkolat l-ammont tagħhom li jitqiegħdu fis-suq u jinġabru fi tmieħajjithom, jenħtieġ li dawn il-batteriji portabbli jiġu esklużi mir-rata tal-ġbir attwali għall-batteriji portabbli. Din l-esklużjoni għandha tiġi rieżaminata flimkien mal-mira tal-ġbir għall-iskart ta' batteriji portabbli, li tista' tindirizza wkoll il-bidliet fil-metodoloġija biex tiġi kkalkolata r-rata tal-ġbir għall-batteriji portabbli. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport biex tirfed dawn ir-rieżamijiet.**

Emenda

(81) Meta wieħed iqis l-impatt ambjentali u t-telf ta' materjali minħabba li l-iskart ta' batteriji ma jinġabarx separatament, u konsegwentement ma jiġix ittrattat b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, jenħtieġ li l-mira tal-ġbir għall-batteriji portabbli diġà stabbilita skont id-Direttiva 2006/66/KE tkompli tapplika u tiżdied gradwalment. **Sabiex jiġi massimizzat il-ġbir u jitnaqqsu r-riskji għas-sikurezza, jenħtieġ li jiġu vvalutati l-fattibbiltà u l-benefiċċji potenzjali tal-istabbiliment ta' sistema ta' ritorn tad-depożiti fl-Unjoni kollha għall-batteriji, b'mod partikolari għall-batteriji portabbli ta' użu ġenerali. Is-sistemi nazzjonali ta' ritorn tad-depożiti jenħtieġ li ma jipprevjenux l-adozzjoni ta' sistemi armonizzati għall-Unjoni kollha.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 65
Proposta għal regolament
Premessa 82a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (82a) *Sabiex tiġi aġġornata l-metodoloġija dwar il-kalkolu u l-verifika tal-mira tal-ġbir għall-iskart ta' batteriji għal mezz tat-trasport ħfief bil-ħsieb li tiġi riflessa l-kwantità disponibbli għall-ġbir, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa kruċjali li l-metodoloġija l-ġdida żżomm jew iżżid il-livell ta' ambizzjoni ambjentali fir-rigward tal-ġbir tal-iskart ta' batteriji meta mqabbel mal-metodoloġija eżistenti.*

Emenda 66
Proposta għal regolament
Premessa 82b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (82b) *Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra wkoll l-introduzzjoni ta' metodoloġija ta' kalkolu sabiex tiġi kkalkolata r-rata ta' ġbir separat bil-ħsieb li tkun tirrifletti l-kwantità ta' skart ta' batteriji disponibbli għall-ġbir. Huwa kruċjali li l-metodoloġija l-ġdida żżomm jew iżżid il-livell ta' ambizzjoni ambjentali fir-rigward tal-ġbir tal-iskart ta' batteriji meta mqabbel mal-metodoloġija eżistenti.*

Emenda 67
Proposta għal regolament
Premessa 84

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (84) Fid-dawl tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita bl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE li tagħti prijorità lill-prevenzjoni, **it-tħejjija għall-użu** mill-ġdid u r-riċiklaġġ u f'konformità mal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2008/98/KE u l-Artikolu 5(3)(f) tad-Direttiva 1999/31/KE⁽⁵⁴⁾, jenħtieġ li l-batteriji miġbura ma jiġux **inċinerati** jew **jintremew fil-landfills**.

⁽⁵⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart ftterraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

- (84) Fid-dawl tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita bl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE li tagħti prijorità lill-prevenzjoni, **il-preparazzjoni għal użu** mill-ġdid u r-riċiklaġġ u f'konformità mal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2008/98/KE u l-Artikolu 5(3)(f) tad-Direttiva 1999/31/KE⁽⁵⁴⁾, jenħtieġ li l-batteriji miġbura ma jiġux **soġġetti għal operazzjonijiet ta' rimi** jew **irkupru enerġetiku**.

⁽⁵⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart ftterraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 68
Proposta għal regolament
Premessa 87

Test propost mill-Kummissjoni

(87) Jenħtieġ li jkun possibbli li jitwettaq trattament u riċiklaġġ barra l-Istat Membru kkonċernat jew barra l-Unjoni, fejn il-vjeġġ tal-iskart ta' batteriji jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁸⁾ u mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 ⁽⁵⁹⁾ u fejn l-attivitajiet ta' trattament u riċiklaġġ jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli għal dan it-tip ta' skart, skont il-klassifikazzjoni tagħhom fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, kif emendata. ⁽⁶⁰⁾ Dik id-Deċiżjoni, kif emendata, jenħtieġ li tiġi riveduta biex **tkun** tirrifletti l-kimiki kollha tal-batteriji. Fejn tali trattament jew riċiklaġġ isir barra mill-Unjoni, sabiex jingħadd lejn l-effiċjenzi u l-miri tar-riċiklaġġ, jenħtieġ li l-operatur li għan-nom tiegħu jitwettaq ikun obligat li jirrapporta dwaru lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv u li jagħti prova li t-trattament jitwettaq f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi stabbilit x'inhuma r-rekwiżiti biex tali trattament jitqies bħala ekwivalenti, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli dettaljati li jkun fihom il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ekwivalenti.

⁽⁵⁸⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

⁽⁵⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 tad-29 ta' Novembru 2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali tal-iskart ma tapplikax (ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6).

⁽⁶⁰⁾ 2000/532/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż, ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

Emenda

(87) Jenħtieġ li jkun possibbli li jitwettaq trattament, **preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, preparazzjoni għal użu għal skop ieħor** u riċiklaġġ barra l-Istat Membru kkonċernat jew barra l-Unjoni, fejn il-vjeġġ tal-iskart ta' batteriji jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁸⁾ u mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 ⁽⁵⁹⁾ u fejn l-attivitajiet ta' trattament u riċiklaġġ jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli għal dan it-tip ta' skart, skont il-klassifikazzjoni tagħhom fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, kif emendata ⁽⁶⁰⁾. Dik id-Deċiżjoni, kif emendata, jenħtieġ li tiġi riveduta biex tirrifletti l-kimiki kollha tal-batteriji, **inkluża ż-żieda ta' kodiċijiet għall-iskart ta' batteriji tal-joni tal-litju, sabiex jiġu ffaċilitati s-separazzjoni u r-rappurtar xierqa tal-iskart ta' batteriji tal-joni tal-litju**. Fejn tali trattament jew riċiklaġġ isir barra mill-Unjoni, sabiex jingħadd lejn l-effiċjenzi u l-miri tar-riċiklaġġ, jenħtieġ li l-operatur li għan-nom tiegħu jitwettaq ikun obligat li jirrapporta dwaru lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv u li jagħti prova, **permezz ta' evidenza dokumentata approvata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni**, li t-trattament jitwettaq f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk skont dan ir-Regolament, **u rekwiżiti ambjentali u tal-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem rilevanti fl-leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni**. Sabiex jiġi stabbilit x'inhuma r-rekwiżiti biex tali trattament jitqies bħala ekwivalenti, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli dettaljati li jkun fihom il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ekwivalenti.

⁽⁵⁸⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

⁽⁵⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 tad-29 ta' Novembru 2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali tal-iskart ma tapplikax (ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6).

⁽⁶⁰⁾ 2000/532/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż, ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 69
Proposta għal regolament
Premessa 87a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (87a) *F'każ li l-iskart ta' batteriji jiġi esportat mill-Unjoni għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, għat-tħejjija għal skop ġdid, jew għar-riċiklaġġ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jagħmlu użu effettiv mis-setgħat previsti fl-Artikolu 50(4) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 biex jitolbu evidenza dokumentarja biex jaċċertaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jikkooperaw ma' atturi rilevanti oħra, bħall-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, il-korpi ta' verifika esterni indipendenti jew l-organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà tal-produtturi stabbiliti skont skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, li jistgħu jwettqu verifiki fiżiċi u oħrajn tal-faċilitajiet f'pajjiżi terzi.*

Emenda 70
Proposta għal regolament
Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (88) Batteriji **industrijali u ta' vetturi elettriċi** li ma għadhomx tajbin għall-iskop inizjali li għalih ġew manifatturati jistgħu jintużaw għal skop differenti bħala batteriji stazzjonarji għall-ħażna tal-enerġija. Qed jifacċa suq għat-tieni haġja tal-batteriji **industrijali u tal-vetturi elettriċi** użati u sabiex tiġi appoġġata l-applikazzjoni Prattika tal-ġerarkija tal-iskart, jenħtieġ li jiġu definiti regoli speċifiċi li jippermettu l-adattament responsabbli tal-batteriji użati għal skop differenti, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni u tiġi żgurata s-sikurezza tal-użu għall-utenti finali. Jenħtieġ li kwalunkwe batterija użata bħal din tgħaddi minn valutazzjoni tal-istat tas-saħħa tagħha u tal-kapaċità disponibbli biex taċċerta l-adeqwatezza tagħha għall-użu għal kwalunkwe skop ieħor għajr dak oriġinali tagħha. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-istima tal-istat tas-saħħa tal-batteriji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.
- (88) Batteriji li ma għadhomx tajbin għall-iskop inizjali li għalih ġew manifatturati jistgħu jintużaw għal skop differenti bħala batteriji stazzjonarji għall-ħażna tal-enerġija. Qed jifacċa suq għat-tieni haġja tal-batteriji użati u sabiex tiġi appoġġata l-applikazzjoni Prattika tal-iskart, jenħtieġ li jiġu definiti regoli speċifiċi li jippermettu l-adattament responsabbli tal-batteriji użati għal skop differenti, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni u tiġi żgurata s-sikurezza tal-użu għall-utenti finali. Jenħtieġ li kwalunkwe batterija użata bħal din tgħaddi minn valutazzjoni tal-istat tas-saħħa tagħha u tal-kapaċità disponibbli biex taċċerta l-adeqwatezza tagħha għall-użu għal kwalunkwe skop ieħor għajr dak oriġinali tagħha. **Batteriji li jinstab li huma adatti għal użi differenti mill-iskop oriġinali tagħhom idealment jenħtieġ li jiġu adattati għal dak l-iskop differenti.** Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-istima tal-istat tas-saħħa tal-batteriji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 71

Proposta għal regolament

Premessa 89

Test propost mill-Kummissjoni

- (89) Jenħtieġ li l-produtturi u d-distributuri jkunu involuti b'mod attiv fl-għoti ta' informazzjoni lill-utenti finali li jenħtieġ li l-batteriji jinġabru separatament, li l-iskemi ta' ġbir ikunu disponibbli u li l-utenti finali jkollhom rwol importanti fl-iżgurar ta' ġestjoni ambjentalment ottimali tal-iskart ta' batteriji. Kemm id-divulgazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali kollha, kif ukoll ir-rapportar dwar il-batteriji jenħtieġ li jagħmlu użu minn teknoloġiji tal-informazzjoni moderni. Jenħtieġ li l-informazzjoni tingħata jew b'mezzi klassiċi, bħal fuq barra, posters u kampanji tal-midja soċjali, jew inkella b'mezzi aktar innovattivi, bħall-aċċess elettroniku għas-siti web ipprovduti mill-kodiċijiet QR imwahnha mal-batterija.

Emenda

- (89) Jenħtieġ li l-produtturi u d-distributuri, **inklużi l-postijiet tas-suq online**, jkunu involuti b'mod attiv fl-għoti ta' informazzjoni lill-utenti finali li jenħtieġ li l-batteriji jinġabru separatament, li l-iskemi ta' ġbir ikunu disponibbli u li l-utenti finali jkollhom rwol importanti fl-iżgurar ta' ġestjoni ambjentalment ottimali tal-iskart ta' batteriji, **b'mod partikolari billi jispjegaw kif il-flussi ta' skart jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-esportazzjonijiet tal-iskart lejn pajjiżi terzi u għaċ-ċrieki tal-materjal magħluqa fi ħdan l-Unjoni**. Kemm id-divulgazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali kollha, kif ukoll ir-rapportar dwar il-batteriji jenħtieġ li jagħmlu użu minn teknoloġiji tal-informazzjoni moderni. Jenħtieġ li l-informazzjoni tingħata jew b'mezzi klassiċi, bħal fuq barra, posters u kampanji tal-midja soċjali, **u/jew** inkella b'mezzi aktar innovattivi, bħall-aċċess elettroniku għas-siti web ipprovduti mill-kodiċijiet QR imwahnha mal-batterija **b'mod aċċessibbli u li jinftiehem**.

Emenda 72

Proposta għal regolament

Premessa 90

Test propost mill-Kummissjoni

- (90) Sabiex tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-obbligi rigward il-ġbir u t-trattament tal-batteriji u l-effettività tagħhom, huwa meħtieġ li l-operaturi rispettivi jirrapportaw lura lill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-produtturi tal-batteriji u operaturi oħrajn tal-immaniġġar tal-iskart li jgħbru l-batteriji jirrapportaw għal kull sena kalendarja, fejn applikabbli, id-data dwar il-batteriji mibjugħa u l-iskart ta' batteriji miġbur. Fir-rigward tat-trattament u r-riċiklaġġ, jenħtieġ li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u r-riċiklaturi jkollhom obbligi ta' rapportar, rispettivament.

Emenda

- (90) Sabiex tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-obbligi rigward il-ġbir u t-trattament tal-batteriji u l-effettività tagħhom, huwa meħtieġ li l-operaturi rispettivi jirrapportaw lura lill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-produtturi tal-batteriji u operaturi oħrajn tal-immaniġġar tal-iskart li jgħbru l-batteriji jirrapportaw għal kull sena kalendarja, fejn applikabbli, id-data dwar il-batteriji mibjugħa u l-iskart ta' batteriji miġbur. Fir-rigward tat-trattament u r-riċiklaġġ, jenħtieġ li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u r-riċiklaturi jkollhom obbligi ta' rapportar, rispettivament. **L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu trattament skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċedura ta' għażla mill-produtturi tal-batteriji rilevanti jew mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jagħxu f'isimhom, f'konformità mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 73

Proposta għal regolament

Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni

- (95) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶²⁾ jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, b'has-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza, il-protezzjoni tal-proprjetà u tal-ambjent, jenħtieġ li dak ir-Regolament japplika għall-batteriji koperti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1020 jiġi emendat kif xieraq.

⁽⁶²⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1)

Emenda

- (95) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶²⁾ jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, b'has-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza, il-protezzjoni tal-proprjetà u tal-ambjent, jenħtieġ li dak ir-Regolament japplika għall-batteriji koperti minn dan ir-Regolament, **inklużi batteriji prodotti barra mill-Unjoni u li jidħlu fis-suq tal-Unjoni**. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1020 jiġi emendat kif xieraq.

⁽⁶²⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1)

Emenda 74

Proposta għal regolament

Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni

- (97) Jenħtieġ li tkun teżisti proċedura li taħtha l-partijiet interessati jiġu informati b'miżuri li jkunu maħsuba li jittieħdu fir-rigward ta' batteriji li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-proprjetà jew għall-ambjent. Jenħtieġ li din tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' tali batteriji. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina jekk il-miżuri nazzjonali fir-rigward tal-batteriji mhux konformi humiex ġustifikati jew le.

Emenda

- (97) Jenħtieġ li tkun teżisti proċedura li taħtha l-partijiet interessati jiġu informati b'miżuri li jkunu maħsuba li jittieħdu fir-rigward ta' batteriji li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-proprjetà jew għall-ambjent. Jenħtieġ li din tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' tali batteriji. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina **malajr** jekk il-miżuri nazzjonali fir-rigward tal-batteriji mhux konformi humiex ġustifikati jew le.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 75

Proposta għal regolament

Premessa 98

Test propost mill-Kummissjoni

(98) Jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikollhom id-dritt li jitolbu lill-operaturi ekonomiċi jieħdu azzjonijiet korrettivi abbażi ta' sejbiet jew li l-batterija ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew inkella li l-operatur ekonomiku jikser ir-regoli dwar id-disponibbiltà ta' batterija jew it-tqegħid tagħha fis-suq, jew dwar is-sostenibbiltà, is-sikurezza **u t-tikkettar** jew dwar id-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista.

Emenda

(98) Jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikollhom id-dritt li jitolbu lill-operaturi ekonomiċi jieħdu azzjonijiet korrettivi abbażi ta' sejbiet jew li l-batterija ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew inkella li l-operatur ekonomiku jikser ir-regoli dwar id-disponibbiltà ta' batterija jew it-tqegħid tagħha fis-suq, jew dwar is-sostenibbiltà, is-sikurezza, **it-tikkettar u l-informazzjoni** jew dwar id-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista.

Emenda 76

Proposta għal regolament

Premessa 98a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(98a) **Sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-konsistenza tal-it-testjar fl-Unjoni kollha fil-qafas tas-sorveljanza tas-suq stabbiliti mir-Regolament (UE) 2019/1020 fir-rigward tal-batteriji, kif ukoll biex jiġi pprovdut parir tekniku u xjentifiku indipendenti matul l-evalwazzjonijiet imwettqa fir-rigward tal-batteriji li jippreżentaw riskju, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħtar faċilità tal-it-testjar tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-konformità mal-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni dwar il-batteriji stabbilit b'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi promossa wkoll fil-livell nazzjonali.**

Emenda 77

Proposta għal regolament

Premessa 98b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(98b) **Il-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni spiss jiġi mfixxkel minn ostakli stabbiliti fil-livell nazzjonali li jimpedixxu r-realizzazzjoni sħiħa tas-suq intern u jnaqq-su l-oppurtunitajiet għall-kumpaniji li jagħmlu negozju u jiżviluppaw, b'mod partikolari l-SMEs, li jirrappreżentaw is-sinla tal-ekonomija tal-Unjoni. L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltà li jidħlu fi ftehimiet ma' xulxin biex jippermettu proċeduri ta' arbitraġġ bil-għan li jsolvu malajr it-tilwim li jinqala' fir-rigward tal-aċċess għas-suq intern f'dak li għandu x'jaqsam mal-batteriji.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 78
Proposta għal regolament
Premessa 99

Test propost mill-Kummissjoni

- (99) L-akkwist pubbliku jikkostitwixxi settur importanti fir-rigward tat-tnaqqis tal-impatti tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-ambjent u biex jistimula t-trasformazzjoni tas-suq lejn prodotti aktar sostenibbli. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti, kif definiti fid-Direttiva 2014/24/UE ⁽⁶³⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁴⁾, u l-entitajiet kontraenti kif definiti fid-Direttiva 2014/25/UE jqisu l-impatti ambjentali meta jakkwistaw batteriji jew prodotti li fihom il-batteriji, sabiex jippromwovu u jstimulaw is-suq għal mobbiltà nadifa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u l-ħażna tal-enerġija u, b'hekk, jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-politika dwar l-ambjent, il-klima u l-enerġija tal-Unjoni.

⁽⁶³⁾ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65)

⁽⁶⁴⁾ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243)

Emenda

- (99) L-akkwist pubbliku jikkostitwixxi settur importanti fir-rigward tat-tnaqqis tal-impatti tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-ambjent u biex jistimula t-trasformazzjoni tas-suq lejn prodotti aktar sostenibbli. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti, kif definiti fid-Direttiva 2014/24/UE ⁽⁶³⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva 2014/25/UE ⁽⁶⁴⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-entitajiet kontraenti kif definiti fid-Direttiva 2014/25/UE jqisu l-impatti ambjentali meta jakkwistaw batteriji jew prodotti li fihom il-batteriji **u jiżguraw konformità effettiva ma' rekwiżiti soċjali u ambjentali min-naħa tal-operaturi ekonomiċi**, sabiex jippromwovu u jstimulaw is-suq għal mobbiltà nadifa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u l-ħażna tal-enerġija, u b'hekk jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-politika dwar l-ambjent, il-klima u l-enerġija tal-Unjoni. **Barra minn hekk, it-titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku fis-suq tal-batteriji u l-inkoraġġiment ta' aktar partijiet ikkonċernati lokali u tal-Unjoni biex jissieħbu jikkontribwixxu wkoll b'mod sinifikanti biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.**

⁽⁶³⁾ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65)

⁽⁶⁴⁾ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243)

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 79

Proposta għal regolament

Premessa 105

Test propost mill-Kummissjoni

(105) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli **minnufih** li jiddeterminaw jekk miżura nazzjonali meħuda fir-rigward ta' batterija konformi li tippreżenta riskju hijiex ġustifikata jew le fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza, il-proprjeta' jew l-ambjent, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jirrikjedu dan.

Emenda

(105) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli **mingħajr dewmien** li jiddeterminaw jekk miżura nazzjonali meħuda fir-rigward ta' batterija konformi li tippreżenta riskju hijiex ġustifikata jew le fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza, il-proprjeta' jew l-ambjent, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jirrikjedu dan.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Premessa 106

Test propost mill-Kummissjoni

(106) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li daww ir-regoli jiġu infurzati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

(106) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li daww ir-regoli jiġu infurzati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. **Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni fl-infurzar madwar l-Unjoni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta-l-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' kriterji armonizzati jew ta' gwida għal penalitajiet u għall-kumpens ta' danni kkawżati lil individwi.**

Emenda 81

Proposta għal regolament

Premessa 109a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(109a) Huwa importanti li fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jiġu kkunsidrati l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi, huwa importanti li fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament it-teknoloġiji disponibbli rilevanti kollha jitqiesu b'mod ugwali, sakemm daww it-teknoloġiji jippermettu konformità sħiħa tal-batteriji ma' kwalunkwe rekwiżit rilevanti stabbilit f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ma għandu jiġi impost l-ebda piż amministrattiv eċċessiv fuq l-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari fuq l-SMEs.

Emenda

(109a) Huwa importanti li fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jiġu kkunsidrati l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi, huwa importanti li fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament it-teknoloġiji disponibbli rilevanti kollha jitqiesu b'mod ugwali, sakemm daww it-teknoloġiji jippermettu konformità sħiħa tal-batteriji ma' kwalunkwe rekwiżit rilevanti stabbilit f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ma għandu jiġi impost l-ebda piż amministrattiv eċċessiv fuq l-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari fuq l-SMEs.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 82
Proposta għal regolament
Premessa 110

Test propost mill-Kummissjoni

(110) Billi l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiggarrantixxi l-funzjonament tas-suq intern, **filwaqt li** jiżgura li l-batteriji mqiegħda fis-suq jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprevedu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sikurezza, tal-proprjetà u tal-ambjent, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-ħtieġa għall-armonizzazzjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv,

Emenda

(110) Billi l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiggarrantixxi l-funzjonament tas-suq intern, **u biex** jiżgura li l-batteriji mqiegħda fis-suq **kif ukoll l-operazzjonijiet marbuta mal-iskart ta' batteriji** jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprevedu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sikurezza, tal-proprjetà u tal-ambjent, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-ħtieġa għall-armonizzazzjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv,

Emenda 83
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar is-sostenibbiltà, is-sikurezza, it-tikkettar u l-informazzjoni li jippermettu t-tqegħid ta' batteriji fis-suq jew fis-servizz, **kif ukoll rekwiżiti għall-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji.**

Emenda

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar is-sostenibbiltà **ambjentali, ekonomika u soċjali**, is-sikurezza, it-tikkettar u l-informazzjoni li jippermettu t-tqegħid ta' batteriji fis-suq jew fis-servizz.

Emenda 84
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Barra minn hekk dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem biex jevita jew inaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart ta' batteriji u tal-impatti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġar tal-iskart ta' tali batteriji u billi jnaqqas l-impatti ġenerali tal-użu tar-riżorsi u jtejjeb l-effiċjenza f'dan it-tip ta' użu.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-batteriji kollha, jiġifieri l-batteriji portabbli, il-batteriji awtomotivi, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali, irrispettivament mill-forma, il-volum, il-piż, id-disinn, il-kompożizzjoni tal-materjal, l-użu jew l-iskop tagħhom. Huwa għandu japplika wkoll għal batteriji inkorporati fi prodotti oħrajn jew miżjuda magħhom.

Emenda

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-batteriji kollha, jiġifieri l-batteriji portabbli, il-batteriji **għal mezzi tat-trasport ħfief, il-batteriji** awtomotivi, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali, irrispettivament mill-forma, il-volum, il-piż, id-disinn, il-kompożizzjoni tal-materjal, l-użu jew l-iskop tagħhom. Huwa għandu japplika wkoll għal batteriji inkorporati fi prodotti oħrajn jew miżjuda magħhom.

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) **It-tagħmir maħsub speċifikament għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari, kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom** ^(1a).

^(1a) **Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).**

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu VII, dan ir-regolament ma għandux japplika għal batteriji li l-produttur jista' jipprova li ġew prodotti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) "batterija" tfisser kwalunkwe sors ta' enerġija elettrika ġġenerata permezz ta' konverżjoni diretta ta' enerġija kimika u li tikkonsisti f'ċellola tal-batteriji waħda jew aktar mhux rikarikabbli jew rikarikabbli jew fi gruppi tagħhom;

(1) "batterija" tfisser kwalunkwe sors ta' enerġija elettrika ġġenerata permezz ta' konverżjoni diretta ta' enerġija kimika u li tikkonsisti f'ċellola tal-batteriji waħda jew aktar mhux rikarikabbli jew rikarikabbli jew fi gruppi tagħhom, **bħal pakketti ta' batteriji u moduli ta' batteriji;**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 89**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) “**batterija b'memorja interna**” tfisser **batterija mingħajr apparat estern imwaħħal għall-ħażna tal-enerġija;**

imħassar

Emenda 90**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— mhijiex iddisinjata għal **skopijiet** industrijali; kif ukoll

— mhijiex iddisinjata **esklużivament** għal **użi** industrijali; kif ukoll

Emenda 91**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— la hija batterija ta' vettura elettrika u lanqas batterija awtomotiva;

— la hija batterija **għal mezz ħafif tat-trasport u lanqas batterija ta'** vettura elettrika u lanqas batterija awtomotiva;

Emenda 92**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) “batteriji portabbli ta' użu ġenerali” tfisser batteriji portabbli bil-formati komuni li ġejjin: 4,5 Volts (3R12), D, C, AA, AAA, AAAA, A23, 9 Volts (PP3);

(8) “batteriji portabbli ta' użu ġenerali” tfisser batteriji portabbli bil-formati komuni li ġejjin: 4,5 Volts (3R12), **ċellula buttuna**, D, C, AA, AAA, AAAA, A23, 9 Volts (PP3);

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

- (9) “mezz ta' trasport **ħafif**” ifisser vetturi bir-roti li għandhom mutur elettriku **ta' inqas minn 750 watt, li fuqhom il-vjaġġaturi jkunu bilqiegħda meta l-vettura tkun miexja u** li jistgħu jitħaddmu bil-mutur elettriku waħdu jew b'kombinazzjoni ta' qawwa motorizzata u **saħħa fiżika tal-bniedem**;

Emenda

- (9) “**batterija għal mezz** ta' trasport **ħfief**” tfisser kwalunkwe **batterija f'vetturi** li jistgħu jitħaddmu bil-mutur elettriku waħdu jew b'kombinazzjoni ta' qawwa motorizzata **u saħħa fiżika tal-bniedem, inklużi vetturi tat-tip approvat li jappartjenu għall-kategoriji tal-vetturi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ^(1a), u **b'piż anqas minn 25 kg**;

- ^(1a) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

- (10) “batterija awtomotiva” tfisser kwalunkwe batterija li tintuża **biss** għall-istartjar, it-tidwil jew it-tqabbid tal-karozzi;

Emenda

- (10) “batterija awtomotiva” tfisser kwalunkwe batterija li **primarjament** tintuża għall-istartjar, it-tidwil jew it-tqabbid tal-karozzi **jew ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq jew funzjonijiet oħra ta' appoġġ**;

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

- (11) “batterija industrijali” tfisser kwalunkwe batterija ddisinjata għal użi industrijali u kwalunkwe batterija oħra esklużi l-batteriji portabbli, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi;

Emenda

- (11) “batterija industrijali” tfisser kwalunkwe batterija ddisinjata **esklużivament** għal użi industrijali u kwalunkwe batterija oħra, **inklużi s-sistemi għall-ħżin tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji**, esklużi l-batteriji portabbli, **il-batteriji għal mezz tat-trasport ħfief**, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni

- (12) “batterija tal-vetturi elettriċi” tfisser kwalunkwe batterija ddisinjata speċifikament biex tipprovdi **trazzjoni** lil **vetturi ibridi** u **elettriċi għat-trasport bit-triq**;

Emenda

- (12) “batterija tal-vetturi elettriċi” tfisser kwalunkwe batterija ddisinjata speċifikament biex tipprovdi **l-enerġija għat-trazzjoni** lil **vettura tal-kategorija L** kif previst fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 u **b'piż oġġla minn 25 kg**, jew lil **vettura tal-kategoriji M, N jew O** kif previst fir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(1a);

- ^(1a) **Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).**

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

- (13) “sistema stazzjonarja għall-ħażna **tal-enerġija tal-batterija**” tfisser batterija industrijali rikarikabbli b'memorja interna ddisinjata speċifikament biex taħżen u twassal l-enerġija elettrika **fil-grilja**, irrispettivament minn fejn tintuża **l-batterija** u minn min;

Emenda

- (13) “**batterija fi ħdan** sistema stazzjonarja għall-ħażna **tal-enerġija**” tfisser batterija industrijali rikarikabbli b'memorja interna ddisinjata speċifikament biex taħżen u twassal l-enerġija elettrika **meta tkun konnessa mal-grilja tal-elettriku**, irrispettivament minn fejn tintuża **din il-batterija** u minn min;

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni

- (21) “kodiċi QR” ifisser **barcode** matriċi li jgħaqqad ma' informazzjoni **dwar mudell ta' batterija**;

Emenda

- (21) “kodiċi QR” ifisser **kodiċi** matriċi **li jinqara mill-magni** li jgħaqqad ma' informazzjoni **kif mitlub minn dan ir-Regolament**;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) “sistema ta’ ġestjoni tal-batterija” tfisser apparat elettroniku li jikkontrolla jew jimmaniġġa l-funzjonijiet elettriċi u termali tal-batterija, li jimmaniġġa u jaħżen id-data dwar il-parametri għad-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji stipulati fl-Anness VII u li jikkomunika mal-vettura jew mal-apparat fejn tkun inkorporata l-batterija;

Emenda

(22) “sistema ta’ ġestjoni tal-batterija” tfisser apparat elettroniku li jikkontrolla jew jimmaniġġa l-funzjonijiet elettriċi u termali tal-batterija **biex jinfluwenza s-sikurezza, il-prestazzjoni u l-ħajja operattiva tal-batterija**, li jimmaniġġa u jaħżen id-data dwar il-parametri għad-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji stipulati fl-Anness VII u li jikkomunika mal-vettura jew mal-apparat fejn tkun inkorporata l-batterija;

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) “preparazzjoni għal adattament għal skop differenti” tfisser kwalunkwe operazzjoni li biha partijiet minn skart ta’ batterija jew it-totalità ta’ skart ta’ batterija jiġu ppreparati biex ikunu jistgħu jintużaw għal skop jew applikazzjoni differenti minn dawk li l-batterija kienet oriġinarjament iddisinjata għalihom;

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 26b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26b) “manifattura mill-ġdid” tfisser kwalunkwe operazzjoni ta’ żarmar, ripristinu, tibdil ta’ komponenti ta’ pakketti ta’ batteriji, moduli ta’ batteriji u/jew ċelloli ta’ batteriji użati biex batterija titreġġa’ lura għal livell ta’ prestazzjoni u kwalità ekwivalenti għall-batterija oriġinali, għall-iskop oriġinali jew wieħed differenti;

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 38

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38) “organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi” tfisser entità ġuridika li torganizza b’mod finanzjarju jew operattiv it-twettiq tal-obbligi ta’ responsabbiltà estiża tal-produtturi fisem diversi produtturi;

(38) “organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi” tfisser entità ġuridika li torganizza b’mod finanzjarju jew **b’mod finanzjarju u** operattiv it-twettiq tal-obbligi ta’ responsabbiltà estiża tal-produtturi fisem diversi produtturi;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) “skart ta’ batteriji” tfisser kwalunkwe batterija **li hija** skart skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE;

Emenda

(39) “skart ta’ batteriji” tfisser kwalunkwe batterija **jew ċellula ta’ batterija koperta bid-definizzjoni ta’** skart skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE;

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) “użu mill-ġdid” tfisser l-użu mill-ġdid dirett sħiħ jew parzjali tal-batterija **għall-iskop oriġinali** li għalih kienet iddisinjata l-batterija;

Emenda

(40) “użu mill-ġdid” tfisser l-użu mill-ġdid dirett sħiħ jew parzjali tal-batterija **li mhix skart għall-istess skop** li għalih kienet iddisinjata l-batterija;

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 41 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(41) “sustanza perikoluża” tfisser kwalunkwe sustanza li tisso-disfa l-kriterji għal kwalunkwe **waħda mill-klussijiet jew il-kategoriji stabbiliti** fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁷⁾:

Emenda

(41) “sustanza perikoluża” tfisser kwalunkwe sustanza li tisso-disfa l-kriterji għal kwalunkwe **klassi jew kategorija stabbilita** fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁷⁾:

⁽⁶⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlittiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1)

⁽⁶⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlittiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1)

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 41 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **klussijiet ta’ periklu 2.1 sa 2.4, 2.6 u 2.7, 2.8 tipi A u B, 2.9, 2.10, 2.12, 2.13 kategoriji 1 u 2, 2.14 kategoriji 1 u 2, 2.15 tipi A sa F;**

Emenda

imħassar

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 41 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *klassijiet ta' periklu 3.1 sa 3.6, 3.7 effetti negattivi fuq il-funzjonament sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp, 3.8 effetti oħrajn minbarra effetti narkotiċi, 3.9 u 3.10;*

imħassar

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 41 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) *klassi ta' periklu 4.1;*

imħassar

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 41 –punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) *klassi ta' periklu 5.1;*

imħassar

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36) “diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista**” tfisser l-obbligi tal-operatur ekonomiku li jqiegħed batterija **industrijali rikarikabbli jew batterija tal-vetturi elettriċi fis-suq**, b'rabta mas-sistema ta' ġestjoni tagħha, il-ġestjoni tar-riskji, il-verifiki ta' partijiet terzi minn korpi nnotifikati u d-divulgazzjoni tal-informazzjoni bl-għan li jiġu identifikati u indirizzati r-riskji attwali u potenzjali marbuta mal-akkwist, l-ipproċessar u n-negozjar tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura tal-batteriji;

(36) “diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur tal-batteriji**” tfisser l-obbligi tal-operatur ekonomiku li jqiegħed batterija **fis-suq fir-rigward tal-kategoriji ta' riskji soċjali u ambjentali**, b'rabta mas-sistema ta' ġestjoni tagħha, il-ġestjoni tar-riskji, il-verifiki ta' partijiet terzi minn korpi nnotifikati u d-divulgazzjoni tal-informazzjoni bl-għan li jiġu identifikati, **evitati** u indirizzati r-riskji attwali u potenzjali marbuta mal-akkwist, l-ipproċessar u n-negozjar tal-materja prima, **is-sustanzi kimiċi u l-materja prima sekondarja** meħtieġa għall-manifattura tal-batteriji **u t-trattament tal-iskart ta' batteriji, b'rabta mal-operazzjonijiet tal-manifattura tagħhom u b'rabta mar-relazzjonijiet kummerċjali relatati;**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36 a) “relazzjonijiet kummerċjali” tfisser ir-relazzjonijiet bejn impriża u s-sussidjarji tagħha u r-relazzjonijiet kummerċjali ta’ impriża tul il-katina tal-valur tagħha, inklużi fornituri u sottokuntratturi, u li huma direttament marbuta mal-operazzjonijiet tan-negozju, il-prodotti jew is-servizzi tal-impriża;

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36b) “żoni ta’ riskju għoli” tfisser żoni fejn hemm governanza u sigurtà dgħajfin jew ineżistenti, bħal Stati falluti, jew żoni fejn hemm ksur mifruq u sistematiku tad-dritt internazzjonali, inklużi abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri ma għandhomx, għal raġunijiet relatati mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, is-sikurezza, it-tikkettar u l-informazzjoni tal-batteriji jew l-immaniġġar tal-iskart ta’ batteriji koperti minn dan ir-Regolament, jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq jew fis-servizz ta’ batteriji li jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.

1. L-Istati Membri ma għandhomx, għal raġunijiet relatati mar-rekwiżiti **soċjali u ambjentali** tas-sostenibbiltà, is-sikurezza, it-tikkettar u l-informazzjoni tal-batteriji jew l-immaniġġar tal-iskart ta’ batteriji koperti minn dan ir-Regolament, jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq jew fis-servizz ta’ batteriji li jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. F’fieri kummerċjali, esibizzjonijiet, dimostrazzjonijiet jew avvenimenti simili, l-Istati Membri ma għandhomx jipprevjenu l-wiri ta’ batteriji li ma jkunux konformi ma’ dan ir-Regolament, dment li jkun hemm sinjal viżibbli li jindika b’mod ċar li tali batteriji ma jikkonformawx ma’ dan ir-Regolament u **li mhumiex għall-bejgħ** sakemm isiru konformi.

2. F’fieri kummerċjali, esibizzjonijiet, dimostrazzjonijiet jew avvenimenti simili, l-Istati Membri ma għandhomx jipprevjenu l-wiri ta’ batteriji li ma jkunux konformi ma’ dan ir-Regolament, dment li jkun hemm sinjal viżibbli li jindika b’mod ċar li tali batteriji ma jikkonformawx ma’ dan ir-Regolament u li **ma jistgħux isiru disponibbli fis-suq** sakemm isiru konformi. **Waqt id-dimostrazzjonijiet, l-operatur ekonomiku rilevanti għandu jieħu miżuri adegwati biex jiżgura s-sikurezza tal-persuni.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Rekwiżiti ta' sostenibbiltà, sikurezza, tikkettar u **informazzjoni** għall-batteriji

Emenda

Rekwiżiti ta' sostenibbiltà, sikurezza, tikkettar, **informazzjoni** u **diliġenza dovuta** għall-batteriji

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti fl-Artikolu 39.

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji awtomotivi mqiegħda fis-suq bħala sostituti għall-batteriji difettużi, għandhom japplikaw l-istess rekwiżiti bħal dawk għall-batteriji sostitwiti f'konformità mal-prinċipju "sewwi għal-livell tal-produzzjoni".

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għal kwalunkwe aspett mhux kopert mill-Kapitoli II u III, il-batteriji ma għandhomx jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-proprjeta' jew għall-ambjent.

2. Għal kwalunkwe aspett mhux kopert mill-Kapitoli II u III **u l-Artikolu 39**, il-batteriji ma għandhomx jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-proprjeta' jew għall-ambjent.

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull Stat Membru għandu jaħtar ukoll punt ta' kuntatt wieħed, minn fost l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, għall-fini ta' komunikazzjoni mal-Kummissjoni skont il-paragrafu 3.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sa [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni **bl-ismijiet** u **l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura** skont il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe bidla **fl-ismijiet** jew **fl-indirizzi ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti**.

Emenda

3. Sa [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni **l-isem** u **l-indirizz tal-punt ta' kuntatt maħtur** skont il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe bidla **fl-isem** jew **fl-indirizz tal-punt ta' kuntatt**.

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

5a. Fi żmien 6 xhur minn kwalunkwe emenda tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew mid-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni dwar kriterji ta' sostenibbiltà għal sustanzi perikolużi u sustanzi kimiċi, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk din l-emenda jew il-leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni tirrikjedix emenda ta' dan l-Artikolu jew tal-Anness I għal dan ir-Regolament, jew it-tnejn, u tadotta, fejn xieraq, att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 ta' dan ir-Regolament biex temenda dawk id-dispożizzjonijiet skont il-każ.

Emenda

5a. Fi żmien 6 xhur minn kwalunkwe emenda tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew mid-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni dwar kriterji ta' sostenibbiltà għal sustanzi perikolużi u sustanzi kimiċi, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk din l-emenda jew il-leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni tirrikjedix emenda ta' dan l-Artikolu jew tal-Anness I għal dan ir-Regolament, jew it-tnejn, u tadotta, fejn xieraq, att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 ta' dan ir-Regolament biex temenda dawk id-dispożizzjonijiet skont il-każ.

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

5b. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, għandha tirrieżamina b'mod sistematiku s-sustanzi perikolużi fil-batteriji biex tidentifika r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Din il-valutazzjoni għandha tqis sa liema punt l-użu ta' sustanza perikoluża huwa meħtieġ għas-saħħa, għas-sikurezza jew huwa kritiku għall-funzjonament tas-soċjetà kif ukoll id-disponibbiltà ta' alternattivi xierqa mil-lat tal-ambjent u tas-saħħa. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tikkunsidra li tiegħu l-miżuri xierqa, inkluż l-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fit-tieni paragrafu.

Emenda

5b. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, għandha tirrieżamina b'mod sistematiku s-sustanzi perikolużi fil-batteriji biex tidentifika r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Din il-valutazzjoni għandha tqis sa liema punt l-użu ta' sustanza perikoluża huwa meħtieġ għas-saħħa, għas-sikurezza jew huwa kritiku għall-funzjonament tas-soċjetà kif ukoll id-disponibbiltà ta' alternattivi xierqa mil-lat tal-ambjent u tas-saħħa. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tikkunsidra li tiegħu l-miżuri xierqa, inkluż l-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fit-tieni paragrafu.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

L-impronta tal-karbonju tal-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali **rikarikabbli**

Emenda

L-impronta tal-karbonju tal-batteriji tal-vetturi elettriċi, **il-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief** u l-batteriji industrijali

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-batteriji tal-vetturi elettriċi **u l-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li tinkludi, għal kull mudell ta' batterija u **lott** għal kull impjant tal-manifattura, dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju mħejjija f'konformità mal-att delegat imsemmi fit-tieni subparagrafu u li jkun fiha, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja:

Emenda

1. Il-batteriji tal-vetturi elettriċi, **il-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief u l-batteriji industrijali** għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li tinkludi, għal kull mudell ta' batterija u għal kull impjant tal-manifattura, dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju mħejjija f'konformità mal-att delegat imsemmi fit-tieni subparagrafu u li jkun fiha, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja:

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) **informazzjoni dwar il-materja prima użata, inkluż is-sehem ta' kontenut rinnovabbli;**

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-impronta tal-karbonju totali tal-batterija, ikkalkolata bħala kg ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju;

Emenda

(d) l-impronta tal-karbonju totali tal-batterija, ikkalkolata bħala kg ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju **u l-impronta tal-karbonju tal-batterija, ikkalkolata bħala kg tal-ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju għal kull kWh tal-enerġija totali pprovdut matul il-ħajja operattiva mistennija tas-sistema tal-batterija;**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rekwiżit tad-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju fl-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2024 għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali **rikarikabbli**.

Emenda

Ir-rekwiżit tad-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju fl-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2024 għall-batteriji tal-vetturi elettriċi, **għall-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief** u għall-batteriji industrijali.

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' **Lulju** 2023, tadotta:

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' **Jannar** 2023, tadotta:

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-impronta tal-karbonju **totali** tal-batterija msemmija fil-punt (d), f'konformità mal-elementi essenzjali stabbiliti fl-Anness II;

Emenda

(a) att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu **u l-verifika** tal-impronta tal-karbonju tal-batterija msemmija fil-punt (d), f'konformità mal-elementi essenzjali stabbiliti fl-Anness II;

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu **fid-dawl tal-progress xjentifiku u diġitali**.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 131

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-batteriji tal-vetturi elettriċi **u l-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** għandu jkollhom tikketta li tidher sewwa, tinqara b'mod ċar u li ma titħassarx, li tindika l-klassi ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju li għaliha tikkorrespondi l-batterija individwali.

Emenda

Il-batteriji tal-vetturi elettriċi, **il-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief u l-batteriji industrijali** għandu jkollhom tikketta li tidher sewwa, tinqara b'mod ċar u li ma titħassarx, li tindika **l-impronta tal-karbonju tal-batterija msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 u l-klassi ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju** li għaliha tikkorrespondi l-batterija individwali.

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rekwiżiti tal-klassi ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw **mill-1 ta' Jannar 2026** għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali **rikarikabbli**.

Emenda

Ir-rekwiżiti tal-klassi ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw **mill-1 ta' Lulju 2025** għall-batteriji tal-vetturi elettriċi, **għall-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief** u għall-batteriji industrijali.

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-**31 ta' Diċembru 2024**, tadotta

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-**1 ta' Jannar 2024**, tadotta

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-batteriji tal-vetturi elettriċi **u l-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li turi, għal kull mudell ta' batterija **u lott** għal kull impjant tal-manifattura, li l-valur iddikjarat tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja jkun inqas mil-limitu massimu stabbilit fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont it-tielet subparagrafu.

Emenda

Il-batteriji tal-vetturi elettriċi, **il-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief u l-batteriji industrijali b'enerġija nominali** ta' aktar minn 2 kWh għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li turi, għal kull mudell ta' batterija għal kull impjant tal-manifattura, li l-valur iddikjarat tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja jkun inqas mil-limitu massimu stabbilit fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont it-tielet subparagrafu.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 135**Proposta għal regolament****Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

Ir-reqwiżit għal limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja fl-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-1 ta' **Lulju** 2027 għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali **rikarikabbli**.

Emenda

Ir-reqwiżit għal limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja fl-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-1 ta' **Jannar** 2027 għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u **l-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief kollha u għall-batteriji industrijali b'enerġija nominali ta' aktar minn 2 kWh**.

Emenda 136**Proposta għal regolament****Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju **2026**, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 li jissupplimenta lil dan ir-Regolament billi jiġi ddeterminat il-limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja msemmi fl-ewwel subparagrafu. Fit-tħejjija ta' dak l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju **2025**, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 li jissupplimenta lil dan ir-Regolament billi jiġi ddeterminat il-limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja msemmi fl-ewwel subparagrafu. Fit-tħejjija ta' dak l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II.

Emenda 137**Proposta għal regolament****Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni*

L-introduzzjoni ta' limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja għandha tiskatta, jekk tkun meħtieġa, klassifikazzjoni mill-ġdid tal-klassijiet ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju tal-batteriji msemmija fil-paragrafu 2.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja msemmi fl-ewwel subparagrafu abbażi tal-aħħar data disponibbli rrapportata f'konformità mal-paragrafu 1. L-introduzzjoni ta' limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja għandha tiskatta, jekk tkun meħtieġa, klassifikazzjoni mill-ġdid tal-klassijiet ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju tal-batteriji msemmija fil-paragrafu 2.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà li testendi r-rekwiżiti f'dan l-Artikolu għall-batteriji portabbli, u r-rekwiżit msemmi fil-paragrafu 3 għall-batteriji industrijali b'enerġija nominali ta' inqas minn 2 kWh. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tikkunsidra li tiegħu l-miżuri xierqa, inkluż l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi.

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kontenut riċiklat f'batteriji industrijali, batteriji tal-vetturi elettriċi u batteriji awtomotivi

Kontenut riċiklat f'batteriji **portabbli, batteriji għal ta' trasport ħfief, batteriji** industrijali, batteriji tal-vetturi elettriċi u batteriji awtomotivi

Emenda 140

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mill-1 ta' **Jannar 2027**, il-batteriji **industrijali**, il-batteriji **tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** li fihom il-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li jkun fiha informazzjoni dwar l-ammont ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell **u lott** ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura.

Mill-1 ta' **Lulju 2025**, il-batteriji **portabbli, bl-eċċezzjoni tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali**, il-batteriji **għal mezz ta' trasport ħfief, il-batteriji industrijali, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi** li fihom il-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li jkun fiha informazzjoni dwar l-ammont ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 141

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-31 ta' Diċembru **2025**, il-Kummissjoni għandha tadotta **att ta' implimentazzjoni** li jstabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tal-ammont ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi fil-batteriji msemmija fl-ewwel subparagrafu **u l-format għad-dokumentazzjoni** teknika. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru **2023**, il-Kummissjoni għandha tadotta:

- (a) **att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi** jstabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tal-ammont ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi fil-batteriji msemmija fl-ewwel subparagrafu.
- (b) **att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-format u d-dokumentazzjoni** teknika **għad-dikjarazzjoni dwar il-materjali rkuprati**. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Emenda 142

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mill-1 ta' Jannar 2030, il-batteriji **industrijali**, il-batteriji **tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** li fihom kobalt, ċomb, litju jew nikil f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li turi li daww il-batteriji fihom is-sehem minimu li ġej ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell **u lott** ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura:

Emenda

2. Mill-1 ta' Jannar 2030, il-batteriji **portabbli, bl-eċċezzjoni tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali**, il-batteriji **għal mezz ta' trasport ħfief, il-batteriji industrijali, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi** li fihom kobalt, ċomb, litju jew nikil f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li turi li daww il-batteriji fihom is-sehem minimu li ġej ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura:

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Mill-1 ta' Jannar 2035, il-batteriji **industrijali**, il-batteriji **tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** li fihom kobalt, ċomb, litju jew nikel f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li turi li daww il-batteriji fihom is-sehem minimu li għej ta' kobalt, ċomb, litju jew nikel irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell **u lott** ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura:

Emenda

3. Mill-1 ta' Jannar 2035, il-batteriji **portabbli, bl-eċċezzjoni tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali**, il-batteriji **għal mezz ta' trasport ħfief, il-batteriji industrijali, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi** li fihom kobalt, ċomb, litju jew nikel f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li turi li daww il-batteriji fihom is-sehem minimu li għej ta' kobalt, ċomb, litju jew nikel irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura:

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. **Fejn ġustifikat u xieraq** minħabba d-disponibbiltà tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikel irkuprat mill-iskart, jew in-nuqqas tiegħu, **il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2027, att delegat f'konformità mal-Artikolu 73, biex temenda l-miri stipulati fil-paragrafi 2 u 3.**

Emenda

4. **Wara l-istabbiliment tal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk**, minħabba d-disponibbiltà eżistenti u prevista għall-2030 u l-2035 tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikel irkuprat mill-iskart, jew in-nuqqas tiegħu, **u fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku, huwiex xieraq li jiġu riveduti l-miri stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll sa liema punt daww il-miri jintlaħqu permezz ta' skart ta' qabel il-konsum jew ta' wara l-konsum, u jekk huwiex xieraq li l-kisba tal-miri tiġi limitata biss għall-iskart ta' wara l-konsum. Abbażi tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva.**

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. **Fejn ikun ġustifikat minn bidliet fit-teknoloġiji tal-batteriji li jkollhom impatt fuq it-tip ta' materjali li jistgħu jiġu rkuprati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi ddaħħal aktar materja prima u miri fil-listi stabbilita fil-paragrafi 2 u 3.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 146
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u durabbiltà għall-batteriji portabbli **ta' użu ġenerali**

Emenda

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u durabbiltà għall-batteriji portabbli

Emenda 147
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteriji portabbli **ta' użu ġenerali** għandhom jissodisfaw il-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stabbiliti fl-Anness III kif **stipulat** fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2.

Emenda

1. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteriji portabbli għandhom jissodisfaw il-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stabbiliti fl-Anness III kif **stabbilit** fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2.

Emenda 148
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-**31 ta' Diċembru 2025**, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi valuri minimi għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fl-Anness III li għandhom jiksbu l-batteriji portabbli ta' użu ġenerali.

Emenda

Sal-**1 ta' Lulju 2025**, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi valuri minimi għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fl-Anness III li għandhom jiksbu l-batteriji portabbli, **inklużi l-batteriji portabbli** ta' użu ġenerali.

Emenda 149
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fl-Anness III fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda **l-valuri minimu u żżid aktar parametri** tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fl-Anness III fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 150

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tiġi biex tħejji l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtieġa li jitnaqqas l-impatt ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja **tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali** u tqis l-istandards internazzjonali u l-iskemi ta' tikkettar rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li d-dispożizzjonijiet stabbiliti b'dak l-att delegat ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq **il-funzjonalità** ta' dawk il-batteriji jew l-apparati li fihom jiġu inkorporati dawk il-batteriji, l-affordabbiltà u l-kost għall-utent finali u l-kompetittività tal-industrija. **Ma għandu jiġi impost l-ebda piż amministrattiv eċċessiv fuq il-manifatturi tal-batteriji u l-apparat ikkonċernat.**

Emenda

Meta tiġi biex tħejji l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtieġa li jitnaqqas l-impatt ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja **u ż-żieda fl-effiċjenza fir-riżorsi tal-batteriji portabbli** u tqis l-istandards internazzjonali u l-iskemi ta' tikkettar rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li d-dispożizzjonijiet stabbiliti b'dak l-att delegat ma jkollhomx impatt **negattiv** sinifikanti fuq **is-sikurezza u l-funzjonalità** ta' dawk il-batteriji jew l-apparati li fihom jiġu inkorporati dawk il-batteriji, l-affordabbiltà u l-kost għall-utent finali u l-kompetittività tal-industrija.

Emenda 151

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sal-**31 ta' Diċembru 2030**, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tal-użu ta' batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali bil-ħsieb li jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ambjentali tagħhom abbażi tal-metodoloġija ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tikkunsidra li tieħu l-miżuri xierqa, inkluż l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi.

Emenda

3. Sal-**31 ta' Diċembru 2027**, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tal-użu ta' batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali bil-ħsieb li jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ambjentali tagħhom abbażi tal-metodoloġija ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja **u l-alternattivi vijabbli għall-utenti finali**. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tikkunsidra li tieħu l-miżuri xierqa, inkluż l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi **għat-tneħħija gradwali, l-istabiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn, jew it-tnejn, meta jkun ta' benefiċċju għall-ambjent.**

Emenda 152

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u durabbiltà għall-batteriji industrijali **rikarikabbli** u l-batteriji tal-vetturi elettriċi

Emenda

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u durabbiltà għall-batteriji industrijali, il-batteriji tal-vetturi elettriċi **u l-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 153

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-batteriji industrijali **rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li tinkludi l-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fil-Parti A tal-Anness IV.

Emenda

Minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-batteriji industrijali, **il-batteriji għal mezz ta' trasport ħfief u l-batteriji tal-vetturi elettriċi** għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li tinkludi l-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fil-Parti A tal-Anness IV.

Emenda 154

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Sal-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni dwar il-prestazzjoni u d-durabbiltà tal-batteriji industrijali, tal-batteriji għal mezz ta' trasport ħfief u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli permezz tal-parti disponibbli għall-pubbliku tas-sistema ta' skambju elettroniku kif stabbilit fl-Artikolu 64 fl-Anness XIII. L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u d-durabbiltà ta' tali batteriji għandha tkun disponibbli għall-konsumaturi qabel ix-xiri.

Emenda 155

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà għall-batteriji tal-vetturi elettriċi stipulati fl-Anness IV fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 156

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà għall-batteriji tal-vetturi elettriċi stabbiliti fl-Anness IV, fi żmien 6 xhur wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-koerenza tal-parametri tal-Anness IV u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-UNECE.

Emenda 157

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Mill-1 ta' Jannar 2026, il-batteriji industrijali **rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** għandhom jissodisfaw il-valuri minimi stipulati fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stabbiliti fil-Parti A tal-Anness IV.

2. Mill-1 ta' Jannar 2026, il-batteriji industrijali, **il-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief u l-batteriji tal-vetturi elettriċi** għandhom jissodisfaw il-valuri minimi **għat-tip speċifiku ta' batterija** stipulati fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stabbiliti fil-Parti A tal-Anness IV.

Emenda 158

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jstabbilixxi valuri minimi għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fil-Parti A tal-Anness IV li għandhom jilhqgħu l-batteriji **industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh**.

Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jstabbilixxi valuri minimi għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fil-Parti A tal-Anness IV li għandhom jilhqgħu l-batteriji **għal mezzi ta' trasport ħfief, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali**.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 159

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tiġi biex tħejji l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtieġa li jitnaqqas l-impatt ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji industrijali **rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** u tiżgura li r-rekwiżiti stipulati fih ma jkollhomx impatt negattiv sinifikanti fuq il-funzjonalità ta' dawk il-batteriji jew l-apparat li fih jiġu inkorporati dawk il-batteriji, l-affordabbiltà tiegħu u l-kompetittività tal-industrija. **Ma għandu jiġi impost l-ebda piż amministrattiv eċċessiv fuq il-manifatturi tal-batteriji u l-apparat ikkonċernat.**

Emenda

Meta tiġi biex tħejji l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtieġa li jitnaqqas l-impatt ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji industrijali, **tal-batteriji tal-vetturi elettriċi u tal-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief** u tiżgura li r-rekwiżiti stipulati fih ma jkollhomx impatt negattiv sinifikanti fuq il-funzjonalità ta' dawk il-batteriji jew l-apparat li fih jiġu inkorporati dawk il-batteriji, l-affordabbiltà tiegħu u l-kompetittività tal-industrija.

Emenda 160

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-prestazzjoni elettrokimika u l-valuri minimi tad-durabbiltà stabbiliti fl-Anness IV, bil-ħsieb tal-progress tekniku u xjentifiku, biex jiġu żgurati sinerġiji mal-valuri minimi li jistgħu joriġinaw mill-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent, u biex tiġi evitata sovrappożizzjoni bla bżonn. L-emenda tal-valuri minimi tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà ma għandhiex twassal għal livell imnaqqas ta' prestazzjoni u durabbiltà għall-batteriji tal-vetturi elettriċi.

Emenda 161

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-possibbiltà li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti

Il-possibbiltà li l-batteriji portabbli **u l-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief** jinqalgħu u jiġu sostitwiti

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 162

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-batteriji portabbli inkorporati fl-apparat għandhom ikunu jistgħu jitneħħew u jinbidlu faċilment mill-utent finali jew minn operaturi indipendenti matul il-ħajja tal-apparat, jekk il-batteriji jkollhom tul tal-ħajja iqsar mill-apparat, jew mhux aktar tard mit-tmiem tat-tul tal-ħajja tal-apparat.

Emenda

Sal-1 ta' Jannar 2024 il-batteriji portabbli inkorporati fl-apparat **u l-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jew huma jkunu jistgħu jitneħħew u jinbidlu faċilment b'għodod bażiċi u disponibbli b'mod komuni u mingħajr ma tiġi kkawżata ħsara lill-apparat jew lill-batteriji. Il-batteriji portabbli għandhom ikunu jistgħu jitneħħew u jinbidlu faċilment mill-utent finali u l-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief, għandhom ikunu jistgħu jitneħħew u jinbidlu mill-utenti finali** jew minn operaturi indipendenti matul il-ħajja tal-apparat, jekk il-batteriji jkollhom tul tal-ħajja iqsar mill-apparat, jew mhux aktar tard mit-tmiem tat-tul tal-ħajja tal-apparat. **Iċ-ċelloli ta' batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief għandhom ikunu jistgħu jitneħħew u jinbidlu minn operaturi indipendenti.**

Emenda 163

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Batterija tkun tista' tinbidel faċilment meta, wara li titneħħa minn apparat, hija tkun tista' tiġi sostitwita minn batterija **simili**, mingħajr ma jiġu affettwati l-funzjonament jew **il-prestazzjoni** ta' dak l-apparat.

Emenda

Batterija tkun tista' tinbidel faċilment meta, wara li titneħħa minn apparat **jew mezz tat-trasport ħafif**, hija tkun tista' tiġi sostitwita minn batterija **kompatibbli** mingħajr ma jiġu affettwati l-funzjonament, **il-prestazzjoni** jew **is-sikurezza** ta' dak l-apparat **jew mezz tat-trasport ħafif**.

Emenda 164

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(Empty space reserved for the original text of Article 11(1)(2a))

Emenda

Il-batteriji portabbli u l-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief, għandhom ikunu disponibbli bħala spare parts tat-tagħmir li jħaddmu għal minimu ta' 10 snin wara t-tqegħid fis-suq tal-aħħar unità tal-mudell, bi prezz raġonevoli u mhux diskriminatorju għall-operaturi indipendenti u għall-utenti finali.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 165

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Għandhom jiġu pprovduti struzzjonijiet ċari u dettaljati għat-tneħħija u s-sostituzzjoni mill-operatur ekonomiku rilevanti fil-mument tax-xiri tal-apparat u għandhom ikunu disponibbli b'mod permanenti online b'mod li jinftehem faċilment mill-utenti finali, inklużi l-konsumaturi, fuq is-sit web tiegħu għall-ħajja mistennija tal-prodott.

Emenda 166

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Is-software ma għandux jintuża biex jaffettwa s-sostituzzjoni ta' batterija portabbli jew għal mezz ta' trasport ħfief jew tal-komponenti ewlenin tagħhom b'batterija kompatibbli oħra jew komponenti ewlenin oħra.

Emenda 167

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-kontinwità tal-provvista tal-enerġija tkun neċessarja u **meta** tkun meħtieġa konnessjoni permanenti bejn l-apparat u l-batterija portabbli għal raġunijiet ta' sikurezza, **prestazzjoni, mediċi jew ta' integrità tad-data; or**

(a) il-kontinwità tal-provvista tal-enerġija tkun neċessarja u tkun meħtieġa konnessjoni permanenti bejn l-apparat u l-batterija portabbli għal raġunijiet ta' sikurezza, **u jkun jista' jiġi ppruvat mill-manifattur li ma hemm l-ebda alternattiva disponibbli fis-suq;**

Emenda 168

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) **il-kontinwità tal-provvista tal-enerġija tkun neċessarja u tkun meħtieġa konnessjoni permanenti bejn l-apparat u l-batterija portabbli għal raġunijiet mediċi jew tal-integrità tad-data, u jkun jista' jiġi ppruvat mill-manifattur li ma hemm l-ebda alternattiva disponibbli fis-suq;**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 169

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-funzjonament tal-batterija jkun possibbli biss meta l-batterija tkun integrata fl-istruttura tal-apparat.

Emenda

(b) il-funzjonament tal-batterija jkun possibbli biss meta l-batterija tkun integrata fl-istruttura tal-apparat **u jkun jista' jiġi ppruvat mill-manifattur li ma hemm l-ebda alternattiva disponibbli fis-suq.**

Emenda 170

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-operatur ekonomiku rilevanti għandu jinforma lill-utenti finali b'mod ċar u li jinftiehem fil-ħin tax-xiri tat-tagħmir, inkluż permezz tat-tikkettar, bi kwalunkwe każ fejn tapplika d-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu. L-informazzjoni pprovduta għandha tindika t-tul tal-ħajja mistenni tal-batterija.

Emenda 171

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida biex tiffaċilita l-applikazzjoni armonizzata tad-derogi stabbiliti fil-paragrafu 2.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, **mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**, gwida biex tiffaċilita l-applikazzjoni armonizzata tad-derogi stabbiliti fil-paragrafu 2.

Emenda 172

Proposta għal regolament

Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

It-tneħħija u s-sostitwibbiltà tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali

1. **Il-batteriji awtomotivi, il-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi għandhom ikunu jistgħu jitneħħew u jinbidlu faċilment, jekk il-batterija jkollha ħajja iqsar mill-apparat jew mill-vettura li fiha tintuża, minn operaturi indipendenti kwalifikati, li għandhom ikunu jistgħu jneħħu ċ-ċarġ mill-batterija b'mod sikur u mingħajr ma jkollhom iżarmaw minn qabel il-pakkett tal-batterija.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi għandhom ikunu ddisinjati, inkluż fir-rigward tat-twaħħid, l-irbit u l-issigilljar, sabiex jippermettu t-tneħħija, is-sostitwibbiltà u ż-żarmar tal-casing, ta' ċelloli individwali tal-batterija jew komponenti ewlenin oħra mingħajr ma ssir ħsara lill-batterija.

3. Is-software ma għandux jintuża biex jaffettwa s-sostituzzjoni ta' batteriji industrijali jew batteriji ta' vetturi elettriċi jew tal-komponenti ewlenin tagħhom b'batterija kompatibbli oħra jew komponenti ewlenin oħra.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 li jstabbilixxi regoli dettaljati li jissupplimentaw dawk stipulati fl-Artikolu, billi tistabbilixxi l-kriterji għat-tneħħija, is-sostitwibbiltà u ż-żarmar ta' batteriji awtomotivi, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali, filwaqt li tqis il-progress tekniku u xjentifiku.

Emenda 173

Proposta għal regolament

Artikolu 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11b

Is-sikurezza tal-batteriji awtomotivi msewwija, tal-batteriji industrijali, tal-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi

1. Is-sikurezza tal-batteriji awtomotivi msewwija, tal-batteriji industrijali, tal-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi għandha tiġi vvalutata abbażi ta' testijiet mhux distruttivi adattati għalihom.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex tiddefinixxi l-metodi ta' ttestjar xierqa biex jiġi żgurat li l-batteriji msewwija jkunu sikuri.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 174
Proposta għal regolament
Artikolu 11c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11c

Ċarġers komuni

Sal-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif l-aħjar tintroduċi standards armonizzati għal ċarġers komuni applikabbli mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2026, għal, rispettivament, batteriji rikarikabbli ddisinjati għall-vetturi elettriċi, għal mezzi ta' trasport ħfief, kif ukoll għal batteriji rikarikabbli inkorporati f'kategoriji speċifiċi ta' tagħmir elettriku u elettroniku kopert mid-Direttiva 2012/19/UE.

Fit-twettiq tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis id-daqs tas-suq, it-tnaqqis tal-iskart, id-disponibbiltà u t-tnaqqis tal-ispejjeż għall-konsumaturi u utenti finali oħra.

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tikkunsidra li tiegħu l-miżuri xierqa, inkluż l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni li tipprevedi l-introduzzjoni ta' tali ċarġers komuni minn data aktar kmieni.

Emenda 175
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-sikurezza tas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji

Is-sikurezza tal-batteriji fi ħdan is-sistemi stazzjonarji għall-ħażna tal-enerġija

Emenda 176
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. *Is-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li turi li huma sikuri waqt l-operazzjoni u l-użu normali tagħhom, inkluża evidenza li jkunu ġew ittestjati b'suċċess għall-parametri tas-sikurezza stipulati fl-Anness V, li għalihom **jenħtieġ li** jintużaw metodoloġiji tal-ittestjar mill-aktar avvanzati.*

1. *Il-batteriji fi ħdan sistemi ta' ħażna tal-enerġija stazzjonarji għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li turi li huma sikuri waqt l-operazzjoni u l-użu normali tagħhom, inkluża evidenza li jkunu ġew ittestjati b'suċċess għall-parametri tas-sikurezza stipulati fl-Anness V, li għalihom **għandhom** jintużaw metodoloġiji tal-ittestjar mill-aktar avvanzati.*

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 177

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Mill-1 ta' Jannar 2027**, il-batteriji għandhom ikunu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni stipulata fil-Parti A tal-Anness VI.

Emenda

1. **Minn ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**, il-batteriji għandhom ikunu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni stipulata fil-Parti A tal-Anness VI **u l-informazzjoni speċifika meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

Emenda 178

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteriji portabbli u awtomotivi għandhom jiġu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar il-kapaċità **tagħhom u l-batteriji portabbli għandhom jiġu** mmarkati b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju minimu tagħhom meta jintużaw f'applikazzjonijiet speċifiċi.

Emenda

2. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteriji portabbli, **il-batteriji għal mezz ta' trasport ħfief u l-batteriji** awtomotivi għandhom jiġu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar il-kapaċità **ta' enerġija nominali tagħhom u** mmarkati b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju minimu tagħhom meta jintużaw f'applikazzjonijiet speċifiċi **u t-tul ta' ħajja mistenni f'termini ta' għadd ta' ċikli u snin kalendarji.**

Emenda 179

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. **Mill-1 ta' Jannar 2023, il-batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali għandhom jiġu mmarkati b'tikketta li tindika “mhux rikarikabbli”.**

Emenda 180

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn id-daqs tal-batterija jkun tali li s-simbolu jkun iżgħar minn **0,5 × 0,5 cm**, ma jkunx hemm bżonn li l-batterija tkun immarkata, iżda għandu jiġi stampat simbolu b'daqs ta' mill-inqas 1 x 1 cm fuq l-imballaġġ.

Fejn id-daqs tal-batterija jkun tali li s-simbolu jkun iżgħar minn **0,47 × 0,47 cm**, ma jkunx hemm bżonn li l-batterija tkun immarkata, iżda għandu jiġi stampat simbolu b'daqs ta' mill-inqas 1 x 1 cm fuq l-imballaġġ.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 181

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Mill-1 ta' Lulju 2023, il-batteriji għandhom jiġu ttikkettati b'simbolu li jindika kodiċi tal-kulur armonizzat abbażi tat-tip ta' batterija u l-kompożizzjoni kimika tagħha.

Emenda 182

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(- aa) mill-1 ta' Jannar 2025, l-informazzjoni stipulata fil-Parti Aa tal-Anness VI;

Emenda 183

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) mill-1 ta' Jannar 2027, għal batteriji portabbli u awtomotivi, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2;

(b) mill-1 ta' Jannar 2027, għal batteriji portabbli, **għal mezz ta' trasport ħfief u għal batteriji** awtomotivi, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2;

Emenda 184

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) mill-1 ta' Jannar 2023, **għall-batteriji portabbli ta' użu ġenerali, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2a;**

Emenda 185

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], **għal batteriji industrijali rikarikabbli u batteriji tal-vetturi elettriċi**, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 39(6);

(e) minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], **għall-batteriji kollha**, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 39(6);

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 186

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

- (f) *mill-1 ta' Lulju 2024*, għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji **industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh**, id-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 7(1);

Emenda

- (f) *minn Lulju 2024*, għall-batteriji tal-vetturi elettriċi, għall-batteriji **għal mezzi ta' trasport ħfief u għall-batteriji industrijali**, id-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 7(1);

Emenda 187

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

- (g) *mill-1 ta' Jannar 2026*, għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji **industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh**, il-klassi tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 7(2);

Emenda

- (g) *mill-1 ta' Lulju 2025*, għall-batteriji tal-vetturi elettriċi, **l-mezzi ta' trasport ħfief u għall-batteriji industrijali b'memorja interna**, il-klassi tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 7(2);

Emenda 188

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

- (h) *mill-1 ta' Jannar 2027*, għall-batteriji industrijali **rikarikabbli**, għall-batteriji awtomotivi rikarikabbli u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi **b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh**, l-ammont ta' kobalt, ċomb, litju u nikil irkuprat mill-iskart u li jkun preżenti f'materjali attivi fil-batterija, f'konformità mal-Artikolu 8;

Emenda

- (h) *mill-1 ta' Lulju 2025*, għall-batteriji **portabbli, bl-eċċezzjoni tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali, il-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief**, għall-batteriji industrijali, għall-batteriji awtomotivi rikarikabbli u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi, l-ammont ta' kobalt, ċomb, litju u nikil irkuprat mill-iskart u li jkun preżenti f'materjali attivi fil-batterija, f'konformità mal-Artikolu 8

Emenda 189

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ja) *mill-1 ta' Jannar 2026*, għall-batteriji **għal mezzi ta' trasport ħfief, għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali, l-informazzjoni li tinsab fil-passaport tal-batteriji msemmija fl-Artikolu 65.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 190

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. It-tikketti u l-kodiċi QR imsemmija fil-paragrafi minn 1 sa 5 għandhom jiġu stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, b'mod li jkunu jistgħu jinqraw u ma jitħassrux fuq il-batterija. Fejn dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx ġustifikat minħabba n-natura u d-daqs tal-batterija, it-tikketti għandhom jitwāhħlu mal-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjaw il-batterija.

Emenda

6. It-tikketti u l-kodiċi QR imsemmija fil-paragrafi minn 1 sa 5 għandhom jiġu stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, b'mod li jkunu jistgħu jinqraw u ma jitħassrux fuq il-batterija. Fejn dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx ġustifikat minħabba n-natura u d-daqs tal-batterija, it-tikketti għandhom jitwāhħlu mal-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjaw il-batterija. **Fil-każ ta' manifattura mill-ġdid jew adattament għal skop differenti, it-tikketti għandhom jinbidlu b'tikketta ġdida li tirrifletti l-istatus ġdid tal-batterija.**

Meta l-batteriji jiġu inkorporati fl-apparati, it-tikketti u l-kodiċi QR imsemmija fil-paragrafi 1a, 2, 3 u 5 għandhom jiġu stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, b'mod li jkunu jistgħu jinqraw u ma jitħassrux fuq l-apparati.

Il-kodiċi QR għandu jipprovi wkoll aċċess għall-parti aċċessibbli għall-pubbliku tal-passaport tal-batterija stabbilit skont l-Artikolu 65.

Emenda 191

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex tippredvi tipi alternattivi ta' kodiċi QR, jew flimkien miegħu, fid-dawl tal-progress teknoloġiku u xjentifiku f'dan il-qasam.

Emenda 192

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha, sal-**31 ta' Diċembru 2025**, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti tat-tikkettar imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

7. Il-Kummissjoni għandha, sal-**1 ta' Lulju 2025**, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti tat-tikkettar imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. **Għall-batteriji portabbli ta' użu ġenerali, tali tikkettar għandu jinkludi klassifikazzjoni li tingħaraf faċilment tal-prestazzjoni u d-durabbiltà tagħhom.** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 193**Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 7a (ġdid)**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Jannar 2023, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti tat-tikkettar imsemmija fil-paragrafu 3 dwar il-kodiċi tal-kulur armonizzati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Emenda 194**Proposta għal regolament****Artikolu 14 – paragrafu 1**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-batteriji **industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh għandhom** jinkludu sistema ta' ġestjoni tal-batterija **li jkun fiha** data dwar il-parametri għad-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji kif stipulat fl-Anness VII.

1. Il-batteriji **fi ħdan sistemi ta' ħażna tal-enerġija, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji għal meżżi ħfief ta' trasport li jinkludu sistema ta' ġestjoni tal-batterija għandhom jinkludu, fi ħdan is-sistema ta' ġestjoni tal-batterija,** data **f'ħin reali** dwar il-parametri għad-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa, **is-sikurezza** u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji kif stipulat fl-Anness VII.

Emenda 195**Proposta għal regolament****Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-aċċess għad-data fis-sistema ta' ġestjoni tal-batterija msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi pprovdut fuq bażi mhux diskriminatorja lill-persuna fiżika jew ġuridika li tkun akkwistat il-batterija legalment jew lil kwalunkwe parti terza li taġixxi fisimha fi kwalunkwe ħin għall-fini ta':

2. L-aċċess **ta' qari biss** għad-data fis-sistema ta' ġestjoni tal-batterija msemmija fil-paragrafu 1, **u f'battery portabbli li jinkludu sistema ta' ġestjoni tal-batterija,** għandu jiġi pprovdut fuq bażi mhux diskriminatorja lill-persuna fiżika jew ġuridika li tkun akkwistat il-batterija legalment jew lil kwalunkwe parti terza li taġixxi fisimha fi kwalunkwe ħin għall-fini ta':

Emenda 196**Proposta għal regolament****Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-iffaċilitar **tal-użu** mill-ġdid, l-adattament għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tal-batterija;

(b) l-iffaċilitar **tal-preparazzjoni għal użu** mill-ġdid, **l-użu mill-ġdid, il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti,** l-adattament għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tal-batterija;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 197

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-manifatturi għandhom jagħmlu disponibbli għal batteriji għal vetturi elettriċi u batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief li fihom sistema ta' ġestjoni tal-batterija, data f'ħin reali li tinqara biss fil-vettura relatata mal-istat tas-saħħa tal-batterija, l-istat taċ-ċarġ tal-batterija, mal-valur programmat tal-potenza tal-batterija u mal-kapaċità tal-batterija.

Emenda 198

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Sal-1 ta' Jannar 2024, is-sistema ta' ġestjoni tal-batterija għall-batteriji tal-vetturi elettriċi għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li tkun tista' tikkomunika ma' sistemi ta' ċċarġjar intelliġenti, inkluż billi jkollha funzjonijiet ta' ċċarġjar mill-vettura għall-grilja, mill-vettura għall-iċċarġjar b'batterija, mill-vettura għal vettura oħra, mill-vettura għal powerbank u mill-vettura għal binja.

Emenda 199

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-parametri għad-determinazzjoni tal-istat ta' saħħa u t-tul tal-ħajja mistennija ta' batteriji kif stipulat fl-Anness VII, bil-ħsieb tal-progress tekniku u xjentifiku, u tiżgura sinerġiji mal-parametri jistgħu joriġinaw mill-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 200**Proposta għal regolament****Artikolu 15 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Għall-finijiet ta' konformità u verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, 12, 13 u 59(5)(a) ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom isiru bl-użu ta' metodu affidabbli, preċiż u riproduċibbli, li jqis il-metodi mill-aktar avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali, u li r-riżultati tagħhom jitqiesu li għandhom livell baxx ta' inċertezza, inklużi l-metodi stabbiliti fl-istandards, li n-numri ta' referenza tagħhom ikunu ġew ippubblikati għal dak l-iskop f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

1. Għall-finijiet ta' konformità u verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, **11a**, 12, 13 u 59(5)(a) ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom isiru bl-użu ta' metodu affidabbli, preċiż u riproduċibbli, li jqis il-metodi mill-aktar avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali, u li r-riżultati tagħhom jitqiesu li għandhom livell baxx ta' inċertezza, inklużi l-metodi stabbiliti fl-istandards, li n-numri ta' referenza tagħhom ikunu ġew ippubblikati għal dak l-iskop f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 201**Proposta għal regolament****Artikolu 15 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-batteriji li jiġu ttestjati skont standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 9, 10, 13 u 59(5)(a) sakemm daww ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali standards armonizzati.

Emenda

2. Il-batteriji li jiġu ttestjati skont standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 9, 10, 13 u 59(5)(a) sakemm daww ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali standards armonizzati **jew partijiet minnhom**.

Emenda 202**Proposta għal regolament****Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni **għandha tingħata s-setgħa** li **tadotta** atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, 12, 13, 59(5)(a) jew it-testijiet imsemmija fl-Artikolu 15(2), fejn:

Emenda

1. Il-Kummissjoni **tista' tadotta, f'każijiet eċċezzjonali, wara li tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet Ewropej ta' standardizzazzjoni rilevanti u lill-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati Ewropej li jirċievu finanzjament mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012**, atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, **11a**, 12, 13, 59(5)(a) jew it-testijiet imsemmija fl-Artikolu 15(2), fejn:

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 203

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test proposit mill-Kummissjoni

(b) il-Kummissjoni tosserva dewmien bla bżonn fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati mitluba, jew tqis li l-istandards armonizzati rilevanti **mhumiex** biżżejjed; or

Emenda

(b) il-Kummissjoni tosserva dewmien bla bżonn fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati mitluba, **jiġifieri billi jinqabżu l-iskadenzi stabbiliti għall-organizzazzjoni tal-istandardizzazzjoni fit-talba għall-istandardizzazzjoni**, jew tqis **b'mod raġonevoli** li l-istandards armonizzati rilevanti **ma jissodisfawx** biżżejjed **il-kriterji deskritti fit-talba għall-istandardizzazzjoni**; or

Emenda 204

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja b'mod attiv lill-industrija tal-Unjoni u ssaħħaħ il-preżenza tagħha fl-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istandardizzazzjoni billi timmira għall-akbar koerenza possibbli bejn l-istandards internazzjonali u dawk Ewropej, u billi tippromwovi l-użu ġenerali tal-istandards Ewropej barra l-Unjoni.

Emenda 205

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

1. Qabel ma batterija titqiegħed fis-suq jew fis-servizz, il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jiżgura li titwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III ta' dan ir-Regolament.

1. Qabel ma batterija titqiegħed fis-suq jew fis-servizz, il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jiżgura li titwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III **u l-Artikolu 39** ta' dan ir-Regolament.

Emenda 206

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 9, **10**, 11, **12**, 13 u 14 għandha titwettaq f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti A tal-Anness VIII.

2. Il-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 9, 11, 13 u 14 għandha titwettaq f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti A tal-Anness VIII.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 207**Proposta għal regolament****Artikolu 17 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 39 għandha titwettaq f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti B tal-Anness VIII.

Emenda

3. Il-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, **10, 12** u 39 għandha titwettaq f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti B tal-Anness VIII.

Emenda 208**Proposta għal regolament****Artikolu 17 – paragrafu 5***Test propost mill-Kummissjoni*

5. Ir-rekords u l-korrispondenza relatati **mal-valutazzjoni** tal-konformità għandhom jiffasslu b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp innotifikat li jwettaq il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafi 1 u 2, jew b'lingwa aċċettata minn dak il-korp.

Emenda

5. Ir-rekords u l-korrispondenza relatati **mal-proċeduri tal-valutazzjoni** tal-konformità għandhom jiffasslu b'lingwa **jew b'lingwi** uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp innotifikat li jwettaq il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafi 1 u 2, jew b'lingwa aċċettata minn dak il-korp.

Emenda 209**Proposta għal regolament****Artikolu 17 – paragrafu 5a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

5a. Dan l-Artikolu għandu japplika 12-il xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-lista tal-korpi notifikati msemmija fl-Artikolu 30(2).

Emenda 210**Proposta għal regolament****Artikolu 18 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li jkun intwera li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III ġew issodisfati.

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li jkun intwera li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III **u l-Artikolu 39** ġew issodisfati.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 211

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness IX, l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti stabbiliti fl-Anness VIII u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Hija għandha tiġi tradotta għal-lingwa jew il-lingwi meħtieġa mill-Istat Membru li fih il-batterija tkun tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz.

Emenda

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE **tista' timtela elettronikament u** għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness IX, l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti stabbiliti fl-Anness VIII u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Hija għandha tiġi tradotta għal-lingwa jew il-lingwi meħtieġa mill-Istat Membru li fih il-batterija tkun tqiegħdet **jew saret disponibbli** fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz.

Emenda 212

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lil l-Istati Membri l-oħrajn dwar il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità awtorizzati biex iwettqu l-valutazzjoni tal-konformità f'konformità ma' dan ir-Regolament

Emenda

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lil l-Istati Membri l-oħrajn dwar il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità awtorizzati biex iwettqu l-valutazzjoni tal-konformità **minn parti terza** f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 213

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Awtorità tan-notifika għandu jkollha għadd suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha għall-eżekuzzjoni xierqa tal-kompiti tagħha.

Emenda

5. Awtorità tan-notifika għandu jkollha għadd suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti **u biżżejjed finanzjament** għad-dispożizzjoni tagħha għall-eżekuzzjoni xierqa tal-kompiti tagħha.

Emenda 214

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp terz indipendenti minn kwalunkwe rabtiet kummerċjali u **mill-mudell tal-batteriji** li jivvaluta, b'mod partikolari mill-manifatturi tal-batteriji, l-imsieħba kummerċjali tal-manifatturi tal-batteriji, l-investituri azzjonarji fl-impjanti tal-manifatturi tal-batteriji u minn korpi nnotifikati oħrajn, kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-korpi nnotifikati, il-kumpaniji prinċipali jew is-sussidjarji.

Emenda

3. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp terz indipendenti minn kwalunkwe rabtiet kummerċjali u **mill-batteriji** li jivvaluta, b'mod partikolari mill-manifatturi tal-batteriji, l-imsieħba kummerċjali tal-manifatturi tal-batteriji, l-investituri azzjonarji fl-impjanti tal-manifatturi tal-batteriji u minn korpi nnotifikati oħrajn, kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-korpi nnotifikati, il-kumpaniji prinċipali jew is-sussidjarji.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 215

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq **l-attivitajiet** kollha ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Anness VIII u li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat, kemm jekk daww il-kompiti jitwettqu mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità nnifsu kif ukoll jekk jitwettqu f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Emenda

Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq **il-kompiti** kollha ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Anness VIII u li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat, kemm jekk daww il-kompiti jitwettqu mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità nnifsu kif ukoll jekk jitwettqu f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Emenda 216

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) persunal intern b'għarfien tekniku u b'esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq **l-attivitajiet** ta' valutazzjoni tal-konformità;

Emenda

(a) persunal intern b'għarfien tekniku u b'esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq **il-kompiti** ta' valutazzjoni tal-konformità;

Emenda 217

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) politiki u proċeduri xierqa li jiddistingwu bejn l-attivitajiet li jwettaq bħala korp innotifikat u **attivitajiet** oħrajn;

Emenda

(c) politiki u proċeduri xierqa li jiddistingwu bejn l-attivitajiet li jwettaq bħala korp innotifikat u **kompiti** oħrajn;

Emenda 218

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu dejjem ikollu aċċess għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha tal-ittestjar meħtieġa għal kull proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u kull mudell ta' batterija li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat.

Emenda

Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu dejjem ikollu aċċess **għall-informazzjoni**, għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha tal-ittestjar meħtieġa għal kull proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u kull mudell ta' batterija li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 219

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt c

Test proposit mill-Kummissjoni

(c) għarfien u fehim xierqa tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III tal-istandards armonizzati applikabbli msemmija fl-Artikolu 15 u tal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 16, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali;

Emenda

(c) għarfien u fehim xierqa tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III **u fl-Artikolu 39**, tal-istandards armonizzati applikabbli msemmija fl-Artikolu 15 u tal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 16, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali;

Emenda 220

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Għandha tiġi garantita l-imparzjalità ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-maniġment superjuri tiegħu u tal-membri tal-persunal responsabbli biex iwettqu **l-attivitajiet** ta' valutazzjoni tal-konformità.

Emenda

Għandha tiġi garantita l-imparzjalità ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-maniġment superjuri tiegħu u tal-membri tal-persunal responsabbli biex iwettqu **l-kompiti** ta' valutazzjoni tal-konformità.

Emenda 221

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

Ir-remunerazzjoni tal-maniġment superjuri u tal-membri tal-persunal responsabbli biex iwettqu **l-attivitajiet** ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi mill-għadd ta' valutazzjonijiet tal-konformità mwettqa jew mir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.

Emenda

Ir-remunerazzjoni tal-maniġment superjuri u tal-membri tal-persunal responsabbli biex iwettqu **l-kompiti** ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi mill-għadd ta' valutazzjonijiet tal-konformità mwettqa jew mir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.

Emenda 222

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 10

Test proposit mill-Kummissjoni

10. Il-membri tal-persunal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom josservaw is-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq **tal-attivitajiet** tal-valutazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Anness VIII, ħliet b'rabta mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.

Emenda

10. Il-membri tal-persunal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom josservaw is-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq **tal-kompiti** tal-valutazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Anness VIII, ħliet b'rabta mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 223**Proposta għal regolament****Artikolu 25 – paragrafu 11***Test propost mill-Kummissjoni*

11. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jipparteċipa fi, jew jiżgura li l-membri tal-persunal tiegħu responsabbli mit-tweqqiq **tal-attivitajiet** tal-valutazzjoni tal-konformità jkunu informati dwar, l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti u l-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korp innotifikat stabbilit skont l-Artikolu 37 u għandu japplika, bħala gwida ġenerali, id-deċiżjonijiet amministrattivi u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol ta' dak il-grupp.

Emenda

11. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jipparteċipa fi, jew jiżgura li l-membri tal-persunal tiegħu responsabbli mit-tweqqiq **tal-kompiti** tal-valutazzjoni tal-konformità jkunu informati dwar, l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti u l-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korp innotifikat stabbilit skont l-Artikolu 37 u għandu japplika, bħala gwida ġenerali, id-deċiżjonijiet amministrattivi u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol ta' dak il-grupp.

Emenda 224**Proposta għal regolament****Artikolu 28 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-applikazzjoni għal notifika għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-moduli ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fl-Anness VIII u tal-mudell tal-batterija li għalihom il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jiddikjara li huwa kompetenti, kif ukoll minn ċertifikat ta' akkreditament maħruġ minn korp nazzjonali ta' akkreditament li jattesta li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25.

Emenda

2. L-applikazzjoni għal notifika għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, **tal-modulu jew** tal-moduli ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fl-Anness VIII u tal-mudell tal-batterija li għalihom il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jiddikjara li huwa kompetenti, kif ukoll minn ċertifikat ta' akkreditament maħruġ minn korp nazzjonali ta' akkreditament li jattesta li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25.

Emenda 225**Proposta għal regolament****Artikolu 32 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubju, jew fejn jinġieb dubju għall-attenzjoni tagħha, rigward il-kompetenza ta' korp innotifikat jew l-issodisfar kontinwu minn korp innotifikat tar-rekwiżiti u tar-responsabbiltajiet li għalihom huwa jkun soġġett.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubju, jew fejn jinġieb dubju għall-attenzjoni tagħha, **b'mod partikolari mill-operaturi ekonomiċi u minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra**, rigward il-kompetenza ta' korp innotifikat jew l-issodisfar kontinwu minn korp innotifikat tar-rekwiżiti u tar-responsabbiltajiet li għalihom huwa jkun soġġett.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 226

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensitiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi trattata b'mod kunfidenzjali.

Emenda

3. Il-Kummissjoni **tista' titlob il-parir tal-faċilità tal-ittestjar tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 68a u** għandha tiżgura li l-informazzjoni sensitiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi trattata b'mod kunfidenzjali.

Emenda 227

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Korp innotifikat għandu jwettaq **l-attivitàjiet tiegħu** b'mod proporzjonat, billi jevita piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi, u b'kont meħud tad-daqs ta' impriża, is-settur li fih topera l-impriża, l-istruttura tal-impriża, il-grad ta' kumplessità tal-batterija li għandha tiġi vvalutata u n-natura tal-massa jew tas-serje tal-proċess tal-produzzjoni.

Emenda

Korp innotifikat għandu jwettaq **il-valutazzjonijiet tal-konformità** b'mod proporzjonat, billi jevita piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi, **b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju**, u b'kont meħud tad-daqs ta' impriża, is-settur li fih topera l-impriża, l-istruttura tal-impriża, il-grad ta' kumplessità tal-batterija li għandha tiġi vvalutata u n-natura tal-massa jew tas-serje tal-proċess tal-produzzjoni.

Emenda 228

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta korp innotifikat isib li r-rekwiżiti stabbiliti **fil-Kapitolu II u III**, l-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 15, l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 16 jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn ma jkunux ġew issodisfati minn manifattur, huwa għandu jesiġi li **dak il-manifattur** jieħu azzjoni korrettiva xierqa fid-dawl tat-tieni u l-aħħar deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni, sakemm in-nuqqasijiet ma jkunux jistgħu jiġu rimedjati, fliema każ iċ-ċertifikat ma jkunx jista' jinħareġ.

Emenda

3. Meta korp innotifikat isib li r-rekwiżiti stabbiliti **fil-Kapitolu II jew III jew fl-Artikolu 39**, l-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 15, l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 16 jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn ma jkunux ġew issodisfati minn manifattur, huwa għandu jesiġi li **l-manifattur** jieħu azzjoni korrettiva xierqa fid-dawl tat-tieni u l-aħħar deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni, sakemm in-nuqqasijiet ma jkunux jistgħu jiġu rimedjati, fliema każ iċ-ċertifikat ma jkunx jista' jinħareġ.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 229**Proposta għal regolament****Artikolu 35 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Korp innotifikat għandu jipprovdi lil korpi nnotifikati oħrajn li jwettqu attivitajiet simili ta' valutazzjoni tal-konformità li jkopru l-istess batteriji bl-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet relatati mar-riżultati negattivi u, fuq talba, pożittivi tal-valutazzjoni tal-konformità.

Emenda

2. Korp innotifikat għandu jipprovdi lil korpi nnotifikati oħrajn **skont dan ir-Regolament** li jwettqu attivitajiet simili ta' valutazzjoni tal-konformità li jkopru l-istess batteriji bl-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet relatati mar-riżultati negattivi u, fuq talba, pożittivi tal-valutazzjoni tal-konformità.

Emenda 230**Proposta għal regolament****Artikolu 36 – titolu***Test propost mill-Kummissjoni*

Skambju ta' esperjenza

Emenda

Skambju ta' esperjenza **u Prattika tajba**

Emenda 231**Proposta għal regolament****Artikolu 36 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tipprevedi l-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli għall-politika ta' notifika.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tipprevedi l-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenza **u Prattika tajba** bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli għall-politika ta' notifika.

Emenda 232**Proposta għal regolament****Artikolu 37 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi nnotifikati u li dawn jitħaddmu kif xieraq fil-forma ta' grupp settorjali jew gruppi tal-korpi nnotifikati.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi nnotifikati **skont dan ir-Regolament** u li dawn jitħaddmu kif xieraq fil-forma ta' grupp settorjali jew gruppi tal-korpi nnotifikati.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 233

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Meta jqiegħdu batterija** fis-suq jew **iqegħduha** fis-servizz, inkluż għall-iskopijiet tal-manifatturi stess, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-batterija:

Emenda

1. **Għall-batteriji kollha mqiegħda** fis-suq **tal-Unjoni** jew **imqiegħda** fis-servizz **fl-Unjoni**, inkluż għall-iskopijiet tal-manifatturi stess, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-batterija:

Emenda 234

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Madankollu, meta diversi batteriji jitwasslu simultanjament lil utent wieħed, **il-lott ikkonċernat jew** il-kunsinna kkonċernata **jistgħu jkunu akkumpanjati** minn kopja waħda tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE.

Emenda

Madankollu, meta diversi batteriji jitwasslu simultanjament lil utent wieħed, il-kunsinna kkonċernata **tista' tkun akkumpanjata** minn kopja waħda tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE.

Emenda 235

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom u l-indirizz postali u **l-indirizz** tal-web fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-imballaġġ tal-batterija. L-indirizz postali għandu jindika punt uniku li fih jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Tali informazzjoni għandha tkun b'lingwaġġ li jinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u għandha tkun ċara, tinftiehem u tinqara.

Emenda

8. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom u **n-numru tat-telefon**, l-indirizz postali, **tal-posta elettronika** u tal-web fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-imballaġġ tal-batterija. L-indirizz postali għandu jindika punt uniku li fih jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Tali informazzjoni għandha tkun b'lingwaġġ li jinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u għandha tkun ċara, tinftiehem u tinqara.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 236

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni

11. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li batterija li jkunu qiegħdu fis-suq jew fis-servizz ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III għandhom minnufih jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinformat minnufih lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq għal dak l-għan, billi jagħtu **dettalji**, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe **miżura** korrettiva meħuda.

Emenda

11. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li batterija li jkunu qiegħdu fis-suq jew fis-servizz ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III għandhom minnufih jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta **jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li** l-batterija tippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinformat minnufih lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq għal dak l-għan, billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe **azzjoni** korrettiva meħuda.

(Emenda orizzontali: il-bidla “meta jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li l-batterija tippreżenta riskju” tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se tirrikjedi bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Emenda 237

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Obbligu **għall-operaturi** ekonomiċi li jqiegħdu **fis-suq** batteriji **industrijali rikarikabbli u batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** biex **jstabbilixxu politiki tad-diliġenza** dovuta **għall-katina tal-provvista**

Emenda

Obbligu **fuq l-operaturi** ekonomiċi li jqiegħdu batteriji **fis-suq** biex **iwettqu diliġenza** dovuta **għall-katina tal-valur**

Emenda 238

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] l-operatur ekonomiku li jqiegħed **fis-suq** batteriji **industrijali rikarikabbli u batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** għandu jikkonforma mal-obbligi tad-diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista** stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu u għandu jżomm dokumentazzjoni li turi l-konformità rispettiva tiegħu ma' dawk l-obbligi, **inkluż ir-riżultati** tal-verifika minn parti terza mwettqa mill-korpi notifikati.

Emenda

1. Minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] l-operatur ekonomiku li jqiegħed batteriji **fis-suq** għandu jikkonforma mal-obbligi tad-diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur** stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu u għandu jżomm dokumentazzjoni li turi l-konformità rispettiva tiegħu ma' dawk l-obbligi, **inklużi r-riżultati** tal-verifika minn parti terza mwettqa mill-korpi notifikati.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 239

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) jadotta, u jikkomunika b'mod ċar lill-fornituri u lill-pubbliku, politika tal-kumpanija għall-katina **tal-provvista** tal-materja prima indikata fil-punt 1 tal-Anness X;

Emenda

- (a) jadotta, u jikkomunika b'mod ċar lill-fornituri u lill-pubbliku, politika **ta' diliġenza dovuta** tal-kumpanija għall-katina **tal-valur tal-batteriji, inkluż fir-rigward** tal-materja prima indikata fil-punt 1 **tal-Anness X, u għall-kategoriji ta' riskju soċjali u ambjentali assoċjati indikati fil-punt 2** tal-Anness X;

Emenda 240

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) jinkorpora fil-politika tal-katina **tal-provvista** tiegħu standards konsistenti mal-istandards stabbiliti **fil-mudell tal-politika tal-katina tal-provvista fl-Anness II għall-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta**;

Emenda

- (b) jinkorpora fil-politika tal-katina **tal-valur** tiegħu standards konsistenti mal-istandards stabbiliti **fl-istandards ta' diliġenza dovuta rikonoxxuti internazzjonalment elenkati fil-punt 3a tal-Anness X**;

Emenda 241

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) jistruttura s-sistemi ta' ġestjoni interna rispettivi tiegħu biex jappoġġaw id-diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista** billi jassenja r-responsabbiltà lill-maniġment superjuri biex jissorvelja l-proċess ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista**, kif ukoll iżomm rekords ta' dawk is-sistemi għal minimu ta' ħames snin;

Emenda

- (c) jistruttura s-sistemi ta' ġestjoni interna rispettivi tiegħu biex jappoġġaw id-diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur** billi jassenja r-responsabbiltà lill-maniġment superjuri biex jissorvelja l-proċess ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur**, kif ukoll iżomm rekords ta' dawk is-sistemi għal minimu ta' ħames snin;

Emenda 242

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt d – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

- (d) jistabbilixxi u jħaddem sistema ta' kontrolli u trasparenza fuq il-katina **tal-provvista**, inkluża katina ta' kustodja jew sistema ta' traċċabbiltà **jew l-identifikazzjoni ta'** atturi upstream fil-katina **tal-provvista**.

Emenda

- (d) jistabbilixxi u jħaddem sistema ta' kontrolli u trasparenza fuq il-katina **tal-valur**, inkluża katina ta' kustodja jew sistema ta' traċċabbiltà, **li tidentifika** atturi upstream fil-katina **tal-valur**.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 243

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt d – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Sistema bħal din għandha tkun appoġġata minn dokumentazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

Emenda

Sistema bħal din għandha tkun appoġġata minn dokumentazzjoni li, **mill-inqas**, tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

Emenda 244

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt d – subparagrafu 2 – punt iiii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii a) meta l-materja prima toriġina minn żona ta' riskju għoli, informazzjoni addizzjonali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-operaturi ekonomiċi upstream, kif stabbilit fil-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta, fejn rilevanti, bħall-minjiera tal-orijini, il-postijiet fejn il-materja prima tiġi kkon-solidata, innegozjata u pproċessata, u t-taxxi, it-tariffi u r-royalties imħallsa;

Emenda 245

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt d – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (d) attwali jistgħu jiġu implimentati permezz tal-parteċipazzjoni fi skemi mmexxija mill-industrija.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà individwali tal-operaturi ekonomiċi għall-proċessi ta' diliġenza dovuta tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (d) attwali jistgħu jiġu implimentati **f'kollaborazzjoni ma' atturi oħrajn, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fi skemi mmexxija mill-industrija, rikonoxxuti skont dan ir-Regolament.**

Emenda 246

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jinkorpora l-politika tal-katina **tal-provvista** tiegħu f'kuntratti u ftehimiet mal-fornituri, inklużi l-miżuri tagħhom tal-ġestjoni tar-riskji;

Emenda

(e) jinkorpora l-politika tal-katina **tal-valur** tiegħu f'kuntratti u ftehimiet mal-fornituri, inklużi l-miżuri tagħhom tal-ġestjoni tar-riskji;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 247

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

- (f) jistabbilixxi mekkaniżmu ta' lmentar bħala sistema ta' sensibilizzazzjoni għar-riskji bi twissija bikrija jew jipprovdi **mekkaniżmu** bħal **dan** permezz ta' arranġamenti kollaborattivi ma' operaturi ekonomiċi jew organizzazzjonijiet oħrajn, jew billi jiffaċilita r-rikors għal espert jew korp estern, bħal ombudsman.

Emenda

- (f) jistabbilixxi mekkaniżmu ta' lmentar bħala sistema ta' sensibilizzazzjoni għar-riskji bi twissija bikrija, **u bħala mekkaniżmu ta' rimedju f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem** jew jipprovdi **mekkaniżmi** bħal **dawn** permezz ta' arranġamenti kollaborattivi ma' operaturi ekonomiċi jew organizzazzjonijiet oħrajn, jew billi jiffaċilita r-rikors għal espert jew korp estern, bħal ombudsman. **Tali mekkaniżmi għandhom iqisu l-kriterji tal-mekkaniżmi ta' lmentar deskritti fil-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.**

Emenda 248

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) jidentifika u jivvaluta **l-impatti** negattivi assoċjati mal-kategoriji ta' riskju elenkati fil-punt 2 tal-Anness X fil-katina **tal-provvista** tiegħu abbażi tal-informazzjoni pprovdata skont il-paragrafu 2 kontra l-istandards tal-politika tagħhom dwar il-katina **tal-provvista**;

Emenda

- (a) jidentifika u jivvaluta **r-riskju tal-impatti** negattivi assoċjati mal-kategoriji ta' riskju, **inklużi dawk** elenkati fil-punt 2 tal-Anness X, fil-katina **tal-valur** tiegħu abbażi tal-informazzjoni pprovdata skont il-paragrafu 2, **u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tkun disponibbli għall-pubbliku jew ipprovdata mill-partijiet ikkonċernati**, kontra l-istandards tal-politika tagħhom dwar il-katina **tal-valur**;

Emenda 249

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) jimplementa strateġija biex jirrispondi għar-riskji identifikati maħsuba biex tipprevjeni **jew** ittaffi l-impatti negattivi **permezz ta'**:

Emenda

- (b) jimplementa strateġija biex jirrispondi għar-riskji identifikati maħsuba biex tipprevjeni, ittaffi **u tindirizza** l-impatti negattivi **billi**:

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 250

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

- (i) **ir-rapportar tas-sejbiet** tal-valutazzjoni tar-riskju tal-katina **tal-provvista** lill-maniġment superjuri maħtur għal dak l-iskop;

Emenda

- (i) **jirrapporta s-sejbiet** tal-valutazzjoni tar-riskju tal-katina **tal-valur** lill-maniġment superjuri maħtur għal dak l-iskop;

Emenda 251

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

- (ii) **l-adozzjoni ta'** miżuri għall-ġestjoni tar-riskji konsistenti **mal-Anness II għall-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta**, billi titqies il-kapaċità tagħhom li jinfluwenzaw u, fejn meħtieġ, **jittieħdu** passi biex **tiġi eżerċitata** pressjoni fuq **il-fornituri** li jistgħu jipprevjenu jew itaffu r-riskju identifikat bl-aktar mod effettiv;

Emenda

- (ii) **jadotta** miżuri għall-ġestjoni tar-riskji konsistenti **mal-istandards ta' diliġenza dovuta rikonoxxuti internazzjonalment elenkati fil-punt 3a tal-Anness X**, billi titqies il-kapaċità tagħhom li jinfluwenzaw u, fejn meħtieġ, **jieħu** passi biex **jeżerċita** pressjoni fuq **ir-relazzjonijiet kummerċjali** li jistgħu jipprevjenu jew itaffu r-riskju identifikat bl-aktar mod effettiv;

Emenda 252

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

- (iii) **l-implimentazzjoni tal-pjan** tal-ġestjoni tar-riskji, **il-monitoraġġ u t-traċċar** tal-prestazzjoni tal-isforzi tal-mitigazzjoni tar-riskji, **ir-rapportar** lura lill-maniġment superjuri maħtur għal dan l-iskop u **l-kunsiderazzjoni tas-sospensjoni** jew **tat-twaqqif** tal-involviment ma' **fornitur** wara tentattivi falluti ta' mitigazzjoni, abbażi ta' arranġamenti kuntrattwali rilevanti f'konformità mat-tieni subparagrafu għall-paragrafu 2 **hawn fuq**;

Emenda

- (iii) **jimplimenta l-pjan** tal-ġestjoni tar-riskji, **iwettaq monitoraġġ u traċċar** tal-prestazzjoni tal-isforzi tal-mitigazzjoni tar-riskji, **jirrapporta** lura lill-maniġment superjuri maħtur għal dan l-iskop u **jikkunsidra s-sospensjoni** jew **it-twaqqif** tal-involviment ma' **relazzjoni kummerċjali** wara tentattivi falluti ta' mitigazzjoni, abbażi ta' arranġamenti kuntrattwali rilevanti f'konformità mat-tieni subparagrafu għall-paragrafu 2;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 253

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

Jekk l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 isegwi l-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju filwaqt li jkompli l-kummerċ jew jissospendi l-kummerċ b'mod temporanju, dan għandu jikkonsulta **mal-fornituri** u mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet tal-gvern lokali u ċentrali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà internazzjonali jew ċivili u **l-partijiet terzi** affettwati, u jaqbel dwar strateġija li tista' titkejjel ta' mitigazzjoni tar-riskju fil-pjan tal-ġestjoni tar-riskji.

Emenda

Jekk l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 isegwi l-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju filwaqt li jkompli l-kummerċ jew jissospendi l-kummerċ b'mod temporanju, dan għandu jikkonsulta **r-relazzjonijiet kummerċjali tiegħu** u mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet tal-gvern lokali u ċentrali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà internazzjonali jew ċivili u **l-komunitajiet** affettwati, u jaqbel dwar strateġija li tista' titkejjel ta' mitigazzjoni tar-riskju fil-pjan tal-ġestjoni tar-riskji.

Emenda 254

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test proposit mill-Kummissjoni

L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jidentifika u jivvaluta l-probabbiltà tal-impatti negattivi fil-kategoriji tar-riskju elenkati fl-Anness X, punt 2, fil-katina **tal-provvista** tiegħu **abbażi tar-rapporti disponibbli mill-verifika minn parti terza magħmula minn korp notifikat dwar il-fornituri f'dik il-katina, u billi jivvaluta, fejn xieraq, il-prattiki tad-diliġenza dovuta tiegħu. Dawk ir-rapporti ta' verifika għandhom ikunu konformi mal-ewwel subparagrafu fil-paragrafu 4. Dawk ir-rapporti ta' verifika għandhom ikunu konformi mal-ewwel subparagrafu fil-paragrafu 4. Fin-nuqqas ta' tali rapporti ta' verifika minn partijiet terzi dwar il-fornituri, l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jidentifika u jivvaluta r-riskji fil-katina tal-provvista tiegħu bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tiegħu stess. F'tali każijiet, l-operaturi ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iwettqu verifiki minn parti terza tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista tagħhom stess permezz ta' korp notifikat f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4.**

Emenda

L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jidentifika u jivvaluta l-probabbiltà tal-impatti negattivi fil-kategoriji tar-riskju elenkati fl-Anness X, punt 2, fil-katina **tal-valur** tiegħu. **L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jidentifika u jivvaluta r-riskji fil-katina tal-valur tiegħu bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tiegħu stess. F'tali każijiet, l-operaturi ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iwettqu verifiki minn parti terza tad-diliġenza dovuta għall-ktajjen tagħhom stess permezz ta' korp notifikat f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4. L-operatur ekonomiku jista' wkoll jagħmel użu mir-rapporti disponibbli mill-verifika minn parti terza magħmula minn korp notifikat dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali f'dik il-katina, u billi jivvaluta, fejn xieraq, il-prattiki ta' diliġenza dovuta tiegħu. Dawk ir-rapporti ta' verifika għandhom ikunu konformi mal-ewwel subparagrafu fil-paragrafu 4. Dawk ir-rapporti ta' verifika għandhom ikunu konformi mal-ewwel subparagrafu fil-paragrafu 4.**

Emenda 255

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ reġim ta' responsabbiltà li fl-ambitu tiegħu l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, jinżammu responsabbli u jipprovdur rimedju għal kwalunkwe dannu li jirriżulta minn impatti negattivi potenzjali jew reali fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent jew il-governanza tajba li huma, jew l-impriżi taħt il-kontroll tagħhom, ikunu kkawżaw jew ikkontribwew għalihom permezz ta' atti jew ommissjonijiet.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 256

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkollu ***l-politiki*** tiegħu ta' diliġenza ***vverifikati*** minn korp notifikat (“verifika minn parti terza”).

Emenda

4. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkollu ***l-politika u l-prattiki*** tiegħu ta' diliġenza ***dovuta għall-katina tal-valur ivverifikati*** minn korp notifikat (“verifika minn parti terza”).

Emenda 257

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-attivitajiet, il-proċessi u s-sistemi kollha użati mill-operaturi ekonomiċi biex jimplimentaw ir-rekwiżiti tagħhom tad-diliġenza dovuta għall-katina ***tal-provvista*** f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 5;

Emenda

(a) tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-attivitajiet, il-proċessi u s-sistemi kollha użati mill-operaturi ekonomiċi biex jimplimentaw ir-rekwiżiti tagħhom tad-diliġenza dovuta għall-katina ***tal-valur*** f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 5.

Emenda 258

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ikollha bħala l-objettiv tagħha d-determinazzjoni tal-konformità tal-prattiki ta' diliġenza dovuta għall-katina ***tal-provvista*** tal-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu batteriji fis-suq mal-paragrafi 2, 3 u 5;

Emenda

(b) ikollha bħala l-objettiv tagħha d-determinazzjoni tal-konformità tal-prattiki ta' diliġenza dovuta għall-katina ***tal-valur*** tal-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu batteriji fis-suq mal-paragrafi 2, 3 u 5, ***kif ukoll, fejn rilevanti, twettaq verifiki fuq l-impriżi u tiġbor informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati***;

Emenda 259

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu batteriji fis-suq dwar kif itejbu l-prattiki tagħhom ta' diliġenza dovuta għall-katina ***tal-provvista***;

Emenda

(c) tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu batteriji fis-suq dwar kif itejbu l-prattiki tagħhom ta' diliġenza dovuta għall-katina ***tal-valur***;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 260

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħmel disponibbli fuq talba lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **tal-Istat Membru** r-rapporti ta' kwalunkwe verifika minn parti terza mwettqa **skont il-paragrafu 4** jew l-evidenza ta' konformità ma' skema ta' diliġenza dovuta **tal-katina tal-provvista** rikonoxxuta mill-Kummissjoni **skont l-Artikolu 72**.

Emenda

5. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħmel disponibbli fuq talba lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **tal-Istati Membri** r-rapporti ta' kwalunkwe verifika minn parti terza mwettqa **f'konformità mal-paragrafu 4** jew l-evidenza ta' konformità ma' skema ta' diliġenza dovuta **għall-katina tal-valur** rikonoxxuta mill-Kummissjoni **f'konformità mal-Artikolu 72**.

Emenda 261

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħmel disponibbli għax-xerrejja downstream diretti tiegħu l-informazzjoni kollha miksuba u miżmuma skont il-politiki tad-diliġenza dovuta **tal-katina tal-provvista** tiegħu b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tan-negozju u għal tħassib ieħor dwar il-kompetizzjoni.

Emenda

6. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħmel disponibbli għax-xerrejja downstream diretti tiegħu l-informazzjoni kollha miksuba u miżmuma skont il-politiki tad-diliġenza dovuta **għall-katina tal-valur** tiegħu b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tan-negozju u għal tħassib ieħor dwar il-kompetizzjoni.

Emenda 262

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu fuq bażi annwali jirrapporta pubblikament bl-aktar mod wiesa' possibbli, inkluż fuq l-internet, dwar il-politiki tad-diliġenza dovuta **tal-katina tal-provvista** tiegħu. Dak ir-rapport għandu jkun fih il-passi meħuda minn dak l-operatur ekonomiku biex jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, inklużi s-sejbiet ta' impatti negattivi sinifikanti fil-kategoriji ta' riskju elenkati **fl-Anness X, punt 2**, u kif dawn ġew indirizzati, kif ukoll rapport sommarju tal-verifiki minn partijiet terzi mwettqa **skont il-punt 4**, inkluż l-isem tal-korp notifikat, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tan-negozju u għal tħassib ieħor dwar il-kompetizzjoni.

Emenda

L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu fuq bażi annwali jirrapporta pubblikament bl-aktar mod wiesa' possibbli, inkluż fuq l-internet, dwar il-politiki tad-diliġenza dovuta **għall-katina tal-valur** tiegħu, **b'mod partikolari, fir-rigward tal-materja prima li tinsab f'kull mudell ta' batterija mqiegħed fis-suq**. Dak ir-rapport għandu jkun fih, **b'mod li jinftehem faċilment mill-utenti finali u li jidentifika l-batteriji kkonċernati b'mod ċar**, il-passi meħuda minn dak l-operatur ekonomiku biex jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, inklużi s-sejbiet ta' impatti negattivi sinifikanti fil-kategoriji ta' riskju elenkati **fil-punt 2 tal-Anness X**, u kif dawn ġew indirizzati, kif ukoll rapport sommarju tal-verifiki minn partijiet terzi mwettqa **f'konformità mal-punt 4**, inkluż l-isem tal-korp notifikat, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tan-negozju u għal tħassib ieħor dwar il-kompetizzjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 263

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta definiti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tar-riskji soċjali u ambjentali msemmija **fl-Anness X, il-punt 2**, u b'mod partikolari f'konformità mal-istrumenti internazzjonali msemmija **fl-Anness X, il-punt 3**.

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta definiti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tar-riskji soċjali u ambjentali msemmija **fil-punt 2 tal-Anness X**, u b'mod partikolari f'konformità mal-istrumenti internazzjonali msemmija **fil-punti 3 u 3a tal-Anness X**.

Emenda 264

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. *L-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza teknika speċifika lill-operaturi ekonomiċi, speċjalment lill-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta għall-katina tal-valur stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-Istati Membri jistgħu jkunu assistiti miċ-ċentri nazzjonali ta' kompetenza tal-batteriji tagħhom, stabbiliti skont l-Artikolu 68b, biex jipprovdu tali appoġġ tekniku.*

Emenda 265

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7b. *Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw li jkun hemm konformità ma' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 69, l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mit-tweqqif tal-kontrolli xierqa.*

Il-kontrolli msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitwettqu b'approċċ ibbażat fuq ir-riskju, inkluż f'każijiet meta awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha informazzjoni rilevanti, bħal pereżempju abbażi ta' tħassib issostanzjat ipprovdut minn partijiet terzi, dwar il-konformità ta' operatur ekonomiku ma' dan ir-Regolament.

Il-kontrolli msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu spezzjonijiet fuq il-post, inkluż fil-bini tal-operatur ekonomiku.

L-operaturi ekonomiċi għandhom joffru kull assistenza meħtieġa biex jiffaċilitaw it-tweqqif tal-kontrolli msemmija fl-ewwel subparagrafu, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-proprjetà u l-preżentazzjoni tad-dokumenti u r-rekords.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex tiżgura ċ-ċarezza tal-kompiti u l-konsistenza tal-azzjonijiet fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tipprepara linji gwida li jispjegaw il-passi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkunu qed iwettqu l-kontrolli msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu, kif xieraq, mudelli għad-dokumenti li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Istat Membru għandu jżomm rekords tal-kontrolli msemmija fl-ewwel subparagrafu filwaqt li jindika, b'mod partikolari, in-natura u r-riżultati ta' tali kontrolli, kif ukoll ir-rekords ta' kwalunkwe notifika ta' azzjoni ta' rimedju maħruġa skont l-Artikolu 69.

Emenda 266

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 8 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) temenda l-lista ta' strumenti internazzjonali fl-Anness X f'konformità mal-iżviluppi fi ħdan il-fora internazzjonali rilevanti;

Emenda 267

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 8 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) temenda l-obbligi fuq l-operatur ekonomiku msemmija fil-paragrafu 1 li huma stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4 fid-dawl tal-emendi tar-Regolament (UE) 2017/821 u **l-bidliet fir-rakkomandazzjonijiet** tad-diliġenza dovuta **stabbiliti fl-Anness I tal-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta.**

(b) temenda l-obbligi fuq l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 li huma stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4 fid-dawl tal-emendi tar-Regolament (UE) 2017/821 u **temenda l-lista ta' strumenti** tad-diliġenza dovuta **rikonoxxuti internazzjonalment stabbiliti fil-punt 3a tal-Anness X;**

Emenda 268

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 8 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) **tistabbilixxi u temenda lista ta' żoni ta' riskju għoli filwaqt li tqis il-linji gwida tal-OECD dwar id-diliġenza dovuta.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 269

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Fil-każ li tiġi adottata leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni li tistabbilixxi regoli ġenerali għal governanza korporattiva sostenibbli u diliġenza dovuta, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu u fl-Anness X għandhom jitqiesu bħala komplementari għal tali leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni.

Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni li tistabbilixxi regoli ġenerali għal governanza korporattiva sostenibbli u diliġenza dovuta, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dik il-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-Unjoni teħtieġx emenda tal-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu jew tal-Anness X, jew tat-tnejn, u tadotta, fejn xieraq, att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda dawk id-dispożizzjonijiet kif xieraq.

Dak l-att delegat għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu jew fl-Anness X li huma speċifiċi għall-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu batteriji fis-suq. Kwalunkwe obbligu ta' diliġenza dovuta addizzjonali fuq l-operaturi ekonomiċi li jiġi stabbilit f'dak l-att delegat għandu jkun tali li jiżgura mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni previst minn dan ir-regolament mingħajr ma joħloq ebda piż amministrattiv żejjed.

Emenda 270

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi kopja tal-mandat lill-awtorità kompetenti, fuq talba. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat jagħmel mill-inqas **dawn** li ġejjin:

4. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu **jkollu l-mezzi finanzjarji u organizzattivi xierqa biex iwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu** jipprovdi kopja tal-mandat lill-awtorità kompetenti, fuq talba, **b'lingwa tal-Unjoni ddeterminata mill-awtorità kompetenti.** Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat jagħmel mill-inqas **dan** li ġej:

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 271

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Meta jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li batterija tippreżenta riskju, ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jinformaw immedjatament lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan.

Emenda 272

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq jew iqiegħdu fis-servizz batterija li tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq jew iqiegħdu fis-servizz batterija li tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III **u tal-Artikolu 39.**

Emenda 273

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li batterija mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, l-importatur ma għandux iqiegħed tali batterija fis-suq jew fis-servizz qabel ma din issir konformi. Barra **minn** hekk, meta **l-batterija** tippreżenta riskju, l-importatur għandu jinforma **b'dan** lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li batterija mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III **u fl-Artikolu 39**, l-importatur ma għandux iqiegħed tali batterija fis-suq jew fis-servizz qabel ma din issir konformi. Barra hekk, meta **jqis jew ikollu raġuni biex jemmen li batterija** tippreżenta riskju, l-importatur għandu jinforma **immedjatament** lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **dwar dan.**

Emenda 274

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Meta jkun meqjus xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn batterija, l-importaturi għandhom, biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u s-sikurezza tal-konsumaturi, iwettqu ttestjar tal-kampjuni tal-batteriji mqiegħda fis-suq, jinvestigaw u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, tal-batteriji mhux konformi u s-sejħiet lura tal-batteriji, u għandhom iżommu lid-distributuri informati b'tali monitoraġġ.

6. Meta jkun meqjus xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn batterija, l-importaturi għandhom, biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem, **l-ambjent** u s-sikurezza tal-konsumaturi, iwettqu ttestjar tal-kampjuni tal-batteriji mqiegħda fis-suq, jinvestigaw u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, tal-batteriji mhux konformi u s-sejħiet lura tal-batteriji, u għandhom iżommu lid-distributuri informati b'tali monitoraġġ.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 275

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li batterija, li huma jkunu qiegħdu fis-suq jew fis-servizz, mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, għandhom minnufih jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq għal dak l-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.

Emenda

7. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li batterija, li huma jkunu qiegħdu fis-suq jew fis-servizz, mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III **u fl-Artikolu 39**, għandhom minnufih jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta **jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li** l-batterija tippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq għal dak l-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.

Emenda 276

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, l-importatur jew distributuri oħrajn ikunu rreġistrati** fit-territorju ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 46;

Emenda

(a) **il-produttur ikun irreġistrat** fit-territorju ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 46;

Emenda 277

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li batterija mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, huwa ma għandux iqiegħed il-batterija fis-suq qabel ma din issir konformi. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma **b'dan** lill-manifattur jew lill-importatur, kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rilevanti.

Emenda

3. Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li batterija mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III **u fl-Artikolu 39**, huwa ma għandux iqiegħed il-batterija fis-suq qabel ma din issir konformi. Barra minn hekk, meta **jqis jew ikollu raġuni biex jemmen li** l-batterija tippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur, kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rilevanti **dwar dan**.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 278

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li batterija, li huma jkunu qiegħdu fis-suq, ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III għandhom jiżguraw li tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, biex tiġi rtirata jew biex tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, id-distributuri għandhom jinformat minnufih **b'dan** lill-awtorità nazzjonali tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe **miżura** korrettiva meħuda.

Emenda

5. Distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li batterija, li huma jkunu qiegħdu fis-suq, ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III **u fl-Artikolu 39** għandhom jiżguraw li tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, biex tiġi rtirata jew biex tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta **jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li** l-batterija tippreżenta riskju, id-distributuri għandhom jinformat minnufih lill-awtorità nazzjonali tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq **dwar dan**, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe **azzjoni** korrettiva meħuda.

Emenda 279

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, **jipprovdulha** l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika kollha meħtieġa biex juru l-konformità ta' batterija mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. Id-distributuri għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali, fuq talba tagħha, fuq kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-batteriji li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

Emenda

6. Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, **jipprovdul lil dik l-awtorità** l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika kollha meħtieġa biex juru l-konformità ta' batterija mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III **u fl-Artikolu 39** b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. Id-distributuri għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali, fuq talba tagħha, fuq kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-batteriji li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

Emenda 280

Proposta għal regolament

Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li, għall-batteriji li jimmaniġġaw, il-kundizzjonijiet waqt il-ħażna, l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ ma jipperikolawx il-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III.

Emenda

Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni, **inklużi s-swieq online**, għandhom jiżguraw li, għall-batteriji li jimmaniġġaw, il-kundizzjonijiet waqt il-ħażna, l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ ma jipperikolawx il-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II, III u VII.

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-operaturi ekonomiċi rilevanti stabbiliti fil-Kapitolu VI, il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni għandhom, minbarra r-rekwiżit imsemmi fl-ewwel subparagrafu, iwettqu l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 40(4), il-punt (d), u fil-paragrafu 40(4a).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 281

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Importatur jew distributtur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u dak l-importatur jew id-distributtur għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 40, **fejn**

Emenda

Importatur jew distributtur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u dak l-importatur jew id-distributtur għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 38, **meta tkun tapplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:**

Emenda 282

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) batterija li tkun diġà tqiegħdet fis-suq jew fis-servizz tiġi mmodifikata minn dak l-importatur jew id-distributtur b'tali mod li tkun tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

Emenda

(b) batterija li tkun diġà tqiegħdet fis-suq jew fis-servizz tiġi mmodifikata minn dak l-importatur jew id-distributtur b'tali mod li tkun tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament; **jew**

Emenda 283

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) it-tip ta' batteriji li l-produttur ikollu l-ħsieb li jqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, jiġifieri batteriji portabbli, batteriji industrijali, batteriji tal-vetturi elettriċi, jew batteriji awtomotivi;

Emenda

(d) it-tip ta' batteriji li l-produttur ikollu l-ħsieb li jqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, jiġifieri batteriji portabbli, **batteriji għal mezz ta' trasport ħfief**, batteriji industrijali, batteriji tal-vetturi elettriċi, jew batteriji awtomotivi;

Emenda 284

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) il-kompożizzjoni kimika ta' batteriji li l-produttur ikollu l-ħsieb li jqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru;

Emenda

(da) il-kompożizzjoni kimika ta' batteriji li l-produttur ikollu l-ħsieb li jqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 285

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

- (f) l-informazzjoni dwar kif il-produttur jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 47 u r-rekwiżiti skont l-Artikolu 48 u l-Artikolu 49, rispettivament:

Emenda

- (f) l-informazzjoni dwar kif il-produttur jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 47 u r-rekwiżiti skont l-Artikolu 48, **l-Artikolu 48a** u l-Artikolu 49, rispettivament:

Emenda 286

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt f – punt i – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

- (i) għall-batteriji portabbli, ir-rekwiżiti ta' dan il-punt (f) għandhom jiġu ssodisfati billi jiġu pprovduti:

Emenda

- (i) għall-batteriji portabbli **u l-batteriji għal mezz ta' trasport ħfief**, ir-rekwiżiti ta' dan il-punt (f) għandhom jiġu ssodisfati billi jiġu pprovduti:

Emenda 287

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt f – punt i – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- dikjarazzjoni li turi l-miżuri stabbiliti mill-produttur biex jintlaħqu l-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi stabbiliti fl-Artikolu 47, il-miżuri stabbiliti biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-ġbir separat stabbiliti fl-Artikolu 48(1) fir-rigward tal-ammont ta' batteriji li jforni l-produttur u s-sistema maħsuba biex tiżgura li d-data rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti tkun affidabbli;

Emenda

- dikjarazzjoni li turi l-miżuri stabbiliti mill-produttur biex jintlaħqu l-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi stabbiliti fl-Artikolu 47, il-miżuri stabbiliti biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-ġbir separat stabbiliti fl-Artikolu 48(1) **u fl-Artikolu 48a (1)** fir-rigward tal-ammont ta' batteriji li jforni l-produttur u s-sistema maħsuba biex tiżgura li d-data rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti tkun affidabbli;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 288

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt f – punt i – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- fejn applikabbli, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi ***l-kodiċi*** postali ***u l-post, it-triq u n-numru, il-pajjiż***, in-numri tat-telefon ***u tal-fax***, l-indirizz tal-internet u l-indirizz tal-posta elettronika u l-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi fdata mill-produttur biex tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'konformità mal-Artikolu 47(2), inklużi n-numru tar-reġistru kummerċjali jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali jew Ewropew tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u l-mandat tal-produttur irrappreżentat;

Emenda

- fejn applikabbli, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi ***l-indirizz*** postali, in-numri tat-telefon, l-indirizz tal-internet u l-indirizz tal-posta elettronika u l-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi fdata mill-produttur biex tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'konformità mal-Artikolu 47(2) ***u (4)***, inklużi n-numru tar-reġistru kummerċjali jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali jew Ewropew tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u l-mandat tal-produttur irrappreżentat;

Emenda 289

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt f – punt i – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- fejn applikabbli, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi ***l-kodiċi*** postali, in-numri tat-telefon, l-indirizz tal-internet u l-indirizz tal-posta elettronika u l-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi fdata mill-produttur biex tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'konformità mal-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 47, inklużi n-numru tar-reġistru kummerċjali jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali jew Ewropew tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u l-mandat tal-produttur irrappreżentat;

Emenda

- ***meta l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tirrappreżenta aktar minn produttur wieħed, hija għandha tindika separatament kif kull wieħed mill-produtturi rappreżentati jissodisfa r-responsabbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 47.***

Emenda 290

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt f – punt ii – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- fejn applikabbli, ***il-kodiċi*** ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi fdata mill-produttur biex tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'konformità mal-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 47, inklużi n-numru tar-reġistru kummerċjali jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali jew Ewropew tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u l-mandat tal-produttur irrappreżentat;

Emenda

- fejn applikabbli, ***l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi l-indirizz postali, in-numru tat-telefon, u l-indirizz tal-posta elettronika u tal-web u l-kodiċi*** ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi fdata mill-produttur biex tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'konformità mal-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 47, inklużi n-numru tar-reġistru kummerċjali jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali jew Ewropew tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u l-mandat tal-produttur irrappreżentat;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 291

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-produtturi li jfornu batteriji permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod għandhom ikunu rreġistrati fl-Istat Membru li lili jbigħu. Meta dawn il-produtturi ma jkunux irreġistrati fl-Istat Membru li lili jbigħu, huma għandhom jiġu rreġistrati permezz tar-rappreżentant awtorizzat tagħhom.

Emenda 292

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) tista' tirrifjuta r-reġistrazzjoni pprovduta mill-produttur fil-każ ta' nuqqas ta' konformità jew konformità insuffiċjenti mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2.

Emenda 293

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-produtturi tal-batteriji għandhom jipprovdu lis-swieq online informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tagħhom jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom fl-Istati Membri li lilhom ibigħu.

Emenda 294

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) **jorganizzaw il-ġbir** separat tal-iskart ta' batteriji f'konformità mal-Artikolu 48 u **mal-Artikolu 49** u t-trasport, il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti u għall-manifattura mill-ġdid, it-trattament u r-riċiklaġġ sussegwenti tal-iskart ta' batteriji, **inklużi** l-miżuri ta' sikurezza meħtieġa, f'konformità mal-Artikolu 56;

(a) **ikopru tal-anqas il-kostijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 8a tad-Direttiva 2008/98/KE, inklużi l-kostijiet tal-organizzazzjoni tal-ġbir** separat tal-iskart ta' batteriji f'konformità mal-Artikolu 48, **l-Artikolu 48a** u **l-Artikolu 49** u t-trasport, il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti u għall-manifattura mill-ġdid, it-trattament, **il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid** u r-riċiklaġġ sussegwenti tal-iskart ta' batteriji, **u** l-miżuri ta' sikurezza meħtieġa, f'konformità mal-Artikolu 56;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 295

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jippromwovu l-ġbir separat tal-batteriji, inkluż billi jkopru **l-ispejjeż** tat-twettiq ta' stħarriġ biex jiġu identifikati batteriji mormija b'mod mhux adegwat mill-utenti finali skont l-Artikolu 48(1);

Emenda

(c) jippromwovu l-ġbir separat tal-batteriji, inkluż billi jkopru **l-kostijiet tal-ġbir tad-data u** tat-twettiq ta' stħarriġ **b'mod regolari** biex jiġu identifikati batteriji mormija b'mod mhux adegwat mill-utenti finali skont l-Artikolu 48(1);

Emenda 296

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jistabbilixxu kampanji ta' sensibilizzazzjoni u/jew inċentivi ekonomiċi inklużi dawk elenkati fl-Anness IV a tad-Direttiva 2008/98/KE biex iħeġġu lill-utenti finali jarmu l-iskart ta' batteriji b'mod li jkun konformi mal-informazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji disponibbli għalihom f'konformità mal-Artikolu 60(1);

Emenda 297

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jiffinanzjaw l-attivitajiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d).

Emenda

(e) jiffinanzjaw l-attivitajiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (da).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 298

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) ikollhom il-mezzi **organizzattivi u** finanzjarji **meħtieġa** biex jissodisfaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 1;

Emenda

- (a) ikollhom il-mezzi **finanzjarji jew** finanzjarji **u organizzattivi** biex jissodisfaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 1;

Emenda 299

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) ikunu modulati **bħala minimu mit-tip** ta' batterija u l-kimika tal-batterija u, kif xieraq, b'kont meħud tar-rikarikabbiltà u l-livell ta' kontenut riċiklat fil-manifattura tal-batteriji;

Emenda

- (a) ikunu modulati **f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 8a(4) tad-Direttiva 2008/98/KE u skont it-tip** ta' batterija u l-kimika tal-batterija u, kif xieraq, b'kont meħud tar-rikarikabbiltà, **id-durabbiltà** u l-livell ta' kontenut riċiklat fil-manifattura tal-batteriji, **kif ukoll il-possibbiltà li jiġu manifatturati mill-ġdid jew adattati għal skop differenti, u l-impronta tal-karbonju tagħhom;**

Emenda 300

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) jiġu aġġustati biex jitqies kwalunkwe dħul mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mill-użu mill-ġdid u mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-batteriji u mill-iskart ta' batteriji;

Emenda

- (b) jiġu aġġustati biex jitqies kwalunkwe dħul mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mill-użu mill-ġdid, **mill-manifattura mill-ġdid, mill-adattament għal skop differenti** u mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-batteriji u mill-iskart ta' batteriji;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 301

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. **Fejn**, f'konformità mal-Artikoli 48(2), 49(3), 53(1), 56(1), u mal-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 61, l-attivitajiet biex jitwettqu l-obbligi msemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-paragrafu 1 jitwettqu minn parti terza minbarra produttur jew organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, il-kostijiet li għandhom jiġu koperti mill-produtturi ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet li huma meħtieġa biex daww l-attivitajiet jiġu pprovduti b'mod kosteffiċjenti. Tali kostijiet għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn il-produtturi u l-partijiet terzi kkonċernati u jiġu aġġustati sabiex jitqies kwalunkwe dħul mill-użu mill-ġdid u mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-batteriji u mill-iskart ta' batteriji.

Emenda

5. **Meta**, f'konformità mal-Artikoli 48(2), **48a(2)**, 49(3), 53(1), 56(1), u mal-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 61, l-attivitajiet biex jitwettqu l-obbligi msemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-paragrafu 1 jitwettqu minn parti terza minbarra produttur jew organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, il-kostijiet li għandhom jiġu koperti mill-produtturi ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet li huma meħtieġa biex daww l-attivitajiet jiġu pprovduti b'mod kosteffiċjenti. Tali kostijiet għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn il-produtturi u l-partijiet terzi kkonċernati u jiġu aġġustati sabiex jitqies kwalunkwe dħul mill-użu mill-ġdid, **mill-manifattura mill-ġdid, mill-adattament għal skop differenti** u mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-batteriji u mill-iskart ta' batteriji.

Emenda 302

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

6. **L-organizzazzjonijiet** b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss meta jintwera li l-miżuri stabbiliti mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu biżżejjed biex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'dan **l-Artikolu** fir-rigward tal-ammont ta' batteriji li jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru mill-produtturi li fisimhom **taġixxi**. L-awtorità kompetenti għandha, f'intervalli regolari, tivverifika jekk il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1, 3, 4 u 5 għadhomx jiġu ssodisfati. **L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffissaw id-dettalji tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni u l-modalitajiet għall-verifika tal-konformità, inkluża l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-produtturi għal dak il-għan.**

Emenda

6. **Produttur jew organizzazzjoni** b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li **taġixxi f'ismu** għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss meta jintwera li l-miżuri stabbiliti **mill-produttur jew** mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu biżżejjed **u meta jkollu jew ikollha l-mezzi finanzjarji jew il-mezzi finanzjarji u organizzattivi neċessarji** biex tissodisfa l-obbligi stabbiliti f'dan **il-Kapitolu** fir-rigward tal-ammont ta' batteriji li jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru mill-produtturi li fisimhom **jaġixxu u jkunu konformi mal-kisba tal-miri rigward il-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji, il-livell ta' riċiklaġġ u l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ stabbiliti f'dan ir-Regolament**. L-awtorità kompetenti għandha, f'intervalli regolari, **u tal-anqas kull tliet snin**, tivverifika jekk il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1, 3, 4 u 5 għadhomx jiġu ssodisfati. **L-awtorizzazzjoni tista' tiġi revokata meta l-miri tal-ġbir stabbiliti fl-Artikolu 48(4) jew l-Artikolu 48a(5) ma jintlaħqux jew jekk il-produttur jew l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tkun fi ksur tal-Artikolu 49(1), (2) jew (3).**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 303

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien bla bżonn dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tinsab fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, dwar kwalunkwe bidla li tikkonċerna t-termini tal-awtorizzazzjoni u dwar il-waqfien permanenti tal-operazzjonijiet.

Emenda

Il-produttur jew l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi **li jaġixxu f'ismu** għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien bla bżonn dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tinsab fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, dwar kwalunkwe bidla li tikkonċerna t-termini tal-awtorizzazzjoni u dwar il-waqfien permanenti tal-operazzjonijiet.

Emenda 304

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 9 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ir-rata ta' ġbir separat tal-iskart ta' batteriji, il-livell ta' riċiklaġġ u l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ miksuba abbażi tal-ammont ta' batteriji li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fl-Istat Membru mill-produtturi membri tagħhom;

Emenda

(c) ir-rata ta' ġbir separat tal-iskart ta' batteriji, il-livell ta' riċiklaġġ, l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u **l-livelli ta' materjali rkuprati** miksuba abbażi tal-ammont ta' batteriji li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fl-Istat Membru mill-produtturi membri tagħhom;

Emenda 305

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 9 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) **il-proċedura tal-għażla għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart.**

Emenda 306

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10a. Meta operatur iwettaq użu mill-ġdid, adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid ta' batterija, ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għal dik il-batterija għandha tiġi trasferita mill-produttur għal dak l-operatur.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 307

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni

13. L-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE **ma għandhomx japplikaw għall-batteriji.**

Emenda

13. **Ir-rekwiżiti dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur u dwar ir-rekwiżiti minimi ġenerali għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur previsti rispettivament fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 2008/98/KE għandhom jitqiesu bħala rekwiżiti minimi u għandhom jiġu ssupplimentati bid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.**

Emenda 308

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-produtturi jew, **fejn jinħatru** f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, għandhom jiżguraw il-ġbir tal-iskart kollu ta' batteriji portabbli, irrispettivament min-natura, il-marka jew l-oriġini tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru fejn huma jqiegħdu l-batteriji fis-suq għall-ewwel darba. Għal dak l-iskop, huma għandhom:

Emenda

1. Il-produtturi jew, **meta jkunu maħtura** f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, għandhom jiżguraw il-ġbir **separat** tal-iskart kollu ta' batteriji portabbli, irrispettivament min-natura, **il-kompożizzjoni kimiċa**, il-marka jew l-oriġini tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru fejn huma jqiegħdu l-batteriji fis-suq għall-ewwel darba. Għal dak l-iskop, huma għandhom:

Emenda 309

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jistabbilixxu punti ta' ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli;

Emenda

(a) jistabbilixxu punti ta' **teħid lura u** ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli;

Emenda 310

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-utenti finali, **meta** jarmu l-iskart **tal-batteriji** portabbli fil-punti ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 2, **ma għandhomx** jintalbu jħallsu jew ikunu obbligati jixtru batterija ġdida.

Emenda

3. L-utenti finali **għandhom ikunu jistgħu** jarmu l-iskart **ta' batteriji** portabbli fil-punti ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 2 **u m'għandhomx** jintalbu jħallsu jew ikunu obbligati jixtru batterija ġdida **jew li jkunu xtraw il-batterija mill-produtturi li jkunu stabbilew il-punti ta' ġbir.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 311

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-produtturi jew, **fejn** maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, għandhom jilhq, u jżommu **b'mod durabbli**, mill-inqas il-miri tal-ġbir li ġejjin ta' skart tal-batteriji portabbli, ikkalkolati bħala persentaġġi tal-batteriji portabbli, **minbarra l-batteriji minn mezzi tat-trasport ħfief**, li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fi Stat Membru mill-produttur rispettiv jew b'mod kollettiv mill-produtturi koperti minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi:

Emenda

4. Il-produtturi jew, **meta jkunu** maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, għandhom jilhq, u jżommu **kull sena**, mill-inqas il-miri tal-ġbir li ġejjin ta' skart tal-batteriji portabbli, ikkalkolati bħala persentaġġi tal-batteriji portabbli, li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fi Stat Membru mill-produttur rispettiv jew b'mod kollettiv mill-produtturi koperti minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi:

Emenda 312

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-produtturi jew, **meta jkunu** maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, għandhom jilhq, u jżommu **kull sena**, mill-inqas il-miri tal-ġbir li ġejjin għal skart tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali, ikkalkolati bħala perċentwali tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fi Stat Membru mill-produttur rispettiv jew b'mod kollettiv mill-produtturi koperti minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi:

- (a) 45 % sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (b) 70 % sal-31 ta' Diċembru 2025;
- (c) 80 % sal-31 ta' Diċembru 2030.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 313
Proposta għal regolament
Artikolu 48a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 48a

Ġbir ta' skart ta' batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief

1. Il-produtturi jew, meta jkunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jiżguraw il-ġbir tal-iskart kollu ta' batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief irrispettivament min-natura, il-kompożizzjoni kimika, il-marka jew l-orijini tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru fejn huma jqiegħdu l-batteriji fis-suq għall-ewwel darba.

2. Il-produtturi ta' batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief jew, meta jkunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jieħdu lura, mingħajr hłas u mingħajr obbligu fuq l-utent finali li jixtri batterija ġdida, jew li jkun xtara l-batterija mingħandhom, il-batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief, irrispettivament mill-kompożizzjoni kimika, il-marka jew l-orijini tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru fejn huma jqiegħdu l-batteriji fis-suq għall-ewwel darba. Għal dak il-għan, huma għandhom jieħdu lura l-iskart ta' batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief mill-utenti finali jew minn punti ta' teħid lura u ġbir ipprovduti f'kooperazzjoni ma':

- (a) distributuri ta' batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief f'konformità mal-Artikolu 50(1);
- (b) operaturi indipendenti li jsewwu mezzi tat-trasport ħfief;
- (c) awtoritajiet pubbliċi jew partijiet terzi li jwettqu l-immaniġġar tal-iskart f'isimhom f'konformità mal-Artikolu 53.

3. L-arranġamenti għat-teħid lura stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 għandhom ikopru t-territorju kollu ta' Stat Membru filwaqt li jitqiesu d-daqqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' skart ta' batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief, u l-aċċessibbiltà għall-utenti finali u l-qrubija tagħhom. L-arranġamenti ta' teħid lura ma għandhomx ikunu limitati għal żoni fejn il-ġbir u l-immaniġġar sussegwenti tal-iskart ta' batteriji għal mezzi tat-trasport ħfief huma l-aktar profittabbli.

4. L-utenti finali, meta jarmu l-iskart ta' batteriji ta' mezzi tat-trasport ħfief fil-punti ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 2, għandhom, fiċ-ċirkostanzi kollha, ikunu jistgħu jirritornaw kwalunkwe skart ta' batterija ta' mezzi tat-trasport ħfief fi kwalunkwe punt ta' ġbir u għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan mingħajr hłas jew mingħajr l-obbligu li jixtru batterija ġdida.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-produtturi jew, meta jkunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jilhq, u jżommu kull sena, mill-inqas il-miri li għejjin ta' għbir ta' skart ta' batteriji għal mezz tat-trasport ħfief, ikkalkolati bħala persentaġġi tal-kwantitajiet ta' batteriji għal mezz tat-trasport ħfief, imqiegħda fis-suq għall-ewwel darba fi Stat Membru mill-produttur rispettiv jew b'mod kollettiv mill-produtturi koperti minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi:

(a) 75 % sal-31 ta' Diċembru 2025;

(b) 85 % sal-31 ta' Diċembru 2030.

Il-produtturi jew, meta jkunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jikkalkolaw ir-rata tal-għbir imsemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 55(2b).

6. Il-punti ta' għbir stabbiliti f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jew ta' permess tad-Direttiva 2008/98/KE.

7. Il-produtturi jew, meta jkunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jitolbu awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti li għandha tivverifika l-konformità tal-arranġamenti stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-Artikolu. Fejn l-awtorizzazzjoni tintalab minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, it-talba għall-awtorizzazzjoni għandha tidentifika b'mod ċar il-produtturi membri attivi li tkun qed tirrappreżenta.

8. L-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura li d-data fil-pussess tagħha fir-rigward tal-informazzjoni proprjetarja jew tal-informazzjoni attribwibbli direttament lill-produtturi individwali tibqa' kunfidenzjali. L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi, fl-awtorizzazzjoni tagħha, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati għal dak il-għan.

9. L-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 6 tista' tingħata biss meta jintwera, billi tiġi pprovduta evidenza dokumentata, li r-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu huma ssodisfati u li hemm l-arranġamenti kollha fis-seħħ biex tal-inqas il-mira tal-għbir imsemmija fil-paragrafu 5 tkun tista' tintlaħaq u tinżamm għal żmien twil. Meta l-awtorizzazzjoni tintalab minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, din għandha tinkiseb bħala parti mill-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(6).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi d-dettalji tal-proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 7 biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 56. Dan għandu jinkludi r-rekwiżit ta' rapport ta' esperti indipendenti għal verifika ex ante tal-arranġamenti għall-ġbir skont dan l-Artikolu b'mod li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti skont dan l-Artikolu. Dan għandu jinkludi wkoll il-perjodi ta' żmien għall-verifika tal-passi rispettivi u d-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti, li ma għandhomx jaqbżu s-sitt gimġhat mill-preżentazzjoni ta' fajl tal-applikazzjoni komplet.

11. L-awtorità kompetenti għandha tirrieżamina regolarment, u tal-inqas kull tliet snin, jekk il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 7 għadhomx jiġu ssodisfati. L-awtorizzazzjoni tista' tiġi revokata meta l-mira tal-ġbir stabbilita fil-paragrafu 4 ma tintlaħaqx jew il-produttur jew l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu fi ksur materjali tal-obbligi tagħhom skont il-paragrafi 1 sa 3.

12. Il-produttur jew, meta jkunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li taġixxi f'ismu, għandhom jinnotifikaw minnufih lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla fil-kundizzjonijiet koperti mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 7, bi kwalunkwe bidla li tikkonċerna t-termini tal-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 8 u bil-waqfien permanenti tal-operazzjonijiet.

13. Kull ħames snin l-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-inqas fil-livell NUTS 2 tal-flussi tal-iskart muniċipali mħallat miġbur u tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku miġbur, biex hekk jiġi ddeterminat is-sehem ta' skart ta' batteriji portabbli fl-iskart muniċipali mħallat. L-ewwel stħarriġ għandu jitwettaq sal-31 ta' Diċembru 2023. Abbażi tal-informazzjoni miksuba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jesigū, meta jagħtu jew jirrieżaminaw awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 7 u 10, li l-produtturi ta' batteriji portabbli jew l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jieħdu azzjoni korrettiva biex iżidu n-network tagħhom tal-punti tal-ġbir konnessi u jwettqu kampanji ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 60(1) b'mod proporzjonat mas-sehem tal-flussi tal-iskart ta' batteriji portabbli fil-flussi tal-iskart muniċipali mħallat u tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku identifikat fl-istħarriġ.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 314

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Il-produtturi jew, meta jkunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jiżguraw il-ġbir tal-iskart kollu ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettroniċi, irrispettivament min-natura, il-kompożizzjoni kimika, il-marka jew l-oriġini tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru fejn huma jqiegħdu l-batteriji fis-suq għall-ewwel darba.

Emenda 315

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-produtturi tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi jew, **fejn** maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, għandhom jieħdu lura, mingħajr ħlas u mingħajr obbligu fuq l-utent finali li jixtri batterija ġdida, u lanqas li jkun xtara l-batterija mingħandhom, l-iskart kollu tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi tat-tip rispettiv li huma jkunu qiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Għal dak **l-għan**, huma għandhom jaċċettaw li jieħdu lura l-iskart tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi mingħand l-utenti finali, jew mill-punti ta' ġbir ipprovduti b'kooperazzjoni ma':

1. Il-produtturi tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi jew, **meta jkunu** maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, għandhom jieħdu lura, mingħajr ħlas u mingħajr obbligu fuq l-utent finali li jixtri batterija ġdida, u lanqas li jkun xtara l-batterija mingħandhom, l-iskart kollu tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi tat-tip rispettiv li huma jkunu qiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Għal dak **il-għan**, huma għandhom jaċċettaw li jieħdu lura l-iskart tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi mingħand l-utenti finali, jew mill-punti ta' **teħid lura u** ġbir ipprovduti b'kooperazzjoni ma':

Emenda 316

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-operaturi indipendenti li jwettqu użu mill-ġdid, manifattura mill-ġdid jew adattament għal skop differenti ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 317

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-iskart **tal-batteriji** industrijali jkun jirrikjedi ż-żarmar minn qabel fil-bini tal-utenti privati u mhux kummerċjali, l-obbligu tal-produttur li jieħu lura dawk il-batteriji għandu jinkludi l-kopertura **tal-ispejjeż** taż-żarmar u tal-ġbir tal-iskart **tal-batteriji** fil-bini ta' dawk l-utenti.

Emenda

Meta l-iskart **ta' batteriji** industrijali jkun jirrikjedi ż-żarmar minn qabel fil-bini tal-utenti privati u mhux kummerċjali, l-obbligu tal-produttur, **jew, meta jkunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi**, li jieħu lura dawk il-batteriji għandu jinkludi l-kopertura **tal-kostijiet** taż-żarmar u tal-ġbir tal-iskart **ta' batteriji** fil-bini ta' dawk l-utenti.

Emenda 318

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jipprovdu lill-punti ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 1 b'infrastruttura tal-ġbir adegwata għall-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza applikabbli u jkopru l-kostijiet meħtieġa mġarrba minn dawk il-punti ta' ġbir b'rabta mal-attivitajiet ta' teħid lura. Il-kontenituri għall-ġbir u l-ħażna temporanja ta' tali batteriji fil-punt tal-ġbir għandhom ikunu adegwati biex jipprovdu għall-volum u n-natura perikoluża tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi li x'aktarx jinġabru minn dawk il-punti ta' ġbir;

Emenda

(a) jipprovdu lill-punti ta' **teħid lura u** ġbir imsemmija fil-paragrafu 1 b'infrastruttura tal-ġbir adegwata għall-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza applikabbli u jkopru l-kostijiet meħtieġa mġarrba minn dawk il-punti ta' **teħid lura u** ġbir b'rabta mal-attivitajiet ta' teħid lura. Il-kontenituri għall-ġbir u l-ħażna temporanja ta' tali batteriji fil-punt tal-ġbir għandhom ikunu adegwati biex jipprovdu għall-volum u n-natura perikoluża tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi li x'aktarx jinġabru minn dawk il-punti ta' **teħid lura u** ġbir;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 319

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni, inklużi stimi sostanzjali, fuq bażi annwali, dwar il-kwantitajiet u l-kategoriji ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi mqiegħda fis-swieq tagħhom, disponibbli għall-ġbir meta mqabbla mal-ammonti miġbura permezz tar-rotot kollha, ippreparati għall-użu mill-ġdid, riċiklati u rkuprati fl-Istat Membru, u dwar batteriji f'vetturi/prodotti industrijali esportati, skont il-piż u skont il-kompożizzjoni kimika.

Emenda 320

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Id-distributuri għandhom jieħdu lura l-iskart ta' batteriji mingħand l-utent finali mingħajr ħlas **u** mingħajr obbligu li **jixtru batterija ġdida**, irrispettivament mill-kompożizzjoni kimika jew l-oriġini tagħhom. It-teħid lura għall-batteriji portabbli għandu jiġi pprovdut fl-istabiliment tal-bejgħ bl-innut tagħhom jew fil-viċinanza immedjata tiegħu. It-teħid lura għall-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi għandu jiġi pprovdut fl-istabiliment tal-bejgħ bl-innut tagħhom jew fil-viċinanza **immedjata** tiegħu. Dan l-obbligu huwa limitat għat-tipi ta' skart ta' batteriji li d-distributur għandu, jew kellu, bħal batteriji ġodda fl-offerta tiegħu u, għal batteriji portabbli, għall-kwantità li normalment jarmu l-utenti finali mhux professjonali.

1. Id-distributuri għandhom jieħdu lura l-iskart ta' batteriji mingħand l-utent finali mingħajr ħlas **jew** mingħajr obbligu li **jkun xtara l-batterija mill-istess distributur**, irrispettivament mill-kompożizzjoni kimika jew l-oriġini tagħhom. It-teħid lura għall-batteriji portabbli għandu jiġi pprovdut fl-istabiliment tal-bejgħ bl-innut tagħhom jew fil-viċinanza immedjata tiegħu. It-teħid lura għall-iskart ta' batteriji **għal mezzi tat-trasport ħfief, batteriji** awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi għandu jiġi pprovdut fl-istabiliment tal-bejgħ bl-innut tagħhom jew fil-viċinanza tiegħu. Dan l-obbligu huwa limitat għat-tipi ta' skart ta' batteriji li d-distributur għandu, jew kellu, bħal batteriji ġodda fl-offerta tiegħu u, għal batteriji portabbli, għall-kwantità li normalment jarmu l-utenti finali mhux professjonali.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 321

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-distributuri għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji li jkunu ħadu lura lill-produtturi jew lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li huma responsabbli għall-ġbir ta' dawk il-batteriji f'konformità mal-Artikoli 48 u 49, rispettivament, jew lil operatur tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mal-Artikolu 56.

Emenda

3. Id-distributuri għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji li jkunu ħadu lura lill-produtturi jew lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li huma responsabbli għall-ġbir ta' dawk il-batteriji f'konformità mal-Artikoli 48, **48a** u 49, rispettivament, jew lil operatur tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mal-Artikolu 56. **L-Istati Membri jistgħu jirres-triġnu l-possibbiltà għad-distributuri li jgħaddu skart ta' batteriji, skont it-tip tagħhom, lill-produtturi jew lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, jew lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali restrizzjonijiet ma jkollhomx impatt negattiv fuq is-sistemi ta' ġbir u ta' riċiklaġġ.**

Emenda 322

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-obbligi skont dan l-Artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-operaturi li jfornixxu l-batteriji permezz ta' kuntratti mill-bogħod lill-utenti finali. Dawk l-operaturi għandhom jipprevedu għadd suffiċjenti ta' punti ta' ġbir li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru u b'kont meħud tad-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni tal-iskart ta' batteriji **awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji ta' vetturi** elettriċi, l-aċċessibbiltà u l-qrubija għall-utenti finali li jippermettu lill-utenti finali jirritornaw il-batteriji.

Emenda

4. L-obbligi skont dan l-Artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-operaturi li jfornixxu l-batteriji permezz ta' kuntratti mill-bogħod lill-utenti finali. Dawk l-operaturi għandhom jipprevedu għadd suffiċjenti ta' punti ta' ġbir li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru u b'kont meħud tad-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni tal-iskart ta' batteriji **portabbli, għal mezzi tat-trasport ħfief, awtomotivi, industrijali u tal-vetturi** elettriċi, l-aċċessibbiltà u l-qrubija għall-utenti finali li jippermettu lill-utenti finali jirritornaw il-batteriji.

Emenda 323

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Fil-każ ta' bejgħ bil-kunsinna, id-distributuri għandhom joffru li jieħdu lura l-batteriji mingħajr ħlas. Meta jordna batterija, l-utent finali tal-batterija għandu jiġi infurmat dwar l-arranġamenti għat-teħid lura tal-batterija użata.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 324
Proposta għal regolament
Artikolu 50a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 50a

Sistemi ta' ritorn ta' depożitu għall-batteriji

Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà u l-benefiċċji potenzjali tal-istabbiliment ta' sistemi ta' depożitu għar-ritorn ta' batteriji fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari għall-batteriji portabbli ta' użu ġenerali. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tikkunsidra li tiegħu l-miżuri xierqa, inkluża l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. L-Istati Membri, meta jimplimentaw sistemi nazzjonali ta' ritorn tad-depożitu għall-batteriji, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk il-miżuri. Is-sistemi nazzjonali ta' ritorn tad-depożiti ma għandhomx jipprevjenu l-adozzjoni ta' sistemi armonizzati fl-Unjoni kollha.

Emenda 325
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-utenti finali għandhom jarmu l-iskart ta' batteriji f'punti ta' ġbir separat magħżula stabbiliti minn jew f'konformità mal-arranġamenti speċifiċi konklużi mal-produttur jew ma' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, f'konformità mal-Artikoli 48 u 49.

2. L-utenti finali għandhom jarmu l-iskart ta' batteriji f'punti ta' ġbir separat magħżula stabbiliti minn jew f'konformità mal-arranġamenti speċifiċi konklużi mal-produttur jew ma' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, f'konformità mal-Artikoli 48, **48a** u 49.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 326

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi tal-faċilitajiet għat-trattament tal-iskart soġġetti għad-Direttivi 2000/53/KE u 2012/19/UE għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji li jirriżulta mit-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku lill-produtturi tal-batteriji rilevanti jew, **fejn** maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2) ta' dan ir-Regolament, lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom jew lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament. L-operaturi tal-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart għandhom iżommu rekords ta' dawk it-tranżazzjonijiet.

Emenda

L-operaturi tal-faċilitajiet għat-trattament tal-iskart soġġetti għad-Direttivi 2000/53/KE u 2012/19/UE għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji li jirriżulta mit-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku lill-produtturi tal-batteriji rilevanti jew, **meta jkun** maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2) ta' dan ir-Regolament, lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom jew lill-operaturi **awtorizzati** tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament. **L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-possibbiltà għall-operaturi ta' faċilitajiet għat-trattament tal-iskart soġġetti għad-Direttiva 2000/53/KE jew għad-Direttiva 2012/19/UE li jgħaddu batteriji tal-iskart, skont it-tip tagħhom, jew lil produtturi jew lil organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, jew lil operatur ieħor tal-immaniġġar tal-iskart. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali restrizzjonijiet ma jkollhomx impatt negattiv fuq is-sistemi ta' ġbir u ta' riċiklaġġ.** L-operaturi tal-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart għandhom iżommu rekords ta' dawk it-tranżazzjonijiet.

Emenda 327

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-iskart ta' batteriji li joriġina minn utenti privati u mhux kummerċjali jista' jintrema f'punti tal-ġbir separat stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi tal-immaniġġar tal-iskart.

Emenda

1. L-iskart ta' batteriji li joriġina minn utenti privati u mhux kummerċjali jista' jintrema f'punti tal-ġbir separat stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi tal-immaniġġar tal-iskart. **Meta stabbiliti għal tip ta' batterija speċifiku, l-awtoritajiet pubbliċi tal-immaniġġar tal-iskart ma għandhom jirrifjutaw it-teħid lura ta' ebda skart ta' batteriji ta' dak it-tip, inklużi batteriji użati mill-ġdid, adattati għal skop differenti u manifatturati mill-ġdid.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 328

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtoritajiet pubbliċi tal-immaniġġar tal-iskart għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji miġbur lill-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, jew lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ ta' dak l-iskart ta' batteriji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56 jew iwettqu t-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom huma stess f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56.

Emenda

2. L-awtoritajiet pubbliċi tal-immaniġġar tal-iskart għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji miġbur lill-produtturi jew, meta jkun maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, jew lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ ta' dak l-iskart ta' batteriji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56 jew iwettqu t-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom huma stess f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56. **L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi tal-immaniġġar tal-iskart li jgħaddu l-iskart ta' batteriji, skont it-tip tagħhom, jew lill-produtturi jew lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, jew lil operatur tal-immaniġġar tal-iskart, jew li jwettqu t-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom huma stess. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali restrizzjonijiet ma jkollhomx impatt negattiv fuq is-sistemi ta' ġbir u ta' riċiklaġġ.**

Emenda 329

Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-punti tal-ġbir volontarji tal-iskart ta' batteriji portabbli għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji portabbli lill-produtturi tal-batteriji portabbli jew lil partijiet terzi li jaġixxu fisimhom, inklużi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, jew lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56.

Emenda

Il-punti tal-ġbir volontarji tal-iskart ta' batteriji portabbli għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji portabbli lill-produtturi tal-batteriji portabbli jew lil partijiet terzi li jaġixxu fisimhom, inklużi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, jew lill-operaturi **awtorizzati** tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56. **L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-kapaċità għall-punti tal-ġbir volontarji tal-iskart ta' batteriji portabbli li jgħaddu dak l-iskart ta' batteriji portabbli jew lill-produtturi jew lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, jew lil operatur tal-immaniġġar tal-iskart. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali restrizzjonijiet ma jkollhomx impatt negattiv fuq is-sistemi ta' ġbir u ta' riċiklaġġ.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 330**Proposta għal regolament****Artikolu 55 – titolu***Test propost mill-Kummissjoni*

Ir-rati tal-ġbir għall-iskart ta' batteriji portabbli

*Emenda*Ir-rati tal-ġbir għall-iskart ta' batteriji portabbli **u għall-iskart ta' batteriji għal mezz ta' trasport ħfief****Emenda 331****Proposta għal regolament****Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*(b) **65** % sal-31 ta' Diċembru 2025;*Emenda*(b) **70** % sal-31 ta' Diċembru 2025;**Emenda 332****Proposta għal regolament****Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni*(c) **70** % sal-31 ta' Diċembru 2030.*Emenda*(c) **80** % sal-31 ta' Diċembru 2030.**Emenda 333****Proposta għal regolament****Artikolu 55 – paragrafu 1a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***1a. L-Istati Membri għandhom jilhq u l-miri minimi ta' ġbir li għejjin għall-iskart ta' batteriji portabbli ta' użu ġenerali:**(a) **45** % sal-31 ta' Diċembru 2023;(b) **70** % sal-31 ta' Diċembru 2025;(c) **80** % sal-31 ta' Diċembru 2030.**Emenda 334****Proposta għal regolament****Artikolu 55 – paragrafu 2a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***2a. L-Istati Membri għandhom jilhq u l-miri minimi ta' ġbir li għejjin għall-iskart ta' batteriji għal mezz ta' trasport ħfief:**(a) **75** % sal-31 ta' Diċembru 2025;(b) **85** % sal-31 ta' Diċembru 2030.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 335

Proposta għal regolament

Artikolu 55 – paragrafu 2b (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2023, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kalkolu u l-verifika tal-miri tal-ġbir għall-iskart ta' batteriji għal mezz tat-trasport ħfief bil-ħsieb li tiġi riflessa l-kwantità ta' skart ta' batteriji disponibbli għall-ġbir.

Emenda 336

Proposta għal regolament

Artikolu 55 – paragrafu 3

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2030, tirrieżamina l-mira stabbilita fil-paragrafu 1(c) u, bħala parti minn dak ir-rieżami tikkunsidra l-istabbiliment ta' mira tal-ġbir għall-batteriji li jħaddmu mezz ħfief ta' trasport, fid-dawl tal-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq, bħala mira separata jew bħala parti minn reviżjoni tal-mira stabbilita fil-paragrafu 1(c) u fl-Artikolu 48(4). Dan ir-rieżami jista' jikkunsidra wkoll l-introduzzjoni ta' metodoloġija ta' kalkolu sabiex tiġi kkalkolata r-rata ta' ġbir separat bil-ħsieb li tkun tirrifletti l-kwantità ta' skart ta' batteriji disponibbli għall-ġbir. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tar-rieżami akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

3. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2024, tirrieżamina l-mira stabbilita fil-paragrafu 1(c). Dan ir-rieżami għandu jikkunsidra wkoll l-introduzzjoni ta' metodoloġija ta' kalkolu sabiex tiġi kkalkolata r-rata ta' ġbir separat bil-ħsieb li tkun tirrifletti l-kwantità ta' skart ta' batteriji portabbli disponibbli għall-ġbir. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tar-rieżami akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

Emenda 337

Proposta għal regolament

Artikolu 55 – paragrafu 4

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-metodoloġija għall-kalkolu tar-rata tal-ġbir għall-batteriji portabbli stipulata fl-Anness XI.

imħassar

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 338

Proposta għal regolament

Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-iskart ta' batteriji miġbur ma għandux jintrema **f'miżbla** jew **jiġi inċinerat**.

Emenda

1. L-iskart ta' batteriji miġbur ma għandux jintrema jew **ikun soġġett għal operazzjoni ta' rkupru tal-enerġija**.

Emenda 339

Proposta għal regolament

Artikolu 56 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skemi ta' inċentivi għall-operaturi ekonomiċi li jiksibu rendimenti ogħla mil-limiti rispettivi stabbiliti fil-Partijiet B u C tal-Anness XII.

Emenda 340

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-iskart ta' batteriji kollu miġbur għandu **jidħol fi** proċess ta' riċiklaġġ.

Emenda

1. L-iskart ta' batteriji kollu miġbur għandu **jgħaddi minn preparazzjoni għal użu mill-ġdid, preparazzjoni għal adattament għal skop differenti jew** proċess ta' riċiklaġġ, **ħlief il-batteriji li jkun fihom il-merkurju, li għandhom jintremew b'mod li ma jinvolvi l-ebda impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent**.

Emenda 341

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. **Sabiex jingħata lok għal rapportar u separazzjoni xierqa tal-iskart ta' batteriji tal-jon tal-litju, il-Kummissjoni għandha tinkludi l-iskart ta' batteriji tal-jon tal-litju fil-lista tal-iskart imsemmija fid-Deċiżjoni 2000/532/KE kif xieraq.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 342

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2023, tadotta att **ta' implimentazzjoni** biex tistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kalkolu u l-verifika tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjali. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).**

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2023, tadotta att **delegat f'konformità mal-Artikolu 73** biex **tissupplimenta dan ir-Regolament billi** tistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kalkolu u l-verifika tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjali.

Emenda 343

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. **Il-Kummissjoni** għandha **tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73** biex **temenda** l-livelli **minimi** ta' materjali rkuprati għall-iskart ta' batteriji stipulati **fl-Anness XII, il-Partijiet B u Ċ**, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u t-teknoloġiji ġodda emerġenti fl-immaniġġar tal-iskart.

Emenda

5. **Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni** għandha **tevalwa u tippreżenta rapport dwar il-progress li sar fir-rigward tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u** l-livelli ta' materjali rkuprati għall-iskart ta' batteriji stipulati **fil-Partijiet B u C tal-Anness XII**, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u t-teknoloġiji ġodda emerġenti fl-immaniġġar tal-iskart. **Jekk ikun xieraq, dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta legiżlativa biex jiżdiedu l-effiċjenzi minimi tar-riċiklaġġ u l-livelli minimi ta' materjali rkuprati.**

Emenda 344

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. **Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73, biex testendi l-lista ta' materjali u kompożizzjonijiet kimiċi tal-batteriji stipulata fil-Partijiet B u C tal-Anness XII, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u t-teknoloġiji ġodda emerġenti fl-immaniġġar tal-iskart.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 345

Proposta għal regolament

Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. It-trattament u r-riċiklaġġ jistgħu jitwettqu barra l-Istat Membru kkonċernat jew barra l-Unjoni, sakemm il-vjeġġ tal-iskart ta' batteriji jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u mar-Regolament (KE) Nru 1418/2007.

Emenda

1. It-trattament, **il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti** u r-riċiklaġġ jistgħu jitwettqu barra l-Istat Membru kkonċernat jew barra l-Unjoni, sakemm il-vjeġġ tal-iskart ta' batteriji jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u mar-Regolament (KE) Nru 1418/2007.

Emenda 346

Proposta għal regolament

Artikolu 58 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-iskart ta' batteriji esportat barra mill-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jingħadd biss lejn l-issodisfar tal-obbligi, tal-effiċjenzi u tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 56 u fl-Artikolu 57 jekk ir-riċiklatur jew detentur tal-iskart ieħor li jesporta l-iskart ta' batteriji għat-trattament u r-riċiklaġġ **ikun jista' juri bil-provi** li t-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għar-reqwiziti ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. L-iskart ta' batteriji esportat barra mill-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jingħadd biss lejn l-issodisfar tal-obbligi, tal-effiċjenzi u tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 56 u fl-Artikolu 57 jekk ir-riċiklatur jew detentur tal-iskart ieħor li jesporta l-iskart ta' batteriji għat-trattament, **il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti** u r-riċiklaġġ **jipprovi evidenza dokumentata approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni** li t-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għar-reqwiziti ta' dan ir-Regolament **u għar-reqwiziti rilevanti ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.**

Emenda 347

Proposta għal regolament

Artikolu 58 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha **s-setgħa li** tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 73, li jistabbilixxi regoli dettaljati li jissupplimentaw dawk fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, billi **jistabbilixxu** l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 73, li jistabbilixxi regoli dettaljati li jissupplimentaw dawk fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, billi **tistabbilixxi** l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti, **mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2023.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 348

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Rekwiżiti relatati mal-adattament għal skop differenti u l-manifattura mill-ġdid tal-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi

Emenda

Rekwiżiti relatati mal-adattament għal skop ġdid u l-manifattura mill-ġdid **tal-batteriji ta' mezz ta' trasport ħfief**, tal-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi

Emenda 349

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-operaturi indipendenti għandhom jingħataw aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-batterija tal-batteriji **industrijali rikarikabbli** u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi **b'memorja interna b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh**, b'termini u kundizzjonijiet ugwali, għall-fini tal-valutazzjoni u d-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u tat-tul tal-ħajja li jkun jifdal tal-batteriji, skont il-parametri stipulati fl-Anness VII.

Emenda

1. L-operaturi indipendenti għandhom jingħataw aċċess **read-only** għas-sistema ta' ġestjoni tal-batterija tal-batteriji **għal mezz ta' trasport ħfief**, u tal-batteriji **fi ħdan sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji u l-batteriji tal-vetturi elettriċi, u f'batteriji portabbli li jinkludu sistema ta' ġestjoni tal-batterija**, b'termini u kundizzjonijiet ugwali, għall-fini tal-valutazzjoni u d-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u tat-tul tal-ħajja li jkun jifdal tal-batteriji, skont il-parametri stipulati fl-Anness VII.

Emenda 350

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. **Is-sistemi għall-ħżin tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji u l-batteriji tal-vetturi elettriċi kollha użati għandhom jiġu vvalutati sabiex jiġi ddeterminat jekk ikunux adatti għall-użu mill-ġdid, l-adattament għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid. Jekk il-valutazzjoni turi li tali batteriji jkunux adatti għall-użu mill-ġdid, dawn għandhom jerġġu jintużaw. Jekk il-valutazzjoni turi li ma jkunux adatti għall-użu mill-ġdid, iżda jkunux adatti għal adattament għal skop differenti jew għall-manifattura mill-ġdid, dawn għandhom jiġu adattati għal skop differenti jew jiġu manifatturati mill-ġdid.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 351

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-operaturi indipendenti li jwettqu operazzjonijiet ta' adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid għandhom jingħataw aċċess adegwat b'termini u kundizzjonijiet ugwali, għall-informazzjoni rilevanti għall-immaniġġar u l-ittestjar tal-batteriji industrijali **rikarikabbli** u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi, jew tal-apparat u l-vetturi li fihom ikunu inkorporati tali batteriji, kif ukoll tal-komponenti ta' tali batteriji, apparat jew vetturi, inklużi l-aspetti ta' sikurezza.

Emenda

2. L-operaturi indipendenti li jwettqu operazzjonijiet ta' **preparazzjoni għal adattament għal skop differenti**, adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid għandhom jingħataw aċċess adegwat b'termini u kundizzjonijiet ugwali, għall-informazzjoni rilevanti għall-immaniġġar u l-ittestjar **tal-batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief**, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi, jew tal-apparat u l-vetturi li fihom ikunu inkorporati tali batteriji, kif ukoll tal-komponenti ta' tali batteriji, apparat jew vetturi, inklużi l-aspetti ta' sikurezza.

Emenda 352

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid tal-batteriji għandhom jiżguraw li l-eżami, l-ittestjar tal-prestazzjoni, l-ippakkjar u l-vjeġġ tal-batteriji u tal-komponenti tagħhom jitwettqu wara kontroll tal-kwalità adegwat u skont l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza.

Emenda

3. L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' **preparazzjoni għal adattament għal skop differenti**, adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid tal-batteriji għandhom jiżguraw li l-eżami, l-ittestjar tal-prestazzjoni **u tas-sikurezza**, l-ippakkjar u l-vjeġġ tal-batteriji u tal-komponenti tagħhom jitwettqu wara kontroll tal-kwalità adegwat u skont l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza.

Emenda 353

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid tal-batteriji għandhom jiżguraw li l-batterija adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid tkun konformi ma' dan ir-Regolament, mar-rekwiżiti rilevanti tal-prodott, dawk ambjentali u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem f'leġislazzjoni oħra u mar-rekwiżiti tekniċi għall-iskop speċifiku tal-użu tagħha meta titqiegħed fis-suq.

Emenda

4. L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' **preparazzjoni għal adattament għal skop differenti**, adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid tal-batteriji għandhom jiżguraw li l-batterija adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid tkun konformi ma' dan ir-Regolament, mar-rekwiżiti rilevanti tal-prodott, dawk ambjentali u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem f'leġislazzjoni oħra u mar-rekwiżiti tekniċi għall-iskop speċifiku tal-użu tagħha meta titqiegħed fis-suq.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 354

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Batterija li tkun ġiet adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stipulati fl-Artikolu 7(1), (2) u (3), fl-Artikolu 8(1), (2) u (3), **fl-Artikolu 10(1) u (2)** u fl-Artikolu 39(1) fejn l-operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq batterija adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid jista' juri li l-batterija, qabel l-adattament tagħha għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tagħha, tqiegħdet fis-suq qabel id-dati li fihom dawk l-obbligi jsiru applikabbli f'konformità ma' dawk l-Artikoli.

Emenda

Batterija li tkun ġiet adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stipulati fl-Artikolu 7(1), (2) u (3), fl-Artikolu 8(1), (2) u (3) u fl-Artikolu 39(1), fejn l-operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq batterija adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid jista' juri li l-batterija, qabel l-adattament tagħha għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tagħha, tqiegħdet fis-suq qabel id-dati li fihom dawk l-obbligi jsiru applikabbli f'konformità ma' dawk l-Artikoli.

Emenda 355

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-operaturi li jqiegħdu batteriji adattati għal skop differenti jew manifatturati mill-ġdid fis-suq għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-produttur il-ġdid tal-batterija u għalhekk ikunu rreġistrati skont l-Artikolu 46 u għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur f'konformità mal-Artikolu 47.

Emenda 356

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Sabiex **jiddokumenta** li l-iskart ta' batterija, soġġetta għal operazzjoni ta' adattament għal skop differenti jew ta' manifatturata mill-ġdid, ma għadux skart, **is-sid tal-batterija għandu juri** dan li ġej fuq talba ta' awtorità kompetenti:

5. Sabiex **jiddokumentaw** li l-iskart ta' batterija, soġġetta għal operazzjoni ta' adattament għal skop differenti jew ta' manifattura mill-ġdid, ma għadux skart, **l-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid għandhom juru** dan li ġej fuq talba ta' awtorità kompetenti:

Emenda 357

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-kontribut tal-utenti finali għall-prevenzjoni tal-iskart, inkluż permezz ta' informazzjoni dwar Prattiki tajbin rigward l-użu tal-batteriji, bl-għan li jiġu estiżi l-fażi tal-użu tagħhom u l-possibiltajiet ta' preparazzjoni għal użu mill-ġdid;

(a) il-kontribut tal-utenti finali għall-prevenzjoni tal-iskart, inkluż permezz ta' informazzjoni dwar Prattiki tajbin **u rakkomandazzjonijiet** rigward l-użu tal-batteriji, bl-għan li jiġu estiżi l-fażi tal-użu tagħhom u l-possibiltajiet ta' **użu mill-ġdid**, preparazzjoni għal użu mill-ġdid, **preparazzjoni għal adattament għal skop differenti, adattament għal skop differenti u manifattura mill-ġdid**;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 358

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test proposit mill-Kummissjoni

- (c) **il-ġbir** separat, il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid **u s-sistemi ta' riċiklaġġ** disponibbli għall-iskart ta' batteriji;

Emenda

- (c) **is-sistemi ta' ġbir** separat, **punti ta' teħid lura u ġbir**, il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, **il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti, l-adattament għal skop differenti, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ** disponibbli għall-iskart ta' batteriji;

Emenda 359

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test proposit mill-Kummissjoni

- (f) l-impatt tas-sustanzi li jinsabu fil-batteriji fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem, inkluż l-impatt minħabba r-rimi mhux xieraq tal-iskart ta' batteriji, bħal rimi tal-iskart jew rimi bħala skart municijali mhux isseparat.

Emenda

- (f) l-impatt tas-sustanzi, **partikolarment tas-sustanzi perikolużi**, li jinsabu fil-batteriji fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem, inkluż l-impatt minħabba r-rimi mhux xieraq tal-iskart ta' batteriji, bħal rimi tal-iskart jew rimi bħala skart municijali mhux isseparat.

Emenda 360

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test proposit mill-Kummissjoni

- (b) b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħrajn, kif **iddeterminata** mill-Istat Membru kkonċernat.

Emenda

- (b) b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħrajn, **u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità skont id-Direttiva (UE) 2019/882**, kif **iddeterminat** mill-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 361

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

2. Il-produtturi għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tad-distributuri u tal-operaturi msemmija fl-Artikoli 50, 52 u 53 u ta' operaturi oħrajn tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu l-attivajiet ta' tiswija, manifattura mill-ġdid, preparazzjoni għal użu mill-ġdid, trattament u riċiklaġġ informazzjoni rigward il-miżuri ta' sikurezza u ta' protezzjoni, inkluż dwar is-sikurezza okkupazzjonali, applikabbli għall-ħażna u l-ġbir tal-iskart ta' batteriji.

Emenda

2. Il-produtturi għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tad-distributuri u tal-operaturi msemmija fl-Artikoli 50, 52 u 53 u ta' operaturi oħrajn tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu l-attivajiet ta' tiswija, manifattura mill-ġdid, preparazzjoni għal użu mill-ġdid, trattament u riċiklaġġ informazzjoni rigward **il-komponenti u l-materjali tal-batteriji kif ukoll il-pożizzjonament tas-sustanzi perikolużi kollha fil-batteriji. Il-produtturi għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni informazzjoni rigward** il-miżuri ta' sikurezza u ta' protezzjoni, inkluż dwar is-sikurezza okkupazzjonali, applikabbli għall-ħażna u l-ġbir tal-iskart ta' batteriji.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 362

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Mill-mument li mudell ta' batterija jiġi fornut fit-territorju ta' Stat Membru, il-produtturi għandhom jagħmlu disponibbli elettronikament, fuq talba, lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu attivitajiet ta' tiswija, manifattura mill-ġdid, preparazzjoni għal użu mill-ġdid, trattament u riċiklaġġ, sa fejn tkun meħtieġa minn dawk l-operaturi biex iwettqu dawk l-attivitajiet, l-informazzjoni speċifika li ġejja dwar il-mudell tal-batterija fir-rigward tat-trattament xieraq u li jirrispetta l-ambjent tal-iskart ta' batteriji:

Emenda

3. Mill-mument li mudell ta' batterija jiġi fornut fit-territorju ta' Stat Membru, il-produtturi għandhom jagħmlu disponibbli elettronikament, **bla ħlas u** fuq talba, lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu attivitajiet ta' tiswija, manifattura mill-ġdid, preparazzjoni għal użu mill-ġdid, trattament u riċiklaġġ, sa fejn tkun meħtieġa minn dawk l-operaturi biex iwettqu dawk l-attivitajiet, l-informazzjoni speċifika li ġejja dwar il-mudell tal-batterija fir-rigward tat-trattament xieraq u li jirrispetta l-ambjent tal-iskart ta' batteriji:

Emenda 363

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-proċessi biex jiġi żgurat li **l-vetturi** u l-apparati jiżżarmaw b'mod li jippermetti t-tneħħija tal-batteriji inkorporati;

Emenda

(a) il-proċessi biex jiġi żgurat li **l-mezzi ta' trasport ħfief, il-vetturi** u l-apparati jiżżarmaw b'mod li jippermetti t-tneħħija tal-batteriji inkorporati;

Emenda 364

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-miżuri tas-sikurezza u tal-protezzjoni, inkluż dwar is-sikurezza okkupazzjonali, applikabbli għall-proċessi tal-ħażna, it-trasport, it-trattament u r-riċiklaġġ għall-iskart ta' batteriji.

Emenda

(b) il-miżuri tas-sikurezza u tal-protezzjoni, inkluż dwar is-sikurezza okkupazzjonali **u l-protezzjoni min-nirien**, applikabbli għall-proċessi tal-ħażna, it-trasport, it-trattament u r-riċiklaġġ għall-iskart ta' batteriji.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 365

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 4

Test proposit mill-Kummissjoni

4. Id-distributuri li jfornu l-batteriji lill-utenti finali għandhom jipprovdu fil-ħwienet tal-imnut tagħhom, **b'mod viżibbli**, u permezz tas-swiegq online tagħhom, l-informazzjoni elenkata fil-paragrafi 1 u 2, u informazzjoni dwar kif l-utenti finali jistgħu jirritornaw l-iskart ta' batteriji mingħajr ħlas lejn il-punti ta' ġbir rispettivi stabbiliti fil-ħwienet tal-imnut jew f'isem suq. Dak l-obbligu għandu jkun limitat għat-tipi ta' batteriji li d-distributur jew il-bejjiegħ bl-imnut għandu, jew kellu, bħala batteriji ġodda fl-offerta tiegħu.

Emenda

4. Id-distributuri li jfornu l-batteriji lill-utenti finali għandhom jipprovdu **b'mod permanenti** fil-ħwienet tal-imnut tagħhom u permezz tas-swiegq online tagħhom, **b'mod faċilment aċċessibbli u viżibbli b'mod ċar għall-utenti finali tal-batterija**, l-informazzjoni elenkata fil-paragrafi 1 u 2, u informazzjoni dwar kif l-utenti finali jistgħu jirritornaw l-iskart ta' batteriji mingħajr ħlas lejn il-punti ta' ġbir rispettivi stabbiliti fil-ħwienet tal-imnut jew f'isem suq. Dak l-obbligu għandu jkun limitat għat-tipi ta' batteriji li d-distributur jew il-bejjiegħ bl-imnut għandu, jew kellu, bħala batteriji ġodda fl-offerta tiegħu.

Emenda 366

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 5

Test proposit mill-Kummissjoni

5. Il-kostijiet koperti mill-produttur skont l-Artikolu 47(1) (e) għandhom jintwerew separatament lill-utent finali fil-punt tal-bejgħ ta' batterija ġdida. Il-kostijiet imsemmija ma għandhomx jaqbżu l-aħjar stima tal-kostijiet reali mġarrba.

Emenda

5. Il-kostijiet koperti mill-produttur skont l-Artikolu 47(1) (e) għandhom jintwerew separatament lill-utent finali fil-punt tal-bejgħ ta' batterija ġdida. Il-kostijiet imsemmija ma għandhomx jaqbżu l-aħjar stima tal-kostijiet reali mġarrba **u ma għandhomx jidiedu mal-prezz finali tal-batterija li jintalab jitħallas mill-konsumatur fil-punt tal-bejgħ.**

Emenda 367

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test proposit mill-Kummissjoni

1. Il-produtturi tal-batteriji portabbli jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti, għal kull sena kalendarja, l-informazzjoni li ġejja skont il-kimika tal-batterija, **li tispeċifika l-ammonti ta' batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief:**

Emenda

1. Il-produtturi tal-batteriji portabbli jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti, għal kull sena kalendarja, l-informazzjoni li ġejja skont il-kimika tal-batterija:

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 368

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (aa) *l-ammont ta' batteriji portabbli ta' użu ġenerali li jkunu tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, minbarra batteriji portabbli ta' użu ġenerali li jkunu telqu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru f'dik is-sena qabel ma jkunu nbiegħu lill-utenti finali;*

Emenda 369

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ba) *l-ammont ta' skart ta' batteriji portabbli ta' użu ġenerali miġbur f'konformità mal-Artikolu 48, ikkalkulat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness XI;*

Emenda 370

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (da) *l-ammont ta' skart ta' batteriji portabbli miġbur u esportat lejn pajjiżi terzi għat-trattament, għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, għall-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti jew għar-riċiklaġġ.*

Emenda 371

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart minbarra produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, jiġbru l-iskart ta' batteriji portabbli minn distributuri jew punti ta' għbir oħrajn għall-iskart ta' batteriji portabbli, huma għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti għal kull sena kalendarja l-ammont tal-iskart ta' batteriji portabbli miġbur skont il-kimika tagħhom **u jispeċifikaw l-ammonti ta' batteriji li jħaddmu mezz tat-trasport ħfief.**

Meta l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart minbarra produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, jiġbru l-iskart ta' batteriji portabbli minn distributuri jew punti ta' għbir oħrajn għall-iskart ta' batteriji portabbli, huma għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti għal kull sena kalendarja l-ammont tal-iskart ta' batteriji portabbli miġbur skont il-kimika tagħhom.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 372

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-produtturi tal-batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti, għal kull sena kalendarja, l-informazzjoni li ġejja skont il-kompożizzjoni kimika tal-batterija, li tispeċifika l-kwantitajiet ta' batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief:

- (a) il-kwantità ta' batteriji – mezzi ta' trasport ħfief imqiegħda fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe batterija ta' mezzi ta' trasport ħfief li tkun ħarġet mit-territorju ta' dak l-Istat Membru f'dik is-sena qabel ma tkun inbiegħet lill-utenti finali;
- (b) il-kwantità ta' batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief miġbura f'konformità mal-Artikolu 48a, ikkalkulata abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-att delegat li għandu jġi adottat skont l-Artikolu 55(2b);
- (c) il-mira tal-ġbir milħuqa mill-produttur jew mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li taġixxi f'isem il-membri tagħhom;
- (d) il-kwantità ta' skart ta' batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief ikkonsenjat għat-trattament u r-riċiklaġġ f'faċilitajiet bil-permess; kif ukoll
- (e) il-kwantità ta' batteriji kkonsenjati għal użu mill-ġdid, l-adattament għal skop differenti u l-manifattura mill-ġdid.

Meta l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart minbarra l-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur li jaġixxu f'isimhom, jiġbru batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief minn distributuri jew punti oħra ta' teħid lura u ġbir għall-batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief, huma għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti, għal kull sena kalendarja, il-kwantità ta' batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief miġbura skont il-kimika tagħhom u jispeċifikaw l-amonti ta' batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-operaturi msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti d-data msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien erba' xhur minn tmiem is-sena tar-rapportar li għaliha tinġabar id-data. L-ewwel perjodu ta' rapportar għandu jikkonċerna l-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-format għar-rapportar lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 62(5). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-format u l-proċeduri li f'konformità magħhom id-data għandha tiġi rrapportata lilhom.

Emenda 373

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) L-ammont ta' batteriji kkonsenjati għal użu mill-ġdid, l-adattament għal skop differenti u l-manifattura mill-ġdid.

Emenda 374

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) L-ammont ta' skart ta' batteriji tal-karozzi, batteriji industrijali u batteriji ta' vetturi elettriċi miġbur u esportat lejn pajjiżi terzi għat-trattament, għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, għall-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti jew għar-riċiklaġġ.

Emenda 375

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) L-ammont ta' skart ta' batteriji tal-karozzi, batteriji industrijali u batteriji ta' vetturi elettriċi miġbur u esportat lejn pajjiżi terzi għat-trattament, għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, għall-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti jew għar-riċiklaġġ.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 376

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-ammont ta' skart ta' batteriji li jidħol fil-proċessi tar-riċiklaġġ;

Emenda

(b) l-ammont ta' skart ta' batteriji li jidħol fil-proċessi **tal-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti u** tar-riċiklaġġ;

Emenda 377

Proposta għal regolament

Artikolu 62 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, f'format aggregat għal kull sena kalendarja, id-data li ġejja dwar il-batteriji portabbli, il-batteriji awtomotivi, il-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi skont it-tipi ta' batteriji u l-kimiki tagħhom u, fir-rigward tal-batteriji portabbli, filwaqt li jidentifikaw separatament il-batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief:

Emenda

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, f'format aggregat għal kull sena kalendarja, id-data li ġejja dwar il-batteriji portabbli, il-batteriji **ta' mezzi ta' trasport ħfief, il-batteriji** awtomotivi, il-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi skont it-tipi ta' batteriji u l-kimiki tagħhom u, fir-rigward tal-batteriji portabbli, filwaqt li jidentifikaw separatament il-batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief:

Emenda 378

Proposta għal regolament

Artikolu 62 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-ammont ta' skart ta' batteriji miġbur f'konformità mal-Artikoli 48 u 49, ikkalkolat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness XI;

Emenda

(b) l-ammont ta' skart ta' batteriji miġbur f'konformità mal-Artikoli 48, **48a** u 49, ikkalkolat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness XI;

Emenda 379

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Is-sistema għandha sservi l-iskopijiet li ġejjin:

(a) appoġġ lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti, inkluż l-infurzar tar-Regolament minnaħa ta' dawk l-awtoritajiet;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) *għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar il-batteriji mqiegħda fis-suq u r-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza tagħhom, u skedi ta' informazzjoni dwar il-batteriji;*
- (c) *għoti ta' informazzjoni aġġornata dwar il-batteriji lill-Kummissjoni u lill-manifatturi mill-ġdid akkreditati, lill-operaturi tat-tieni haġja u lir-riċiklaturi.*

Emenda 380

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-sistema għandu jkun fiha l-informazzjoni u d-data dwar il-batteriji industrijali **rikarikabbli** u l-batteriji tal-vetturi elettriċi **b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh** kif stipulat fl-Anness XIII. Dik l-informazzjoni u d-data għandhom ikunu jistgħu jiġu ssortjati u jitfittxu, filwaqt li jiġu rrispettati l-istandards miftuħa għall-użu minn partijiet terzi.

2. Is-sistema għandu jkun fiha l-informazzjoni u d-data dwar il-batteriji **ta' mezzi ta' trasport ħfief, il-batteriji** industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi kif stipulat fl-Anness XIII. Dik l-informazzjoni u d-data għandhom ikunu jistgħu jiġu ssortjati u jitfittxu, filwaqt li jiġu rrispettati l-istandards miftuħa għall-użu minn partijiet terzi. **Is-sistema għandu jkun fiha wkoll bażi tad-data aġġornata regolament għall-batteriji kollha li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.**

Emenda 381

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq batterija industrijali **rikarikabbli** jew batterija ta' vetturi elettriċi **b'memorja interna** għandhom jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 disponibbli b'mod elettroniku f'format li jista' jinqara minn magna bl-użu ta' servizzi ta' data interoperabbli u faċilment aċċessibbli fil-format stabbilit f'konformità mal-paragrafu 5.

3. L-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq **batterija ta' mezzi ta' trasport ħfief**, batterija industrijali jew batterija ta' vetturi elettriċi għandhom jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 disponibbli b'mod elettroniku f'format li jista' jinqara minn magna bl-użu ta' servizzi ta' data interoperabbli u faċilment aċċessibbli fil-format stabbilit f'konformità mal-paragrafu 5.

Emenda 382

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Is-sistema ma għandhiex tissostitwixxi jew timmodifika r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 383**Proposta għal regolament****Artikolu 64 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2024, tadotta **atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi:**

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2024, tadotta **att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi:**

Emenda 384**Proposta għal regolament****Artikolu 64 – paragrafu 5 – subparagrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74 (3).

*Emenda**imħassar***Emenda 385****Proposta għal regolament****Artikolu 65 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sal-1 ta' Jannar 2026, kull batterija industrijali **u** batterija ta' vetturi elettriċi **mqiegħda** fis-suq jew imqiegħda fis-servizz **u li l-kapaċità tagħha tkun ogħla minn 2 kWh** għandu jkollha rekord elettroniku ("passaport tal-batterija").

Emenda

1. Sal-1 ta' Jannar 2026, kull batterija industrijali, batterija ta' vetturi elettriċi **u batterija ta' mezzi ta' trasport ħfief imqiegħda** fis-suq jew imqiegħda fis-servizz għandu jkollha rekord elettroniku ("passaport tal-batterija").

Emenda 386**Proposta għal regolament****Artikolu 65 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-passaport tal-batterija għandu jkun marbut mal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi bażiċi ta' kull tip u mudell ta' batterija maħżuna fis-sorsi tad-data tas-Sistema stabbilita skont l-Artikolu 64. L-operatur ekonomiku li jqiegħed batterija industrijali jew batterija ta' vetturi elettriċi fis-suq għandu jiżgura li d-data inkluża fil-passaport tal-batterija tkun preċiża, kompleta u aġġornata.

Emenda

3. **Għall-batteriji industrijali u l-batteriji ta' vetturi elettriċi**, il-passaport tal-batterija għandu jkun marbut mal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi bażiċi ta' kull tip ta' batterija u mudell maħżun fis-sorsi tad-data tas-Sistema stabbiliti skont l-Artikolu 64. L-operatur ekonomiku li jqiegħed batterija industrijali jew batterija ta' vetturi elettriċi fis-suq għandu jiżgura li d-data inkluża fil-passaport tal-batterija tkun preċiża, kompleta u aġġornata.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 387

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. **Għal batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief, il-passaport tal-batterija għandu jkun fih l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 13(5), il-punti (a) sa (d) u l-punti (i) u (j), u informazzjoni aġġornata dwar il-batterija b'rabta ma' bidliet fl-istatus tagħha.**

Emenda 388

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-passaport tal-batterija għandu jkun aċċessibbli online, permezz ta' sistemi elettroniċi interoperabbli mas-Sistema stabbilita skont l-Artikolu 64.

4. Il-passaport tal-batterija għandu jkun aċċessibbli online, permezz ta' sistemi elettroniċi **li jkunu** interoperabbli mas-Sistema stabbilita skont l-Artikolu 64, **u permezz tal-kodiċi QR imsemmi fl-Artikolu 13(5).**

Emenda 389

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-passaport tal-batterija għandu jippermetti aċċess għal informazzjoni dwar il-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà msemmija fl-Artikolu 10(1), meta l-batterija titqiegħed fis-suq u meta tkun soġġetta għal bidliet fl-istatus tagħha.

5. Il-passaport tal-batterija għandu jippermetti aċċess għal informazzjoni dwar il-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà msemmija fl-Artikolu 10(1), **kif ukoll għal informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa tal-batterija skont l-Artikolu 14**, meta l-batterija titqiegħed fis-suq u meta tkun soġġetta għal bidliet fl-istatus tagħha.

Emenda 390

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Meta l-bidla fl-istatus tkun dovuta għal attivitajiet ta' **tiswija jew ta'** adattament għal skop differenti, ir-responsabbiltà għar-reġistrazzjoni tal-batterija fil-passaport tal-batterija għandha tiġi ttrasferita lill-operatur ekonomiku li jitqies li jqiegħed il-batterija industrijali **jew** il-batterija ta' vetturi elettriċi fis-suq jew li jqiegħda fis-servizz.

6. Meta l-bidla fl-istatus tkun dovuta għal attivitajiet ta' adattament għal skop differenti **jew manifattura mill-ġdid**, ir-responsabbiltà għar-reġistrazzjoni tal-batterija fil-passaport tal-batterija għandha tiġi ttrasferita lill-operatur ekonomiku li jitqies li jqiegħed il-batterija industrijali, il-batterija ta' vetturi elettriċi **jew il-batterija ta' mezzi ta' trasport ħfief** fis-suq jew li jqiegħda fis-servizz. **Ir-rekord tal-batterija adattati għal skop differenti jew manifatturati mill-ġdid għandu jkun marbut mar-rekord tal-batterija oriġinali.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 391

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti **ta' implimentazzjoni** biex tistabbilixxi r-regoli għall-aċċess, il-kondiviżjoni, il-ġestjoni, l-esplorazzjoni, il-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni u tad-data aċċessibbli permezz tal-passaport tal-batteriji.

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 73** biex tistabbilixxi r-regoli għall-aċċess, il-kondiviżjoni, il-ġestjoni, l-esplorazzjoni, il-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni u tad-data aċċessibbli permezz tal-passaport tal-batteriji.

Emenda 392

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Emenda

imħassar

Emenda 393

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Meta** l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wiehied ikollhom raġuni suffiċjenti biex jemmu li batterija koperta minn dan ir-Regolament tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-proprjetà jew għall-ambjent, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni b'rabta mal-batterija kkonċernata li tkun tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stipulati f'dan ir-Regolament.

Emenda

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu kontrolli xierqa fuq il-batteriji li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni online u offline fuq skala adegwata, permezz ta' kontrolli dokumentarji u, fejn xieraq, kontrolli fiżiċi u fil-laboratorju abbażi ta' kampjuni adegwati, li jkopru r-rekwiżiti rilevanti kollha stipulati f'dan ir-Regolament. **L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jibagħtu batteriji fil-faċilità tal-ittestjar tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 68a għal tali evalwazzjoni.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 394

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sa ... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet uniformi għall-kontrolli, il-kriterji għad-determinazzjoni tal-frekwenza tal-kontrolli u l-ammont ta' kampjuni li jridu jiġu vverifikati f'konformità mal-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Emenda 395

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. **Meta** l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq **iqisu li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx ristrett għat-territorju nazzjonali tagħhom, huma** għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li jkunu talbu lill-operatur ekonomiku jieħu.

2. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li jkunu talbu lill-operatur ekonomiku jieħu.

Emenda 396

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) in-nuqqas tal-batterija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II jew III ta' dan ir-Regolament

(a) in-nuqqas tal-batterija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II jew III **jew l-Artikolu 39** ta' dan ir-Regolament

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 397

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. *Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jdaħħlu informazzjoni dwar il-batteriji li huma ta' riskju għall-konsumaturi f'taqsimha separata tas-Sistema Komunitarja tat-Tagħrif Imħaffef (RAPEX) prevista fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2001/95/KE. Il-Kummissjoni għandha tiegħu kont kif xieraq l-informazzjoni li tirċievi u tiżgura segwitu, inkluż billi tittrażmetti l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, jekk ikun il-każ.*

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 74(2) biex tistabbilixxi l-modalitajiet għat-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu kif ukoll għat-trażmissjoni ta' tali informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti għal segwitu.

Emenda 398

Proposta għal regolament

Artikolu 67 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Meta, ladarba titlesta l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 66(3) u (4), jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur ekonomiku jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġustifikata jew le.

1. Meta, ladarba titlesta l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 66(3) u (4), jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur ekonomiku jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. **Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi dik l-evalwazzjoni fi żmien xahar.** Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġustifikata jew le.

Emenda 399

Proposta għal regolament

Artikolu 68 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fejn, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 67(1), Stat Membru jsib li għalkemm batterija hija konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, hija tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-protezzjoni tal-proprjetà jew għall-ambjent, huwa għandu jitlob lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li l-batterija kkonċernata, meta titqiegħed fis-suq, ma tibqax tippreżenta dak ir-riskju, biex il-batterija tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, f'perjodu ta' żmien raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.

1. Fejn, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 67(1), Stat Membru jsib li għalkemm batterija hija konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, hija tippreżenta riskju **jew tista' titqies raġonevolment li tippreżenta riskju** għas-saħħa tal-bniedem jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-protezzjoni tal-proprjetà jew għall-ambjent, huwa għandu jitlob lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li l-batterija kkonċernata, meta titqiegħed fis-suq, ma tibqax tippreżenta dak ir-riskju, biex il-batterija tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, f'perjodu ta' żmien raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 400

Proposta għal regolament

Artikolu 68 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istat Membru għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-batteriji kkonċernati, l-oriġini u l-katina **tal-provvista** tal-batterija, in-natura tar-riskju involut u n-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda.

Emenda

3. L-Istat Membru għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-batteriji kkonċernati, l-oriġini u l-katina **tal-valur** tal-batterija, in-natura tar-riskju involut u n-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda.

Emenda 401

Proposta għal regolament

Artikolu 68a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 68a

Faċilità ta' ttestjar tal-Unjoni

1. Sa ... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha taħtar **faċilità ta' ttestjar tal-Unjoni speċjalizzata fil-batteriji f'konformità mal-Artikolu 21(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/1020.**
2. Il-faċilità ta' ttestjar tal-Unjoni għandha sservi bħala **ċentru ta' kompetenza biex:**
 - (a) **tippovdi, b'deroga mill-Artikolu 21(6)(b) tar-Regolament (UE) 2019/1020, pariri tekniċi u xjentifiċi indipendenti lill-Kummissjoni matul l-investigazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament u matul l-evalwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 67(1) u 68(4) ta' dan ir-Regolament;**
 - (b) **tittestja l-batteriji fuq talba tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bl-iskop tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 66(1).**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 402
Proposta għal regolament
Artikolu 68b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 68b**Ċentri nazzjonali ta' kompetenza għall-batteriji**

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jaqblu mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi u ċ-ċentri ta' riċerka biex jistabbilixxu ċentru nazzjonali ta' kompetenza għall-batteriji f'kull Stat Membru.
2. Iċ-ċentri nazzjonali ta' kompetenza għall-batteriji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iwettqu attivitajiet li għandhom l-għan li jippromwovu l-konformità, jidentifikaw in-nuqqas ta' konformità, iqajmu kuxjenza u jipprovdu gwida u pariri tekniċi fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Fejn rilevanti, partijiet ikkonċernati oħra, bħal organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-utenti finali, jistgħu jipparteċipaw ukoll fl-attivitajiet taċ-ċentri nazzjonali ta' kompetenza għall-batteriji.
3. F'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq u l-partijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li l-attivitajiet imwettqa miċ-ċentri nazzjonali ta' kompetenza għall-batteriji ma jwasslux għal kompetizzjoni inġusta bejn l-operaturi ekonomiċi u ma jaffettwawx l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-partijiet.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 403

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 66, meta Stat Membru jsib li batterija li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 68 ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament jew li operatur ekonomiku jkun kiser obbligu stabbilit f'dan ir-Regolament, dan għandu jesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jtemm in-nuqqas ta' konformità kkonċernat. Dawn in-nuqqasijiet ta' konformità għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

Emenda

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 66, meta Stat Membru jsib li batterija li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 68 ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament jew li operatur ekonomiku jkun kiser obbligu stabbilit f'dan ir-Regolament, dan għandu jesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jtemm in-nuqqas ta' konformità kkonċernat. **Biex jiffaċilitaw dan il-kompitu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kanali ta' rapportar faċilment aċċessibbli għall-konsumaturi dwar in-nuqqas ta' konformità.** Dawn in-nuqqasijiet ta' konformità għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

Emenda 404

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) ir-rekwiżiti relatati mal-politika ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista** fl-Artikolu 39 ma **jigħux** issodisfati.

Emenda

(k) ir-rekwiżiti relatati mal-politika ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur** fl-Artikolu 39 ma **jkunux** issodisfati;

Emenda 405

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(k) ir-rekwiżiti relatati mal-politika ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur** fl-Artikolu 39 ma **jkunux** issodisfati;

Emenda

(ka) ir-rekwiżiti **dwar il-passaport tal-batterija msemmi fl-Artikolu 65 ma jkunux** issodisfati.

Emenda 406

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

3a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jingħataw setgħat investigattivi f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/1020 biex iwettqu kontrolli xierqa, sew jekk ibbażati fuq ir-riskju jew abbażi ta' informazzjoni riċevuta, biex jidentifikaw nuqqas ta' konformità possibbli.

Emenda

3a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jingħataw setgħat investigattivi f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/1020 biex iwettqu kontrolli xierqa, sew jekk ibbażati fuq ir-riskju jew abbażi ta' informazzjoni riċevuta, biex jidentifikaw nuqqas ta' konformità possibbli.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 407

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkooperaw biex jiżguraw l-infurzar transfruntier ta' dan ir-Regolament f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu VI tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Emenda 408

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3c. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw f'network ta' infurzar biex jappoġġaw lil xulxin fil-proċedura ta' ksur f'każ ta' bejgħ transfruntier fl-Unjoni.

Emenda 409

Proposta għal regolament

Artikolu 70 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-awtoritajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jew fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jew l-entitajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, meta jakkwistaw batteriji jew prodotti li fihom il-batteriji f'sitwazzjonijiet koperti minn dawk id-Direttivi, għandhom **iqisu l-impatti ambjentali tal-batteriji matul iċ-ċiklu** tal-ħajja tagħhom bil-ħsieb li jiżguraw li tali impatti tal-batteriji akkwistati jinżammu għal minimu.

1. L-awtoritajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jew fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jew l-entitajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, meta jakkwistaw batteriji jew prodotti li fihom il-batteriji f'sitwazzjonijiet koperti minn dawk id-Direttivi, għandhom **jagħtu preferenza lill-inqas batteriji li jagħmlu ħsara lill-ambjent abbażi taċ-ċiklu** tal-ħajja **kollu** tagħhom bil-ħsieb li jiżguraw li tali impatti tal-batteriji akkwistati jinżammu għal minimu.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 410

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Jekk Stat Membru jikkunsidra li l-użu ta' sustanza fil-manifattura tal-batteriji, jew il-preżenza ta' sustanza fil-batteriji meta jitqiegħdu fis-suq, jew matul l-istadji taċ-ċiklu tal-ħajja sussegwenti tagħhom, inkluża l-fażi tal-iskart, jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, u li dak ir-riskju ma jkunx ikkontrollat b'mod adegwat u jeħtieġ jiġi indirizzat, huwa għandu jinnotifika lill-Aġenzija li ttipprova li tħejji dossier li jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dossier ta' restrizzjonijiet. Jekk dak id-dossier juri li tkun meħtieġa azzjoni fuq bażi Komunitarja, lil hinn minn kwalunkwe miżura diġà stabbilita, l-Istat Membru għandu jippreżenta dak id-dossier lill-Aġenzija sabiex jinbeda l-proċess ta' restrizzjonijiet.

Emenda 411

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

14a. Fi żmien 6 xhur minn kwalunkwe emenda tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew mid-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni futura tal-Unjoni dwar kriterji ta' sostenibbiltà għal sustanzi perikolużi u sustanzi kimiċi, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dik l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew dik il-leġislazzjoni futura tal-Unjoni titlobx emenda ta' dan l-Artikolu, u tadotta, fejn xieraq, att delegat f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament biex temenda dawk id-dispożizzjonijiet skont il-każ.

Emenda 412

Proposta għal regolament

Artikolu 72 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Jistgħu jiġu rikonoxxuti biss skemi mmexxija mill-industrija li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 39 u li jkunu vverifikati minn atturi terzi.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 413

Proposta għal regolament

Artikolu 73 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 6(2), 7(1), (2) u (3), 9(2), 10(3), 12(2), 17(4), 27(3), 39(8), 55(4), 56(4), 57(6), 58(3) u 70(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda

2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 6(2), 6(5a), 7(1) **it-tielet subparagrafu, punt (a), 7(1), ir-raba' subparagrafu, 7(2) ir-raba' subparagrafu, punt (a), 7(3) it-tielet u r-raba' subparagrafu, 8(1) it-tieni subparagrafu, punt (a), 8(4a), 9(2) it-tieni subparagrafu, 10 (1b) u (1c), 10(3) l-ewwel subparagrafu, 10(3a), 11a (4), 11b (2), 13(6a), 14(3) subparagrafu 1a,** 12(2), 17(4), 39(8) **u (8a), 55(2b), 56(4), 57(4), 57(5a), 58(3), 64(5), 65(7), 70(3), 71 (14a) u 76(1b)** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 414

Proposta għal regolament

Artikolu 73 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6(2), 7(1), (2) u (3), 9(2), 10(3), 12(2), 17(4), 27(3), 39(8), 55(4), 56(4), 57(6), 58(3) u 70(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6(2), 6(5a), 7(1) **it-tielet subparagrafu, punt (a), 7(1), ir-raba' subparagrafu, 7(2) ir-raba' subparagrafu, punt (a), 7(3) it-tielet u r-raba' subparagrafu, 8(1) it-tieni subparagrafu, punt (a), 8(4a), 9(2) it-tieni subparagrafu, 10(1b) u (1c), 10(3) l-ewwel subparagrafu, 10(3a), 11a (4), 11b(2), 13(6a), 14(3) subparagrafu 1a,** 12(2), 17(4), 39(8) u (8a), 55(2b), 56(4), 57(4), 57(5a), 58(3), 64(5), 65(7), 70(3), 71(14a) u 76(1b) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 415

Proposta għal regolament

Artikolu 73 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(2), **7(1), (2) u (3), 9(2), 10(3)**, 12(2), 17(4), **27(3)**, 39(8), **55(4)**, 56(4), **57(6)**, 58(3) u **70(2)** għandu jidhrol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(2), **6(5a)**, **7(1) it-tielet subparagrafu, punt (a)**, **7(1), ir-raba' subparagrafu, 7(2) ir-raba' subparagrafu, punt (a)**, **7(3) it-tielet u r-raba' subparagrafu, 8(1) it-tieni subparagrafu, punt (a)**, **8(4a)**, **9(2) it-tieni subparagrafu, 10(1b) u (1c)**, **10(3) l-ewwel subparagrafu, 10(3a), 11a(4), 11b(2), 13(6a), 14(3) subparagrafu 1a**, 12(2), 17(4), 39(8) u **(8a), 55(2b)**, 56(4), **57(4), 57(5a)**, 58(3), **64(5), 65(7), 70(3), 71(14a) u 76(1b)** għandu jidhrol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 416

Proposta għal regolament

Artikolu 75 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(2) fl-Anness I, **jjdied** il-punt **71 li ġej mal-lista** ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni:

Emenda

(2) fl-Anness I, il-punt **21 tal-lista** tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni **huwa sostitwit b'dan li ġej**:

Emenda 417

Proposta għal regolament

Artikolu 76 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-1 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa kriterji jew linji gwida armonizzati għal penali effettivi, proporzjonati u dissważivi u għall-kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

Dawn il-kriterji għandhom, tal-anqas, ikopru t-tipi ta' ksur li ġejjin:

- *dikjarazzjonijiet foloz matul il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-Kapitolu IV u l-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 66 u 68;*
- *falsifikazzjoni tar-riżultati ta' testijiet għal skopijiet ta' konformità jew sorveljanza tas-suq;*
- *nuqqas ta' divulgazzjoni ta' data jew speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu għas-sejħa lura tal-batterija jew tal-komponenti tagħha jew għar-rifjut jew l-irtirar tad-dikjarazzjoni ta' konformità.*

Emenda 418

Proposta għal regolament

Artikolu 76 – paragrafu 1b (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-1 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu kriterji għal penali effettivi, proporzjonati u dissważivi u għall-kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi li jkopru tal-anqas il-ksur elenkat fil-paragrafu 1a.

Emenda 419

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kummissjoni għandha theggi rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent u fuq il-funzjonament tas-suq intern.

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030, **u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem**, il-Kummissjoni għandha theggi rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, **fuq is-saħħa tal-bniedem** u fuq il-funzjonament tas-suq intern, **u tissottomettih u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

Emenda 420

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ir-reqwiziti ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-provvista** stabbiliti fl-Artikoli 39 u 72;

(c) ir-reqwiziti ta' diliġenza dovuta għall-katina **tal-valur tal-batteriji** stabbiliti fl-Artikoli 39 u 72;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 421

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) *il-miżuri dwar l-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi stabbiliti fl-Artikolu 45;*

Emenda 422

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) *il-ksur u l-effikaċja, il-proporzjonalità u d-dissważività tal-penali kif stabbiliti fl-Artikolu 76;*

Emenda 423

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) *analiżi tal-impatt tar-Regolament fuq il-kompetittività u fuq l-investimenti fis-settur tal-batteriji, kif ukoll tal-piż amministrattiv.*

Emenda 424

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-emendar tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Jekk ikun xieraq, ir-rapport **imsemmi fil-paragrafu 1** għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-emendar tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 425

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandu japplika **mill-1 ta' Jannar 2022**.

Għandu japplika minn ... [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 426

Proposta għal regolament

Anness I – tabella – ringiela 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Ċomb

Il-batteriji portabbli, kemm jekk inkorporati f'tagħmir kif ukoll jekk le, ma għandux ikun fihom aktar minn 0,01 % kadmju (espress bħala metall tal-kadmju) skont il-piż.

Nru tal-CAS 7439-92-1

KE Nru 231-100-4 u l-komposti tiegħu

Emenda 427

Proposta għal regolament

Anness II – punt 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) “Klassifikazzjonijiet tal-kwalità tad-data” tfisser valutazzjoni semikwantitattiva tal-kriterji ta' kwalità ta' sett ta' data bbażata fuq ir-rappreżentattività teknoloġika, ir-rappreżentattività ġeografika, ir-rappreżentattività relatata mal-ħin, u l-preċiżjoni. Il-kwalità tad-data għandha titqies bħala dik tas-sett tad-data kif iddokumentata.

Emenda 428

Proposta għal regolament

Anness II – punt 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-regoli armonizzati tal-kalkolu msemmija fl-Artikolu 7 għandhom jibnu fuq l-elementi essenzjali inklużi f'dan l-Anness, ikunu konformi mal-aħħar verżjoni tal-metodu tal-Kummissjoni dwar l-Impronta Ambjentali tal-Prodotti⁽⁸⁰⁾ (**il-PEF**) u mar-Regoli tal-Kategorija rilevanti marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEFCRs)⁽⁸¹⁾ u jirriflettu l-ftehimiet internazzjonali u l-progress tekniku/xjentifiku fil-qasam tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja⁽⁸²⁾.

⁽⁸⁰⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013H0179&from=MT>

⁽⁸¹⁾ https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/pdf/PEFCR_guidance_v6.3.pdf

⁽⁸²⁾ Ara https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/dev_methods.htm

Ir-regoli armonizzati tal-kalkolu msemmija fl-Artikolu 7 għandhom jibnu fuq l-elementi essenzjali inklużi f'dan l-Anness, ikunu konformi mal-aħħar verżjoni tal-metodu tal-Kummissjoni dwar l-Impronta Ambjentali tal-Prodotti⁽⁸⁰⁾ (**il-PEF**) u mar-Regoli tal-Kategorija rilevanti marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEFCRs)⁽⁸¹⁾ u jirriflettu l-ftehimiet internazzjonali u l-progress tekniku/xjentifiku fil-qasam tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja⁽⁸²⁾. **L-iżvilupp u l-aġġornament tal-metodi tal-PEF u tal-PEFCRs rilevanti jridu jkunu miftuħa u trasparenti, u jinvolvu rappreżentanza adegwata tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tad-dinja akkademika u ta' partijiet interessati oħra.**

⁽⁸⁰⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013H0179&from=MT>

⁽⁸¹⁾ https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/pdf/PEFCR_guidance_v6.3.pdf

⁽⁸²⁾ Ara https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/dev_methods.htm

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 429

Proposta għal regolament

Anness II – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Użu ta' enerġija u kontabilizzazzjoni

Fil-kalkolu tal-intensità tal-karbonju tal-enerġija użata fl-istadji u l-proċessi differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji kif elenkati fil-punt 4, għandha tintuża d-data tal-emissjonijiet tal-karbonju medji għall-pajjiż fejn tkun seħħet l-attività jew il-proċess speċifiku. Fatturi ta' emissjonijiet aktar baxxi għandhom jintużaw biss meta l-attur ekonomiku jkun jista' juri b'mod affidabbli li r-reġjun fejn tkun seħħet l-attività speċifika u li tkun issupplixxiet l-enerġija lill-operatur ekonomiku jew il-proċessi individwali jew il-provvista tal-enerġija tiegħu jkollhom intensità inqas qawwija ta' karbonju mill-medja tal-pajjiż. Dan għandu jintwera permezz ta' prova li l-enerġija tkun meħuda minn dak ir-reġjun u li jkollha intensità inqas qawwija ta' karbonju jew permezz ta' konnessjoni diretta ma' sors ta' enerġija rinnovabbli jew b'livell aktar baxx ta' karbonju jew kuntratt li juri rabta temporali u ġeografika bejn il-provvista tal-enerġija u l-użu mill-operatur ekonomiku, li għandha tiġi vverifikata b'dikjarazzjoni ta' verifika minn parti terza.

Emenda 430

Proposta għal regolament

Anness II – punt 4 – paragrafu 1 – tabella – ringiela 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-akkwist u l-ipproċessar minn qabel tal-materja prima

Inkluż l-estrazzjoni u l-ipproċessar minn qabel, sal-manifattura ta' ċelloli u komponenti ta' batteriji (materjali attivi, separatur, elettrolit, kejsings, komponenti attivi u passivi tal-batteriji), u komponenti elettriċi/elettroniċi.

Emenda

L-akkwist u l-ipproċessar minn qabel tal-materja prima

Inkluż l-estrazzjoni u **sorsi oħra rilevanti**, l-ipproċessar minn qabel u **t-trasport tal-materja prima u l-materjali attivi kollha**, sal-manifattura ta' ċelloli u komponenti ta' batteriji (materjali attivi, separatur, elettrolit, kejsings, komponenti attivi u passivi tal-batteriji), u komponenti elettriċi/elettroniċi.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 431

Proposta għal regolament

Anness II – punt 4 – paragrafu 3

Test proposit mill-Kummissjoni

Il-fażi tal-użu **jenħtieġ li** tiġi eskluża mill-kalkoli tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja, **minħabba li ma tkunx taħt l-influwenza diretta tal-manifatturi, sakemm ma jintweriex** li l-għażliet **li jsiru mill-manifatturi tal-batteriji fl-istadju** tad-disinn **jistgħu jagħtu** kontribut **mhux** negliġibbli għal dan l-impatt.

Emenda

Il-fażi tal-użu **tista' biss** tiġi eskluża mill-kalkoli tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja **meta l-manifatturi jkunu jistgħu juru b'mod affidabbli** li l-għażliet tad-disinn **iwasslu biss għal** kontribut negliġibbli għal dan l-impatt.

Emenda 432

Proposta għal regolament

Anness II – punt 5 – paragrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

B'mod partikolari, id-data kollha dwar l-attivitatiet relatata **mal-anodu**, il-katodu, l-elettrolit, is-separatur u l-kejsing taċ-ċelloli tal-batterija għandha tirreferi għal mudell speċifiku ta' batterija prodott f'impjant speċifiku tal-produzzjoni (jiġifieri, ma għandha tintuża l-ebda data awtomatika dwar l-attività). Id-data tal-attività speċifika għall-batterija għandha tintuża flimkien mas-settijiet ta' data sekondarji rilevanti konformi mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott.

Emenda

B'mod partikolari, id-data kollha dwar l-attivitatiet relatata **mal-materja prima, l-anodu**, il-katodu, l-elettrolit, is-separatur u l-kejsing taċ-ċelloli tal-batterija għandha tirreferi għal mudell speċifiku ta' batterija prodott f'impjant speċifiku tal-produzzjoni (jiġifieri, ma għandha tintuża l-ebda data awtomatika dwar l-attività). Id-data tal-attività speċifika għall-batterija għandha tintuża flimkien mas-settijiet ta' data sekondarji rilevanti konformi mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott.

Emenda 433

Proposta għal regolament

Anness II – punt 5 – paragrafu 5 – inċiż 1

Test proposit mill-Kummissjoni

— L-akkwist u l-ipproċessar minn qabel tal-materja prima

Emenda

— L-akkwist, **inkluż it-trasport**, u l-ipproċessar minn qabel tal-materja prima

Emenda 434

Proposta għal regolament

Anness II – punt 8 – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Skont id-distribuzzjoni tal-valuri tad-dikjarazzjonijiet tal-impronta tal-karbonju tal-batteriji fis-suq intern tal-UE, se jiġu identifikati għadd sinifikanti ta' klassijiet tal-prestazzjoni, bil-kategorija A li hija l-aħjar klassi bl-inqas impatt tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja, sabiex ikun hemm lok għal differenzjazzjoni fis-suq.

Emenda

Skont id-distribuzzjoni tal-valuri tad-dikjarazzjonijiet tal-impronta tal-karbonju **u l-klassifikazzjonijiet tal-kwalità tad-data** tal-batteriji fis-suq intern tal-UE, se jiġu identifikati għadd sinifikanti ta' klassijiet tal-prestazzjoni, bil-kategorija A li hija l-aħjar klassi bl-inqas impatt tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja, sabiex ikun hemm lok għal differenzjazzjoni fis-suq.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 435**Proposta għal regolament****Anness III – titolu***Test propost mill-Kummissjoni*

Parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà għal batteriji portabbli **ta' użu ġenerali**

Emenda

Parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà għal batteriji portabbli

Emenda 436**Proposta għal regolament****Anness III – punt 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-kapaċità tal-batterija, iċ-ċarġ elettriku li batterija tista' tipprovdi **f'sett speċifiku ta' kundizzjonijiet**.

Emenda

1. Il-kapaċità tal-batterija, iċ-ċarġ elettriku li batterija tista' tipprovdi **f'kundizzjonijiet tal-ħajja reali**.

Emenda 437**Proposta għal regolament****Anness III – punt 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-ħajja fuq l-ixkaffa (prestazzjoni ta' **skarika** mdewwem), it-tnaqqis relattiv tad-durata medja minima wara perjodu definit ta' żmien u kundizzjonijiet speċifiċi.

Emenda

3. Il-ħajja fuq l-ixkaffa (prestazzjoni ta' **skariku** mdewwem), it-tnaqqis relattiv tad-durata medja minima **bil-kapaċità mkejla inizzjalment bħala l-punt ta' referenza**, wara perjodu definit ta' żmien u kundizzjonijiet speċifiċi.

Emenda 438**Proposta għal regolament****Anness IV – titolu***Test propost mill-Kummissjoni*

Rekwiżiti tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà għal batteriji **rikarikabbli** industrijali u tal-vetturi elettriċi

Emenda

Rekwiżiti tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà għal batteriji **ta' mezzi ta' trasport ħfief u għal batteriji** industrijali u tal-vetturi elettriċi

Emenda 439**Proposta għal regolament****Anness IV – Parti A – paragrafu 1 – punt 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Ir-reżistenza interna ($f\Omega$) **u ż-żieda** fir-reżistenza interna ($f\%$).

Emenda

3. Ir-reżistenza interna ($f\Omega$), **iż-żieda** fir-reżistenza interna ($f\%$) **u l-impedanza elettrokimika ($f\Omega$)**.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 440

Proposta għal regolament

Anness IV – Parti A – paragrafu 1 – punt 5

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

5. **Indikazzjoni tat-tul** ta' ħajja mistenni tagħhom **skont il-kundizzjonijiet** li ġew iddisinjati għalihom.

5. **It-tul** ta' ħajja mistenni tagħhom **fil-kundizzjonijiet ta' referenza** li **jkunu** ġew iddisinjati għalihom **f'termini ta' ċikli u snin kalendarji**.

Emenda 441

Proposta għal regolament

Anness IV – Parti A – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Awtoskariku.

Emenda 442

Proposta għal regolament

Anness IV – Parti A – paragrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

“Kapaċità attribwita” tfisser l-għadd totali ta' sigħat ampere (Ah) li jistgħu jiġu rtirati minn batterija kompletament iċċarġjata f'kundizzjonijiet speċifiċi.

“Kapaċità attribwita” tfisser l-għadd totali ta' sigħat ampere (Ah) li jistgħu jiġu rtirati minn batterija kompletament iċċarġjata f'kundizzjonijiet **ta' referenza** speċifiċi.

Emenda 443

Proposta għal regolament

Anness IV – Parti A – paragrafu 3

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

“Tbaxxija tal-kapaċità” tfisser it-tnaqqis matul iż-żmien u mal-użu tal-ammont ta' ċarġ li batterija tista' tforni bil-vultaġġ attribwit, fir-rigward tal-kapaċità speċifikata oriġinali **ddikjarata mill-manifattur**.

“Tbaxxija tal-kapaċità” tfisser it-tnaqqis matul iż-żmien u mal-użu tal-ammont ta' ċarġ li batterija tista' tforni bil-vultaġġ attribwit, fir-rigward tal-kapaċità speċifikata oriġinali.

Emenda 444

Proposta għal regolament

Anness IV – Parti A – paragrafu 4

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

“Potenza” tfisser l-ammont ta' enerġija li batterija tista' tipprovdi matul perjodu ta' żmien partikolari.

“Potenza” tfisser l-ammont ta' enerġija li batterija tista' tipprovdi matul perjodu ta' żmien partikolari **fil-kundizzjonijiet ta' referenza**.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 445

Proposta għal regolament

Anness IV – Parti A – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

“Reżistenza interna” tfisser l-oppożizzjoni għall-fluss tal-kurrent ġewwa ċellola jew batterija, jiġifieri, it-total tar-reżistenza elettronika u r-reżistenza jonika għall-kontribut għar-reżistenza effettiva totali inklużi l-proprjetajiet induttivi/kapaċitattivi.

Emenda

“Reżistenza interna” tfisser l-oppożizzjoni għall-fluss tal-kurrent ġewwa ċellola jew batterija **fil-kundizzjonijiet ta' referenza**, jiġifieri, it-total tar-reżistenza elettronika u r-reżistenza jonika għall-kontribut għar-reżistenza effettiva totali inklużi l-proprjetajiet induttivi/kapaċitattivi.

Emenda 446

Proposta għal regolament

Anness IV – Parti A – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

“Awtoskariku” tfisser **it-tnaqqis taċ-ċarġ elettriku maħżun meta l-elettrodi tal-batterija ma jkunux imqabbdin, pereżempju meta l-batterija tinħażen jew ma tintużax għal perjodu ta' żmien estiż, pereżempju 48 siegħa, 168 siegħa, 720 siegħa, bl-effett li ċ-ċarġ tal-batterija jonqos gradwalment maż-żmien.**

Emenda 447

Proposta għal regolament

Anness V – punt 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

6. Propagazzjoni termali

Emenda

6. **Protezzjoni minn** propagazzjoni termali

Emenda 448

Proposta għal regolament

Anness V – punt 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

7. Ħsara mekkanika **minn forzi esterni (ta' twaqqiġh u ta' impatt)**

Dawn it-testijiet għandhom jissimulaw sitwazzjoni waħda jew aktar li fihom batterija **titwaqqa'** aċċidentalment **jew tintlaqat minn tagħbija tqila** u tibqa' operattiva għall-iskop li għalih tkun ġiet iddisinjata. Il-kriterji għas-simulazzjoni ta' dawn is-sitwazzjonijiet jenħtieġ li jirriflettu l-użi tal-ħajja reali.

Emenda

7. **Protezzjoni minn** ħsara mekkanika

Dawn it-testijiet għandhom jissimulaw sitwazzjoni waħda jew aktar li fihom batterija **tiġi esposta** aċċidentalment **għal stress mekkaniku** u tibqa' operattiva għall-iskop li għalih tkun ġiet iddisinjata. Il-kriterji għas-simulazzjoni ta' dawn is-sitwazzjonijiet jenħtieġ li jirriflettu l-użi tal-ħajja reali.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 449

**Proposta għal regolament
Anness V – punt 9a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9a. Test tan-nirien

L-għan tat-test tan-nirien huwa li jesponi l-batterija għan-nar u jivvaluta r-riskju ta' splużjoni. Il-kejl tal-enerġija rilaxxata huwa indikatur importanti tas-sikurezza.

Emenda 450

**Proposta għal regolament
Anness V – punt 9b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9b. Emissjoni ta' gassijiet – kejl ta' sustanzi perikolużi

Il-batteriji jista' jkun fihom ammonti sinifikanti ta' materjal potenzjalment perikoluż, pereżempju elettroliti li jieħdu n-nar malajr ħafna, komponenti korrużivi u tossiċi. Jekk tkun esposta għal ċerti kundizzjonijiet, l-integrità tal-batterija tista' tiġi compromessa bir-rilaxx ta' gassijiet perikolużi. Għalhekk, huwa importanti li jiġu identifikati u kkwantifikati s-sustanzi li jiġu rilaxxati mill-batterija matul it-testijiet li jirrappreżentaw użu ħażin u abbuż.

Emenda 451

**Proposta għal regolament
Anness VI – Parti A – paragrafu 1 – punt 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. id-data tat-tqegħid fis-suq;

imħassar

Emenda 452

**Proposta għal regolament
Anness VI – Parti A – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. il-piż tal-batterija;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 453

Proposta għal regolament

Anness VI – Parti A – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. sustanzi perikolużi li jinsabu fil-batterija għajr il-merkurju, il-kadmju jew iċ-ċomb;

Emenda

7. sustanzi perikolużi li jinsabu fil-batterija **f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0,1 % piż b'piż** għajr il-merkurju, il-kadmju jew iċ-ċomb;

Emenda 454

Proposta għal regolament

Anness VI – Parti A – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. materja prima kritika li tinsab fil-batterija.

Emenda

imħassar

Emenda 455

Proposta għal regolament

Anness VI – Parti Aa (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Aa Informazzjoni addizzjonali dwar il-batteriji miksuba permezz tal-kodiċi QR:

Emenda

Aa Informazzjoni addizzjonali dwar il-batteriji miksuba permezz tal-kodiċi QR:

1. Id-data tat-tqegħid fis-suq.
2. Materja prima kritika fil-batterija f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0,1 % piż b'piż.
3. Informazzjoni relatata mal-konsum ta' enerġija elettrika, forom oħra ta' enerġija u, fejn rilevanti, riżorsi essenzjali oħra waqt l-użu.

Emenda 456

Proposta għal regolament

Anness VI – Parti C – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kodiċi QR għandu jkun **100 % iswed** u ta' daqs li jista' jinqara faċilment minn qarrej tal-QR li jkun disponibbli b'mod wiesa', bħal dawk integrati f'apparat ta' komunikazzjoni li jinżamm fl-idejn.

Emenda

Il-kodiċi QR għandu jkun **ta' kulur b'kuntrast qawwi meta mqabbel mal-isfond tiegħu** u ta' daqs li jista' jinqara faċilment minn qarrej tal-QR li jkun disponibbli b'mod wiesa', bħal dawk integrati f'apparat ta' komunikazzjoni li jinżamm fl-idejn.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 457

Proposta għal regolament

Annex VIII – Parti A – punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kontroll intern tal-produzzjoni huwa l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3, u 4, u jiżgura u jiddikjara li l-batterija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 9, **10**, 11, **12**, 13 u 14 applikabbli għalihom.

Emenda

Il-kontroll intern tal-produzzjoni huwa l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3, u 4, u jiżgura u jiddikjara li l-batterija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 9, 11, 13 u 14 applikabbli għalihom.

Emenda 458

Proposta għal regolament

Annex VIII – Parti B – punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kontroll intern tal-produzzjoni flimkien mal-verifika taħt supervizzjoni huwa l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3, 4 u 5, u jiżgura u jiddikjara li l-batterija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 39 li japplikaw.

Emenda

Il-kontroll intern tal-produzzjoni flimkien mal-verifika taħt supervizzjoni huwa l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3, 4 u 5, u jiżgura u jiddikjara li l-batterija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, **10**, **12** u 39 li japplikaw.

Emenda 507

Proposta għar-regolament

Annex IX – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-oġġett tad-dikjarazzjoni (identifikazzjoni tal-batterija li tippermetti t-traċċabbiltà): deskrizzjoni tal-batterija.

Emenda

4. L-oġġett tad-dikjarazzjoni (identifikazzjoni tal-batterija li tippermetti t-traċċabbiltà), **u li jista', fejn xieraq, jinkludi immaġni tal-batterija**): deskrizzjoni tal-batterija.

Emenda 459

Proposta għal regolament

Annex X – punt 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) ħadid;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 460**Proposta għal regolament
Anness X – punt 1 – punt ab (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) ram;**Emenda 461****Proposta għal regolament
Anness X – punt 1 – punt ac (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ac) boksajt;**Emenda 462****Proposta għal regolament
Anness X – punt 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-arja;

(a) l-arja, *inkluż it-tniġġis tal-arja;***Emenda 463****Proposta għal regolament
Anness X – punt 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-ilma;

(b) l-ilma, *inkluż l-aċċess għall-ilma, it-tniġġis u t-tnaqqis tal-ilma ħelu, l-ilma tax-xorb, l-oċeani u l-ibħra;***Emenda 464****Proposta għal regolament
Anness X – punt 2 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-ħamrija;

(c) il-ħamrija, *inkluża l-kontaminazzjoni tal-ħamrija mir-rimi u t-trattament tal-iskart;*

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 465

**Proposta għal regolament
Anness X – punt 2 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) il-bijodiversità;

(d) il-bijodiversità, **inkluża l-ħsara lill-organiżmi selvaġġi, il-flora, il-ħabitats naturali u l-ekosistemi;**

Emenda 466

**Proposta għal regolament
Anness X – punt 2 – punt da (għdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) **il-klima, inklużi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra;**

Emenda 467

**Proposta għal regolament
Anness X – punt 2 – punt db (għdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) **l-immaniġġar tal-iskart, inkluża l-ħsara kkawżata mir-residwi tal-minjieri;**

Emenda 468

**Proposta għal regolament
Anness X – punt 2 – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) il-ħajja komunitarja.

(i) il-ħajja komunitarja, **inkluża dik tal-popli indiġeni;**

Emenda 469

**Proposta għal regolament
Anness X – punt 2 – punt ia (għdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) **l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 470**Proposta għal regolament****Anness X – punt 3 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni*

(c) Il-Konvenzjoni dwar **id-Deċiżjoni tad-Diversità** Bijoloġika COP VIII/28- Linji gwida volontarji dwar l-inklużjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-Bijodiversità fil-valutazzjoni tal-impatt;

Emenda

(c) Il-Konvenzjoni dwar **id-Diversità** Bijoloġika, **inkluża d-Deċiżjoni** COP VIII/28- Linji gwida volontarji dwar l-inklużjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-Bijodiversità fil-valutazzjoni tal-impatt;

Emenda 471**Proposta għal regolament****Anness X – punt 3 – punt ca (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(ca) **Il-Ftehim ta' Pariġi tan-NU;**

Emenda 472**Proposta għal regolament****Anness X – punt 3 – punt cb (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(cb) **Tmien Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO kif definiti fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol;**

Emenda 473**Proposta għal regolament****Anness X – punt 3 – punt cc (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(cc) **kwalunkwe konvenzjoni ambjentali internazzjonali oħra li torbot lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha,**

Emenda 474**Proposta għal regolament****Anness X – punt 3 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(d) **Id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali;**

imħassar

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 475

Proposta għal regolament
Anness X – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- | | |
|---|-----------------|
| <i>(e) Il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Mgħiba Responsabbli fin-Negozju; u</i> | <i>imħassar</i> |
|---|-----------------|

Emenda 476

Proposta għal regolament
Anness X – punt 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- | | |
|--|-----------------|
| <i>(f) Il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli.</i> | <i>imħassar</i> |
|--|-----------------|

Emenda 477

Proposta għal regolament
Anness X – punt 3 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- | | |
|--|--|
| | <i>(fa) kwalunkwe konvenzjoni ambjentali internazzjonali oħra li torbot lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha.</i> |
|--|--|

Emenda 478

Proposta għal regolament
Anness X – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- | | |
|--|--|
| | <p><i>3a. Il-prinċipji ta' diliġenza dovuta rikonoxxuti internazzjonalment u applikabbli għar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament:</i></p> <p><i>(a) il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem;</i></p> <p><i>(b) il-Linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali;</i></p> <p><i>(c) id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali;</i></p> <p><i>(d) il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imgħiba Responsabbli fin-Negozju;</i></p> <p><i>(e) il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli.</i></p> |
|--|--|

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 479
Proposta għal regolament
Anness XI – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-produtturi jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, u l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw ir-rata ta' ġbir bħala l-perċentwal miksub bid-diviżjoni tal-piż tal-iskart tal-batteriji portabbli **eskluż l-iskart ta' batteriji minn mezzi ta' trasport ħfief**, miġbura skont l-Artikolu 48 u l-Artikolu 55, rispettivament, f'sena kalendarja partikolari fi Stat Membru bil-piż medju ta' tali batteriji li l-produtturi jew ibiġhu direttament lill-utenti finali jew jikkonsenjaw lil partijiet terzi sabiex ibiġhuhom lill-utenti finali f'dak l-Istat Membru matul dik is-sena u s-sentejn kalendarji preċedenti.

Emenda

1. Il-produtturi jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, u l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw ir-rata ta' ġbir bħala l-perċentwal miksub bid-diviżjoni tal-piż tal-iskart tal-batteriji portabbli miġbura skont l-Artikolu 48 u l-Artikolu 55, rispettivament, f'sena kalendarja partikolari fi Stat Membru bil-piż medju ta' tali batteriji li l-produtturi jew ibiġhu direttament lill-utenti finali jew jikkonsenjaw lil partijiet terzi sabiex ibiġhuhom lill-utenti finali f'dak l-Istat Membru matul dik is-sena u s-sentejn kalendarji preċedenti.

Emenda 480
Proposta għal regolament
Anness XI – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- 1a. Il-produtturi jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-produttur li jaġixxu fisimhom, u l-Istati Membri, għandhom jikkalkulaw ir-rata ta' ġbir bħala l-perċentwal miksub bid-diviżjoni tal-piż tal-iskart tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali, miġbura skont l-Artikolu 48 u l-Artikolu 55, rispettivament, f'sena kalendarja partikolari fi Stat Membru bil-piż medju ta' tali batteriji li l-produtturi jbiġhu direttament lill-utenti finali jew jikkonsenjaw lil partijiet terzi sabiex ibiġhuhom lill-utenti finali f'dak l-Istat Membru matul dik is-sena u s-sentejn kalendarji preċedenti.**

Emenda

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 481

Proposta għal regolament

Anness XI – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-produtturi jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, u l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-bejgħ annwali tal-batteriji portabbli, **esklużi l-batteriji minn mezzi ħfief tat-trasport**, lill-utenti finali f'sena partikolari, bħala l-piż ta' tali batteriji mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju tal-Istat Membru fis-sena kkonċernata, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe batterija portabbli li tkun telqet mit-territorju ta' dak l-Istat Membru f'dik is-sena qabel ma nbiegħet lill-utenti finali.

Emenda

2. Il-produtturi jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, u l-Istati Membri, għandhom jikkalkulaw il-bejgħ annwali tal-batteriji portabbli lill-utenti finali f'sena partikolari bħala l-piż ta' tali batteriji mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju tal-Istat Membru fis-sena kkonċernata, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe batterija portabbli li tkun telqet mit-territorju ta' dak l-Istat Membru f'dik is-sena qabel ma nbiegħet lill-utenti finali.

Emenda 482

Proposta għal regolament

Anness X – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

2a. Il-produtturi jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu fisimhom, u l-Istati Membri, għandhom jikkalkulaw il-bejgħ annwali ta' batteriji portabbli ta' użu ġenerali lill-utenti finali f'sena partikolari bħala l-piż ta' tali batteriji mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju tal-Istat Membru fis-sena kkonċernata, bl-esklużjoni ta' batteriji portabbli ta' użu ġenerali li jkunu telqu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru f'dik is-sena qabel ma jkunu nbiegħu lill-utenti finali.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 483

Proposta għal regolament

Anness XII – Parti A – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Għandu jkun hemm prekawzjonijiet speċjali u miżuri ta' sikurezza għat-trattament tal-iskart ta' batteriji abbażi tal-litju li għandu jkun protett mill-esponiment għal sħana eċċessiva, ilma, jew kwalunkwe tgħaffiġ jew ħsara fiżika waqt l-immaniġġjar, l-issortjar u l-ħżin.

Emenda

4. Għandu jkun hemm prekawzjonijiet speċjali u miżuri ta' sikurezza għat-trattament tal-iskart ta' batteriji abbażi tal-litju li għandu jkun protett mill-esponiment għal sħana eċċessiva, ilma, jew kwalunkwe tgħaffiġ jew ħsara fiżika waqt l-immaniġġjar, l-issortjar u l-ħżin. **Dan għandu jinħażen f'post xott, li ma jkunx espost għal temperaturi għoljin, nar jew dawl tax-xemx dirett, għandu jinżamm milqugħ mill-ilma u x-xita, maħżun fl-orientazzjoni normalment installata u f'żoni b'ventilazzjoni tajba. L-iskart ta' batteriji bbażati fuq il-litju għandu jkun kopert ukoll b'tapit iżolanti adatt għal vultaġġ għoli. Il-ħżin tal-iskart ta' batteriji bbażati fuq il-litju għandu jkun immarkat b'sinjal ta' twissija u daww il-batteriji li jkollhom iżolament suffiċjenti kontra xort fiċ-ċirkwit biss għandhom jinħażnu.**

Emenda 484

Proposta għal regolament

Anness XII – Parti B – punt 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ba) **riċiklaġġ ta' 85 % skont il-piż medju ta' batteriji tan-nikil u l-kadmju;**

Emenda 485

Proposta għal regolament

Anness XII – Parti B – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ba) **riċiklaġġ ta' + 85 % skont il-piż medju ta' batteriji tan-nikil u l-kadmju;**

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Emenda 486

Proposta għal regolament

Anness XII – Parti B – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) riċiklaġġ ta' 70 % skont il-piż medju ta' skart ta' batteriji oħrajn.

Emenda 487

Proposta għal regolament

Anness XII – Parti C – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) **35 %** għal-litju;

(d) **70 %** għal-litju;

Emenda 488

Proposta għal regolament

Anness XII – Parti C – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) **70 %** għal-litju;

(d) **90 %** għal-litju;

Emenda 489

Proposta għal regolament

Anness XIII – punt 1 – punt ra (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ra) L-istatus tal-batterija (l-ewwel ħajja, skart, imsewwija, adattata għal skop differenti, riċiklata).